



2023/2120

13.10.2023

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2120

tal-12 ta' Ottubru 2023

li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet tad-diossidi tal-manganiż elettrolitiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ir-Regolament bażiku) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Istati Membri,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

- (1) Fis-16 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' diossidi tal-manganiż elettrolitiċi ("EMD") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina", "ir-RPĊ" jew "il-pajjiż ikkonċernat") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/1036 ("ir-Regolament bażiku"). Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽²⁾ ("in-Notifika ta' Bidu").
- (2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fit-3 ta' Jannar 2023 minn Autlan EMD SL ("l-ilmentatur") jew ("Autlan"). L-ilment kien appoġġat minn Tosoh Hellas Single Member S.A. L-ilment sar mill-industrija tal-Unjoni tal-EMD fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta li kienet biżżejjed sabiex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. Reġistrazzjoni

- (3) Skont l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirreġistra l-importazzjonijiet soġġetti għal investigazzjoni anti-dumping matul il-perjodu ta' qabel id-divulgazzjoni sakemm ma jkollhiex biżżejjed evidenza fis-sens tal-Artikolu 5 li r-rekwiżiti jew fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 10(4) ta' dak ir-Regolament ma għew issodisfati. Wieħed minn dawn ir-rekwiżiti, kif indikat fl-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku, huwa li hemm żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet minbarra l-livell ta' importazzjonijiet li kkawża dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kif jidher fit-Tabella 1 hawn taħt, l-importazzjonijiet tal-EMD li joriġinaw mir-RPĊ urew tnaqqis ta' 66 % fil-volum medju ta' kull xahar tal-importazzjonijiet matul is-6 xhur wara l-bidu tal-każ, meta mqabbla mal-importazzjonijiet medji fix-xahar matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, sabiex titqies kwalunkwe staġunalità potenzjali fl-importazzjonijiet, il-Kummissjoni qabblet il-volum medju ta' kull xahar tal-importazzjonijiet matul is-6 xhur wara l-bidu tal-każ mal-istess 6 xhur fil-perjodu ta' investigazzjoni. Din l-analiżi wriet tnaqqis fil-volum medju ta' importazzjonijiet fix-xahar ta' 68 %.

⁽¹⁾ ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

⁽²⁾ Notifika ta' Bidu ta' proċedura anti-dumping rigward l-importazzjoni ta' ċerti dijossidi tal-manganiż li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 57, 16.2.2023, p. 11).

Tabella 1

Importazzjonijiet miċ-Ċina fil-perjodu ta' investigazzjoni u wara l-bidu (kg)

	Medja ta' kull xahar tal-perjodu ta' investigazzjoni	Marzu–Awwissu 2022 medja ta' kull xahar	Marzu–Awwissu 2023 medja ta' kull xahar
Importazzjonijiet miċ-Ċina fl-UE	1 048 558	1 082 617	351 404

Sors: Eurostat, il-bażi tad-data tas-Sorveljanza.

- (4) Billi l-evidenza fil-fajl uriet li r-reqwizit skont il-punt (d) tal-Artikolu 10(4) ma ġiex issodisfat, il-Kummissjoni ma għamlitx l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament bażiku.

1.3. Id-distorsjonijiet fil-materja prima

- (5) Fis-7 ta' Settembru 2023, l-ilmentatur għamel talba f'konformità mal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku biex jinkludi l-eżami tal-allegati distorsjonijiet tal-materja prima fil-pajjiż ikkonċernat fir-rigward tal-prodott investigat biex jiġi vvalutat, f'każ li jkun rilevanti, jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx biżżejjed biex jitneħħa d-dannu. L-ilmentatur ipprova biżżejjed evidenza li ma hemm l-ebda rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud ("VAT") fuq l-esportazzjonijiet tal-minerali tal-manganiż fil-pajjiż ikkonċernat. It-tnaqqis jew it-tħassir tar-rifużjoni tal-VAT huma elenkati fl-Artikolu 7(2a), it-tieni subparagrafu tar-Regolament bażiku, bħala waħda mid-distorsjonijiet rilevanti tal-materja prima. L-evidenza fil-fajl turi wkoll li l-mineral tal-manganiż jammonta għal ferm aktar mill-livell limitu ta' 17 % tal-kost tal-produzzjoni tal-prodott investigat fil-pajjiż ikkonċernat kif meħtieġ mill-Artikolu 7(2a), il-ħames subparagrafu tar-Regolament bażiku. It-tqabbil tal-prezz tal-mineral tal-manganiż fir-RPĊ mal-prezz mingħajr distorsjoni tal-mineral tal-manganiż mibjugħ fi swieq internazzjonali rappreżentattivi, ippubblikat minn Fast Markets ⁽³⁾ juri li l-prezzijiet Ċiniżi huma inqas minn dawk tas-swieq internazzjonali rappreżentattivi ⁽⁴⁾ skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2a), it-tieni subparagrafu tar-Regolament bażiku. Biex jiġu eżaminati d-distorsjonijiet fil-materja prima u biex jiġi vvalutat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx biżżejjed biex jitneħħa d-dannu fl-istadju definittiv, il-Kummissjoni emendat l-Avviż ta' Bidu tas-16 ta' Frar 2023 abbażi tal-Artikolu 7(2a) u l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku. L-Avviż ta' bidu emendat ġie ppubblikat fit-13 ta' Settembru 2023 ⁽⁵⁾ ("Avviż ta' bidu emendat"). Wara din l-emenda, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kapaċitajiet ta' riżerva fil-pajjiż ikkonċernat, il-kompetizzjoni għall-materja prima u l-effett fuq il-ktajjen tal-provvista għall-kumpaniji fl-Unjoni f'format liberu jew billi jitlestew il-partijiet rilevanti tal-kwestjonarji dwar id-distorsjonijiet tal-materja prima. Il-Kummissjoni baġhtet ukoll kwestjonarju lill-GTĊ dwar id-distorsjonijiet fil-materja prima fis-sens tal-Artikoli 7(2a) u 7(2b) tar-Regolament bażiku. Id-determinazzjoni dwar id-distorsjonijiet fil-materja prima se ssir fi stadju definittiv. Is-sejbiet proviżorji li jinsabu f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għall-konklużjonijiet tal-investigazzjoni dwar id-distorsjonijiet fil-materja prima, li se jiġu riflessi fl-istadju definittiv tal-proċediment.

1.4. Partijiet interessati

- (6) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-ilmentaturi, lil produtturi magħrufa oħrajn tal-Unjoni, lil produtturi esportaturi magħrufa u lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, lil importaturi magħrufa, fornituri u utenti, kif ukoll lil assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jieħdu sehem.
- (7) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkumentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u li jitolbu seduta ta' smiġħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali. Saru seduti ma' żewġ utenti u produttur wieħed tal-Unjoni.

⁽³⁾ <https://www.fastmarkets.com/newgen/battery-materials/manganese>

⁽⁴⁾ Għall-maġġoranza tax-xhur matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2022, il-prezzijiet tal-mineral tal-manganiż Ċiniż huma ferm aktar baxxi mill-prezzijiet fis-swieq internazzjonali rappreżentattivi (Lulju–Novembru 2021 (– 3,8 %), Frar–Marzu 2022 (– 3,6 %)).

⁽⁵⁾ ĠU C 323, 13.9.2023, p. 10.

1.5. Kampjunar

- (8) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

- (9) Minħabba l-għadd limitat ta' produtturi tal-Unjoni tad-diossidi tal-manganiż elettrolitiċi, fin-Notifika ta' Bidu l-Kummissjoni ħabbret li kienet se tagħmel il-kwestjonarji disponibbli għall-uniċi żewġ produtturi magħrufa tal-Unjoni. Dawn iż-żewġ produtturi tal-Unjoni pprovdew tveġiba għall-kwestjonarju u l-ebda produttur ieħor tal-Unjoni ma ppreżenta ruħu wara l-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kellhiex għalfejn tirrikorri għall-kampjunar.

Kampjunar tal-importaturi

- (10) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.
- (11) Ma kien hemm l-ebda importatur mhux relatat li pprova l-informazzjoni mitluba.

Kampjunar tal-produtturi esportaturi

- (12) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha magħrufa fiċ-Ċina biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.
- (13) Seba' produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat li esportaw l-EMD lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, iprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' żewġ produtturi esportaturi abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li seta' kien raġonevolment investigat fiż-żmien disponibbli. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa kollha kkonċernati, u l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat, ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun.
- (14) Wara l-kummenti tal-ilmentatur fejn huwa lmentat li l-kampjun ma kienx rappreżentattiv biżżejjed għall-Ġermanja, għall-Belġju u għall-Polonja, fejn il-prodott li qiegħed jiġi investigat kien jinbiegħ b'mod predominanti, il-Kummissjoni emendat il-kampjun propost billi inkludiet produttur esportatur terz. Ma wasal l-ebda kumment ieħor fir-rigward tal-kampjun emendat.
- (15) Il-kampjun tal-produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi esportaturi kien li ġej:
- Xiangtan Electrochemical Scientific Ltd, Xiangtan, iċ-Ċina ("Xiangtan"), inkluż:
 - Jingxi Xiangtan Electrochemical Scientific Ltd
 - Guangxi Guiliu New Material Co., Ltd, Luorong Town, Liuzhou, iċ-Ċina ("Guiliu"), inkluż:
 - Guangxi Xiatian Manganese Mine Co. Ltd
 - Guangxi Daxin Huiyuan New Energy Technology Co., Ltd, Xialei Town, Chongzuo, iċ-Ċina ("Daxin").

1.6. Eżami individwali

- (16) Produttur esportatur fiċ-Ċina talab eżami individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku. F'dan l-istadju tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni ma ħadet l-ebda deċiżjoni dwar it-talba għal eżami individwali. Il-Kummissjoni se tiddeċiedi jekk tagħmilx eżami individwali fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni.

1.7. It-tweġibiet għall-kwestjonarju u ż-żjarat ta' verifika

- (17) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ, skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GTĊ").
- (18) Kif tħabbar fin-Notifika ta' Bidu emendata, l-investigazzjoni kopriet ukoll id-distorsjonijiet fil-materja prima biex tiddetermina jekk għandhomx jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2a) u l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku fir-rigward taċ-Ċina. Għal dik ir-raġuni, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kapaċitajiet ta' riżerva fil-pajjiż ikkonċernat, il-kompetizzjoni għall-materja prima u l-effett fuq il-ktajjen tal-provvista għall-kumpaniji fl-Unjoni fformat liberu jew billi jitlestew il-partijiet rilevanti tal-kwestjonarji dwar id-distorsjonijiet tal-materja prima. Il-Kummissjoni bagħtet ukoll kwestjonarju lill-GTĊ dwar id-distorsjonijiet fil-materja prima fis-sens tal-Artikoli 7(2a) u 7(2b) tar-Regolament bażiku.
- (19) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-produtturi tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fiċ-Ċina, lin-negozjanti u lill-utenti. L-istess kwestjonarji kienu wkoll disponibbli online ⁽⁶⁾ fil-jum tal-bidu.
- (20) Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u minn negozjant mhux relatat wieħed fiċ-Ċina, u tweġiba parzjali biss minn żewġ kummerċjanti mhux relatati oħra fiċ-Ċina. Waslu wkoll tweġibiet mingħand żewġ produtturi tal-Unjoni u żewġ utenti.
- (21) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għal determinazzjoni proviżorja ta' dumping, id-dannu li jirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni

- Tosoh Hellas Single Member S.A. ("Tosoh"), Sindos, il-Greċja;
- Autlan EMD, S.L. ("Autlan"), Oñati (Guipuzcoa), Spanja.

Utenti

- VARTA Consumer Batteries GmbH & Co. KGaA ("Varta"), Ellwangen (Jagst), il-Ġermanja;
- Duracell International Operations Sàrl ("Duracell"), Aarschot, il-Belġju.

Produtturi esportaturi fiċ-Ċina

- Xiangtan Electrochemical Scientific Ltd, Xiangtan, iċ-Ċina;
- Jingxi Xiangtan Electrochemical Scientific Ltd, Jingxi City, Guangxi, iċ-Ċina;
- Guangxi Guiliu New Material Co., Ltd, Luorong Town, Liuzhou, iċ-Ċina;
- Guangxi Daxin Huiyuan New Energy Technology Co., Ltd, Xialei Town, Chongzuo, iċ-Ċina.

Negozjanti mhux relatati fiċ-Ċina

- Forea Industries Co., Ltd ("Forea").

1.8. Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu taħt kunsiderazzjoni

- (22) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").

⁽⁶⁾ <https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2656>

2. PRODOTT LI QIEGĦED JIĠI INVESTIGAT, PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

2.1. Prodott li qiegħed jiġi investigat

- (23) Il-prodott soġġett għal din l-investigazzjoni huwa d-diossidi tal-manganiż elettrolitiċi manifatturati permezz ta' proċess elettrolitiku, li ma ġewx ittrattati bis-sħana wara l-proċess elettrolitiku ("il-prodott investigat", "EMD").
- (24) Il-prodott li qiegħed jiġi investigat jinkludi żewġ tipi ewlenin: EMD bi grad tal-karbonju-żingu u EMD bi grad alkalin. Iż-żewġ tipi jiġu prodotti permezz ta' proċess elettrolitiku, b'adattament ta' ċerti parametri fil-proċess biex jinkiseb jew EMD bi grad tal-karbonju-żingu jew inkella EMD bi grad alkalin. It-tnejn li huma normalment ikollhom purità għolja ta' manganiż u ġeneralment jintużaw bħala prodotti intermedji fil-produzzjoni ta' batteriji b'ċelloli xotti għall-konsumaturi. Il-prodott investigat jista' jintuża wkoll fi kwantitajiet limitati fl-industriji l-oħra bħall-kimika, il-farmaċewtika u ċ-ċeramika ⁽⁷⁾.
- (25) L-investigazzjoni wriet li, minkejja xi differenzi f'termini ta' ċerti karatteristiċi fiżiċi u kimiċi speċifiċi bħad-densità, id-daqs medju tal-partikoli, iż-żona tas-superfiċje ta' Brunauer-Emmet-Teller (BET) u l-potenzjal alkalin, iż-żewġ tipi tal-prodott li qiegħed jiġi investigat għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi u jintużaw għall-istess finijiet. Għalhekk huma meqjusa li jikkostitwixxu prodott waħdani għall-għan ta' dan il-proċediment.

2.2. Prodott ikkonċernat

- (26) Il-prodott ikkonċernat huwa l-prodott li qiegħed jiġi investigat li joriġina miċ-Ċina, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2820 10 00 (kodiċi TARIC 2820 10 00 10) ("il-prodott ikkonċernat").

2.3. Prodott simili

- (27) L-investigazzjoni wriet li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:
- il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni;
 - il-prodott li qiegħed jiġi investigat prodott u mibjuġħ fis-suq domestiku tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina; u
 - il-prodott li qiegħed jiġi investigat manifatturat u mibjuġħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.
- (28) F'dan l-istadju, il-Kummissjoni ddeċidiet li dawn il-prodotti huma għalhekk prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

2.4. Affermazzjonijiet rigward l-ambitu tal-prodott

- (29) Esportatur, Guizhou Manganese Mineral Group ("GMMG"), afferma li t-tipi ta' prodotti tal-EMD koperti minn din l-investigazzjoni għandhom firxa wiesgħa ta' użi, li jinvolvu diversi industriji u mhux biss il-produzzjoni ta' batteriji għall-konsumatur b'ċelloli xotti. L-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping fuq id-diossidu tal-manganiż elettrolitiku mhux ittrattat bis-sħana x'aktarx li jkollha impatt wiesa' fuq diversi industriji, peress li dan jimblokka d-domanda diversa u ta' kwalità għolja għall-EMD mill-industriji tal-batteriji li jintremew wara l-użu tal-Unjoni u tal-batteriji tal-enerġija ġodda kif ukoll minn industriji oħra bħal dawk tas-sustanzi kimiċi, tal-farmaċewtika u taċ-ċeramika. GMMG afferma li l-produtturi tal-Unjoni jaf ma jkunux jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' industriji oħra (bħal dawk tas-sustanzi kimiċi, tal-farmaċewtika u taċ-ċeramika) f'termini ta' kwantità u kwalità.
- (30) Dawn it-tipi l-oħra ta' utenti tal-EMD ⁽⁸⁾ ma ppreżentawx ruħhom u ma ddikjarawx dan it-tħassib fil-qafas ta' din l-investigazzjoni. Barra minn hekk, l-investigazzjoni sabet li l-produtturi tal-Unjoni jfornu lil dawn it-tipi l-oħra ta' utenti wkoll. Għalhekk, l-argument tal-GMMG ġie miċħud.

⁽⁷⁾ Fit-trattament tal-ilma, iż-żebgħa taċ-ċeramika, l-addittivi tal-għalf, il-mediċina, il-prodotti bijokimiċi, materjali tal-iwweldjar u użi kimiċi oħra.

⁽⁸⁾ Batterija buttuna, produtturi tal-batteriji tal-arja taż-żingu, pigmenti, purifikazzjoni tal-ilma, farmaċewtiċi. Dawn l-utenti jirrappreżentaw madwar 1 % tal-konsum tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni.

- (31) GMMG afferma wkoll li l-produtturi tal-Unjoni ma jistgħux ifornu l-EMD għal għadd ta' teknoloġiji speċifiċi tal-batteriji (eż. batteriji għall-vetturi elettriċi), fejn jintużaw l-EMD (*). Madankollu, dawn it-teknoloġiji bħalissa ma humiex uttilizzati fi produzzjoni fuq skala kbira u ma jintużawx fl-industrija tal-batteriji tal-vetturi elettriċi tal-Unjoni. Għalhekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-produtturi tal-Unjoni ma jipprovdux lil dawn l-industriji li jużaw dawk it-teknoloġiji, jekk ikun hemm domanda. Għalhekk, l-argument tal-parti ġie miċħud.
- (32) GMMG afferma wkoll li d-diossidu tal-manganiż unitarju speċjali meħtieġ mill-produtturi tal-batteriji f'forma ta' buttuna, jeħtieġ li jiġi pproċessat permezz ta' proċessi speċjali li jinvolvu trattament fiżiku u kimiku, filwaqt li l-produttur tal-Unjoni fi Spanja allegatament ma jistax jipproduċi tali prodott skont it-teknoloġija ta' produzzjoni kurrenti.
- (33) L-investigazzjoni sabet li Autlan (il-produttur tal-Unjoni fi Spanja) kien għadu ma rċieva l-ebda talba biex iforni l-EMD għall-produzzjoni ta' batteriji buttuna. Għalhekk, mingħajr l-ebda speċifikazzjoni teknika speċifika ma hemm l-ebda indikazzjoni jekk dan jistax iforni l-EMD għal tali prodott finali. Min-naħa l-oħra, il-produttur tal-Unjoni fil-Greċja forna lill-produtturi tal-batteriji buttuna matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Għalhekk, l-argument tal-parti ġie miċħud.

2.5. Talba biex jiġi estiż l-ambitu tal-prodott tal-investigazzjoni

- (34) 5 xhur wara l-bidu tal-investigazzjoni, Autlan, talab li jiġu applikati l-miżuri anti-dumping imposti fuq l-EMD li joriġinaw miċ-Ċina, jekk ikun hemm, għall-EMD ta' oriġini Ċiniża li jinsabu fil-batteriji b'ċelloli xotti alkalini u mhux alkalini tad-diossidu tal-manganiż importati fl-Unjoni miċ-Ċina. Dawk il-batteriji b'ċelloli xotti jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 8506 10 11, 8506 10 18, 8506 10 91 u 8506 10 98. Autlan ipprova stima tal-iżvilupp tal-importazzjonijiet tal-EMD li jinsabu fil-batteriji taċ-ċelloli xotti alkalini tad-diossidu tal-manganiż ⁽¹⁰⁾, li turi li l-importazzjonijiet ta' batteriji bħal dawn, kif ukoll il-kontenut tal-EMD tagħhom, żdiedu drastikament mill-2019. Il-parti affermat li l-EMD li jinsabu f'batteriji b'ċelloli xotti alkalini u mhux alkalini tad-diossidu tal-manganiż kien jiffirma parti mill-prodott li qiegħed jiġi investigat fl-ilment imsemmi fil-premessa (2).
- (35) Il-Kummissjoni ċaħdet it-talba. Fl-ilment, il-prodott li allegatament kien l-oġġett ta' dumping ġie definit bħala diossidi tal-manganiż elettrolitiċi (jiġifieri diossidi tal-manganiż prodotti permezz ta' proċess elettrolitiku) li mhux ittrattati bis-sħana wara l-proċess elettrolitiku li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, normalment iddikjarata għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea fil-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) ex 2820 10 00. Il-batteriji b'ċelloli xotti alkalini u mhux alkalini tad-diossidu tal-manganiż huma l-prodotti downstream tal-prodott li qed jiġi investigat. Għalkemm l-importazzjonijiet ta' batteriji b'ċelloli xotti ssemmev fl-ilment, id-definizzjoni tal-prodott ma ssemmihomx, u lanqas ma talbet li tiġi koperta l-EMD inkluża fil-batteriji. Tabilħaqq, l-evidenza kollha fl-ilment tirreferi biss għall-EMD, u qatt għall-EMD li tinsab fil-batteriji ⁽¹¹⁾. Barra minn hekk, l-ilment jidentifika b'mod ċar il-produtturi tal-batteriji b'ċelloli xotti, bħala l-industrija tal-utenti. Għalhekk ma kien hemm l-ebda evidenza pprovduta fl-ilment li l-EMD li kien jinsab fil-batteriji b'ċelloli xotti alkalini u mhux alkalini tad-diossidu tal-manganiż, li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 8506 10 11, 8506 10 18, 8506 10 91 u 8506 10 98 kienu l-oġġett ta' dumping jew li kkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni.
- (36) Konsegwentement, l-Avviż ta' Bidu ddefinixxa "il-prodott soġġett għal din l-investigazzjoni huwa d-diossidu tal-manganiż elettrolitiċi (jiġifieri d-diossidu tal-manganiż prodotti permezz ta' proċess elettrolitiku) mhux ittrattati bis-sħana wara l-proċess elettrolitiku" u "l-prodott li allegatament huwa l-oġġett ta' dumping huwa l-prodott li qiegħed jiġi investigat, li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, attwalment ikklassifikat taħt il-kodiċi NM ex 2820 10 00 (il-kodiċi TARIC 2820 10 00 10). Il-kodiċi NM u l-kodiċi TARIC jingħataw għal informazzjoni biss,

(*) Bħall-materjal tal-katodu fil-fosfat tal-ħadid tal-manganiż tal-litju, il-manganat tal-litju, il-prekursur tal-bażi tal-manganiż tal-kobalt tan-nikel, eċċ.

⁽¹⁰⁾ Mingħajr ma tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-importazzjonijiet tal-EMD li jinsabu f'batteriji ta' ċelloli xotti mhux alkalini tad-diossidu tal-manganiż.

⁽¹¹⁾ Pereżempju, id-data dwar l-importazzjoni użata għall-evidenza tad-dannu, jew biex jiġi ddeterminat il-prezz tal-esportazzjoni, tqis biss l-importazzjonijiet taħt il-kodiċi (NM) ex 2820 10 00. Barra minn hekk, l-indikaturi tal-valur normali u tad-dannu huma relatati esklużivament mal-produtturi tal-EMD fil-pajjiż rappreżentattiv jew fl-Unjoni.

mingħajr preġudizzju għal bidla sussegwenti fil-klassifikazzjoni tariffarja. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-investigazzjoni huwa soġġett għad-definizzjoni tal-prodott li qiegħed jiġi investigat". Minn dan isegwi li l-proċedura għad-determinazzjoni tad-dumping u tad-dannu, kif ukoll il-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni ma kinux jinkludu l-għbir u l-analiżi tal-informazzjoni dwar l-EMD li tinsab fil-batteriji b'ċelloli xotti alkalini u mhux alkalini tad-diossidu tal-manganiż.

3. DUMPING

3.1. Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku

- (37) Fid-dawl tal-evidenza suffiċjenti disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni li kienet tindika l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku fir-rigward taċ-Ċina, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li tibda l-investigazzjoni fir-rigward tal-produtturi esportaturi minn dan il-pajjiż b'kunsiderazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.
- (38) Konsegwentement, sabiex tiġbor id-*data* meħtieġa għall-applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-produtturi esportaturi kollha fiċ-Ċina jipprovdu informazzjoni rigward l-inputs li jintużaw għall-produzzjoni tal-EMD. Seba' produtturi esportaturi ppreżentaw l-informazzjoni rilevanti.
- (39) Sabiex tikseb l-informazzjoni li qieset meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-GTĊ. Barra minn hekk, fil-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha jesprimu l-fehmiet tagħhom, jissottomettu informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-*data* tal-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju mill-GTĊ u ma waslet l-ebda sottomissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku sal-iskadenza. Ma waslet l-ebda tweġiba mingħand il-GTĊ. Sussegwentement, il-Kummissjoni informat lill-GTĊ li hija kienet se tuża l-fatti disponibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku biex tiddetermina l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ. Il-Kummissjoni stiednet lill-GTĊ jissottometti l-kumment tiegħu dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 18. Ma wasal l-ebda kumment.
- (40) Fil-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, pajjiż terz rappreżentattiv xieraq possibbli kien il-Kolombja, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali abbażi ta' prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li kienet se teżamina pajjiżi rappreżentattivi oħra li setgħu jkunu xierqa f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku.
- (41) Fit-12 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni infurmat b'nota ("l-Ewwel Nota") lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li kienet beħsiebha tuża sabiex tiddetermina l-valur normali. F'dik in-nota, il-Kummissjoni pprovdiet lista tal-fatturi kollha tal-produzzjoni, bħall-materja prima, il-manodopera, l-enerġija u l-ilma li jintużaw fil-produzzjoni tal-EMD. Barra minn hekk, abbażi tal-kriterji li jiggwidaw l-għażla ta' prezzijiet jew ta' parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni identifikat lill-Kolombja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq possibbli, billi huwa l-uniku pajjiż bi produzzjoni tal-EMD b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħaċ-Ċina. Il-Kummissjoni identifikat ukoll *data* finanzjarja disponibbli għall-pubbliku tal-uniku produttur tal-EMD fil-pajjiż, Quimica International Quintal S.A ("Quintal"), u ta' kumpanija oħra li tuża l-proċess ta' produzzjoni simili (kumpaniji li jużaw proċessi elettrolitiċi fil-proċess tal-produzzjoni tagħhom), Quimpac de Colombia S.A ("Quimpac"). Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar l-Ewwel Nota mill-produtturi esportaturi kollha inklużi fil-kampjun, Autlan, VARTA u l-Kamra tal-Kummerċ taċ-Ċina għall-Importaturi u l-Esportaturi tal-Metalli, tal-Minerali u tas-Sustanzi Kimiċi ("CCCMC") u l-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Manganiż ta' Guanxi ("GMIA").

- (42) Fl-4 ta' Lulju, u wara li analizzat il-kummenti u l-informazzjoni kollha li waslu dwar l-Ewwel Nota, il-Kummissjoni ħarġet it-tieni nota ("it-Tieni Nota") dwar is-sorsi rilevanti li kien beħsiebha tuża biex tiddetermina l-valur normali. Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni aġġornat il-lista ta' fatturi ta' produzzjoni u s-sorsi rilevanti u infurmat lill-partijiet interessati li kienet beħsiebha tuża lill-Kolombja bħala l-pajjiż rappreżentattiv.
- (43) Peress li fl-2022 Quintal irrapporta livell baxx ta' profitt u kostijiet għoljin tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A"), il-Kummissjoni qieset id-*data* finanzjarja tagħha mhux raġonevoli skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a). Għalhekk, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati li se tistabbilixxi l-kostijiet SG&A u l-profitti bbażati fuq id-*data* finanzjarja tal-2022 disponibbli għal Quimpac. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw. Il-kummenti kollha li waslu huma indirizzati fid-dettall fit-Taqsima 3.2.

3.2. Valur normali

- (44) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, "*il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti fil-pajjiż esportatur*".
- (45) Madankollu, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "*fil-każ li jiġi ddeterminat [...] li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni*", u "għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti".
- (46) Kif huwa spjegat aktar fid-dettall hawn taħt, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli u fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.

3.2.1. L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti

3.2.1.1. Introduzzjoni

- (47) L-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku jistipula li d-"*distorsjonijiet sinifikanti huma daww id-distorsjonijiet li jseħħu meta prezzijiet jew kostijiet irrappurtati, inklużi l-kostijiet ta' materji primi u ta' enerġija, ma jkunux ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għax ikunu affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern. Meta tkun valutata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti għandha tingħata attenzjoni, inter alia, lill-impatt potenzjali ta' element wieħed jew aktar mis-segwenti:*
- is-suq inkwistjoni huwa servut fmiżura sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjeda, kontroll jew superviżjoni politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur;
 - il-preżenza tal-Istat f'ditti li jippermettu lill-istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew kostijiet;
 - politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles;
 - in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprjeta';
 - il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni;
 - l-aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplementaw objettivi ta' ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-Istat".

- (48) Peress li l-lista fl-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku ma hijiex kumulattiva, mhux l-elementi kollha jeħtieġ li jingħataw attenzjoni għal sejba ta' distorsjonijiet sinifikanti. Barra minn hekk, l-istess ċirkostanzi fattwali jistgħu jintużaw sabiex tintwera l-eżistenza ta' element wieħed jew aktar tal-lista. Madankollu, kwalunkwe konklużjoni dwar distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) trid issir abbażi tal-evidenza kollha disponibbli. Il-valutazzjoni ġenerali dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet tista' tqis ukoll il-kuntest ġenerali u s-sitwazzjoni fil-pajjiż esportatur, b'mod partikolari fejn l-elementi fundamentali tal-istruttura ekonomika u amministrattiva tal-pajjiż esportatur jipprovdu lill-gvern b'setgħat sostanzjali sabiex jintervjeni fl-ekonomija b'tali mod li l-prezzijiet u l-kostijiet ma jkunux ir-riżultat tal-iżvilupp ħieles tal-forzi tas-suq.
- (49) L-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament bażiku jipprevedi li "fejn il-Kummissjoni jkollha indikazzjonijiet b'bażi soda tal-eżistenza potenzjali ta' distorsjonijiet sinifikanti kif imsemmija fil-punt (b) f'ċertu pajjiż jew f'ċertu settur f'dak il-pajjiż, u fejn ikun xieraq għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipproduċi, tippubblika u taġġorna regolament rapport li jiddeskrivi ċ-ċirkostanzi tas-suq imsemmija fil-punt (b) f'dak il-pajjiż jew settur".
- (50) Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni haġġet rapport tal-pajjiż dwar ir-RPĊ ("ir-Rapport")⁽¹²⁾, inkluża evidenza ta' intervent sostanzjali tal-gvern f'ħaġġa livelli tal-ekonomija, inklużi distorsjonijiet speċifiċi f'bosta fatturi ewlenin ta' produzzjoni (bħall-art, l-enerġija, il-kapital, il-materja prima u x-xogħol) kif ukoll f'setturi speċifiċi (bħall-azzar u s-sustanzi kimiċi). Il-partijiet interessati ġew mistiedna jirribattu, jikkumentaw jew jissupplimentaw l-evidenza li tinsab fil-fajl tal-investigazzjoni fiż-żmien tal-bidu. Ir-Rapport tqiegħed fil-fajl tal-investigazzjoni fl-istadju tal-bidu.
- (51) L-ilment kien fih informazzjoni dwar l-industrija li timmanifattura l-prodott ikkonċernat u rrefera għar-Rapport dwar id-distorsjonijiet strutturali fis-suq Ċiniż. L-ilment kien fih ukoll xi evidenza rilevanti li tikkomplementa r-Rapport. L-ilment stabbilixxa li l-prodott ikkonċernat huwa kklassifikat taħt NM 28 li jkopri prodotti kimiċi, settur ikkaratterizzat minn intervent sostanzjali mill-gvern fir-RPĊ li jirriżulta f'distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tas-suq.
- (52) Barra minn hekk, l-ilment spjega li l-industrija li timmanifattura l-prodott ikkonċernat hija intensiva fil-kapital u fir-riżorsi, u li l-prodotti tal-enerġija jirrappreżentaw, f'kundizzjonijiet normali, porzjon sinifikanti tal-kost tal-produzzjoni. Għalhekk, id-distorsjonijiet speċifiċi li jinsabu fir-Rapport relatati ma' fatturi ewlenin tal-produzzjoni (bħall-enerġija u l-manodopera) huma rilevanti ħaġġa għall-investigazzjoni.
- (53) Kif indikat fil-premessa (39), il-GTĊ la kkommenta u lanqas ma pprovda evidenza li tappoġġa jew li tirribatti l-evidenza eżistenti fil-fajl tal-każ, inkluż ir-Rapport u l-evidenza addizzjonali li ġiet ipprovduta mill-ilmentatur, dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti u/jew dwar l-adeġwatezza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fil-każ inkwistjoni.
- (54) Il-kummenti f'dan ir-rigward waslu mingħand is-CCCMC, b'mod konġunt mal-GMIA. Waslu wkoll kummenti mingħand produttori esportaturi li kkooperaw, Xiangtan Electrochemical Scientific Ltd (Xiangtan) u Guangxi Daxin Huiyuan New Energy Technology Co., Ltd (Daxin).
- (55) L-ewwel nett, is-CCCMC/il-GMIA sottomettiet li l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament Bażiku ma huwiex konsistenti mal-liġi tad-WTO, b'mod partikolari hija sottomettiet li l-Artikolu 2.2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Anti-dumping ("ADA") ma jirrikonossix il-kunċett ta' distorsjonijiet sinifikanti.
- (56) It-tieni, is-CCCMC/il-GMIA sostniet li ma hemm l-ebda distorsjoni sinifikanti fis-settur tal-EMD Ċiniż u li ma hemmx biżżejjed evidenza biex jiġi konkluż li jeżistu distorsjonijiet sinifikanti fis-settur tal-EMD fiċ-Ċina. Hija allegat li l-evidenza ewlenija pprovduta mill-ilmentatur ġejja mir-Rapport tal-Kummissjoni dwar iċ-Ċina, li ġie ppubblikat f'Diċembru 2017. Is-CCCMC/il-GMIA qieset li r-Rapport huwa skadut u li kemm l-ekonomiji Ewropej kif ukoll dawk Ċiniżi sadanittant esperjenzaw bidliet politiki u strutturali importanti.

⁽¹²⁾ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-Investigazzjonijiet dwar id-Difiża tal-Kummerċ, l-20 ta' Diċembru 2017, SWD(2017) 483 final/2 (minn hawn 'il quddiem ir-"Rapport").

- (57) Kwistjoni oħra li qajmet is-CCCMC/il-GMIA tirrigwarda l-użu ta' *data* ta' pajjiżi terzi biex jiġi ddeterminat il-valur normali. Skont l-ADA tad-WTO, jekk l-awtorità investigattiva ta' pajjiż ikollha l-ħsieb li tuża *data* minn pajjiżi terzi, hija trid tispjega u turi kif din id-*data* ġiet adattata biex tirrifletti b'mod preċiż il-prezzijiet jew il-livelli tal-kostijiet fil-pajjiżi esportatur tal-oriġini. Is-CCCMC/il-GMIA tqis li n-nuqqas ta' tali spjegazzjoni jqajjem tħassib dwar l-affidabbiltà u l-validità li tintuża *data* mhux relatata fil-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq ġusti fis-settur tal-EMD taċ-Ċina.
- (58) Daxin ipprovdiet kummenti simili bħall-kummenti li waslu mingħand is-CCCMC/il-GMIA. B'mod partikolari, Daxin argumentat li l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku huwa inkonsistenti mal-liġi tad-WTO. B'appoġġ għall-affermazzjoni tagħha, il-produttur esportatur ipprova l-istess argumenti bħal daww tas-CCCMC/il-GMIA, b'mod partikolari li l-Artikolu 2.2 tal-ADA tad-WTO ma jirrikonossix il-kunċett ta' distorsjonijiet sinifikanti, u li ma hemm l-ebda dispożizzjoni fl-ADA li jippermetti *data* minn pajjiżi terzi li ma tistax tirrifletti l-prezzijiet jew il-livell tal-kost tal-pajjiżi esportatur li għandu jintuża għad-determinazzjoni tal-valur normali.
- (59) Daxin ikkontestat ukoll li hemm distorsjonijiet sinifikanti fis-settur tal-EMD Ċiniż u kkummentat li ma hemmx biżżejjed evidenza biex turi daww id-distorsjonijiet, meta wieħed iqis li l-evidenza ewlenija pprovduta mill-ilmentatur hija r-Rapport tal-Kummissjoni dwar iċ-Ċina li huwa skadut.
- (60) Il-produttur esportatur l-ieħor li kkoopera, Xiangtan, spjega fil-kummenti tiegħu li l-ilmentatur naqas milli jipprova l-oneru tal-prova tiegħu biex juri li l-kostijiet tal-industrija tal-EMD Ċiniża b'mod ġenerali, u b'mod partikolari ta' Xiangtan, huma distorti. Xiangtan sostna li r-Rapport tal-Kummissjoni ma fih l-ebda diskussjoni speċifika jew dettaljata tas-settur tal-EMD. Xiangtan ikkunsidra li l-ilmentatur, fil-valutazzjoni ta' jekk jeżistux distorsjonijiet sinifikanti, jiddependi minn evidenza ta' sostenn li jew hija irrilevanti jew fattwalment ħażina. Barra minn hekk, Xiangtan spjega li l-ilment afferma li l-prezz tal-elettriku Ċiniż huwa distort, madankollu, ħafna mill-elettriku li jikkonsma Xiangtan jipproduċi huwa stess, u għalhekk ma setax jiġi affettwat sostanzjalment mis-suq tal-elettriku allegatament "distort" fiċ-Ċina.
- (61) L-ewwel nett, fir-rigward tal-affermazzjonijiet li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku ma humiex konsistenti mal-obbligi tad-WTO tal-Unjoni u mal-użu ta' *data* ta' pajjiżi terzi fid-determinazzjoni tal-valur normali, il-Kummissjoni qieset li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku huma konsistenti bis-siġħ mal-obbligi tad-WTO. Kif iċċarat espliċitament mill-Korp tal-Appell tad-WTO f'DS473, il-liġi tad-WTO tippermetti l-użu ta' *data* minn pajjiżi terzi, aġġustata kif xieraq, meta tali aġġustament ikun meħtieġ u sostanzjat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li ladarba jiġi ddeterminat li minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fil-pajjiżi esportatur f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku ma huwiex xieraq li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fil-pajjiżi esportatur, il-valur normali jinbena b'referenza għal prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni f'pajjiżi rappreżentattivi xieraq għal kull produttur esportatur skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.
- (62) Barra minn hekk, il-Kummissjoni eżaminat jekk kienx xieraq jew le li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet dan abbażi tal-evidenza disponibbli fil-fajl, inkluża l-evidenza inkluża fir-Rapport, li tiddependi minn sorsi disponibbli għall-pubbliku. Dik l-analiżi kopriet l-eżami tal-interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija tar-RPĊ b'mod ġenerali, iżda wkoll is-sitwazzjoni speċifika tas-suq fis-settur rilevanti inkluż il-prodott li qiegħed jiġi investigat. Il-Kummissjoni kompliet tissupplimenta dawn l-elementi evidenzjarji bir-riċerka tagħha stess dwar id-diversi kriterji rilevanti biex tikkonferma l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ, inklużi l-iżviluppi sussegwenti għall-pubblikazzjoni tar-Rapport. Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.
- (63) Rigward l-affermazzjoni dwar il-karattru skadut tal-evidenza li tinsab fir-Rapport, il-Kummissjoni nnotat li r-Rapport huwa dokument komprensiv ibbażat fuq evidenza oġġettiva estensiva, inklużi leġislazzjoni, regolamenti u dokumenti uffiċjali oħrajn ta' politika ppubblikati mill-awtoritajiet Ċiniżi, rapporti ta' partijiet terzi minn organizzazzjonijiet internazzjonali, studji akkademiċi u artikli minn studjużi, u sorsi indipendenti affidabbli oħrajn. Peress li kien diġà sar disponibbli għall-pubbliku f'Diċembru 2017, kwalunkwe parti interessata kellha biżżejjed opportunità

biex tirribatti, tissupplimenta jew tikkummenta dwaru u dwar l-evidenza li huwa bbażat fuqha, u l-ebda parti ma ppreżentat argumenti jew evidenza li tirribatti s-sorsi inklużi fir-Rapport. Fir-rigward tal-allegati similaritajiet tal-politiki industrijali kurrenti tal-UE mal-politiki fiċ-Ċina, il-Kummissjoni naqset milli tara r-rilevanza ta' dan il-punt fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fiċ-Ċina f'konformità mal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Dawn l-affermazzjonijiet għalhekk ġew miċħuda.

- (64) Dwar l-affermazzjoni li l-applikant ma pprovdix biżżejjed evidenza biex jissostanzja l-affermazzjonijiet tiegħu dwar distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ, kif speċifikat fil-punt 3 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni qieset li l-ilment ipprova biżżejjed evidenza ta' distorsjonijiet sinifikanti kif meħtieġ mill-Artikolu 2(6a)(e) tar-Regolament bażiku biex tinbeda l-investigazzjoni fuq din il-bażi. Ma hemm l-ebda rekwiżit evidenzjarju ieħor tal-allegat tip minn din il-parti fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Tabilħaqq, filwaqt li d-determinazzjoni dwar l-eżistenza reali ta' distorsjonijiet sinifikanti u l-użu konsegwenti tal-metodoloġija preskritta mill-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku sseħħ biss fiż-żmien tad-divulgazzjoni, l-Artikolu 2(6a)(e) tar-Regolament bażiku jistabbilixxi obbligu li tinġabar id-*data* meħtieġa għall-applikazzjoni ta' din il-metodoloġija meta l-investigazzjoni tkun inbdiet fuq din il-bażi. F'dan il-każ, il-Kummissjoni qieset li l-evidenza ppreżentata fit-talba kienet biżżejjed biex tibda l-investigazzjoni fuq din il-bażi. Għalhekk, il-Kummissjoni ħadet il-passi meħtieġa sabiex tkun tista' tapplika l-metodoloġija skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku f'każ li l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti tiġi kkonfermata matul l-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kompliet tissupplimenta dawn l-elementi evidenzjarji bir-riċerka tagħha stess dwar id-diversi kriterji rilevanti biex tikkonferma l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ. Il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni.
- (65) Fir-rigward tal-affermazzjoni ta' Xiangtan li fir-Rapport ma hija inkluża l-ebda diskussjoni speċifika jew dettaljata tas-settur tal-EMD u li fir-rigward tal-elettriku, il-maġġoranza tal-elettriku kkonsumat minn Xiangtan huwa prodott minnu nnifsu, u għalhekk ma setax jiġi affettwat sostanzjalment mis-suq tal-elettriku allegatament distort, il-Kummissjoni nnotat li l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti li jwasslu għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku hija stabbilita fuq livell nazzjonali. Jekk tiġi stabbilita l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti, allura d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku japplikaw għall-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ u jirrigwardaw il-kostijiet kollha relatati mal-fatturi ta' produzzjoni tagħhom. Fi kwalunkwe każ, l-istess dispożizzjoni tar-Regolament bażiku tipprevedi l-użu ta' kostijiet domestiċi li huma stabbiliti b'mod pożittiv biex ma jiġux affettwati minn distorsjonijiet sinifikanti. Madankollu, l-ebda kost domestik u ma ġie stabbilit li ma fihx distorsjoni abbażi ta' evidenza preċiża u xierqa. B'mod partikolari, il-produtturi esportaturi ma ppreżentawx evidenza preċiża u xierqa dwar il-prezzijiet u l-kostijiet mingħajr distorsjoni. Jekk produttur għandux il-kapaċità li jiġġenera l-elettriku mingħajr ma jakkwista dan l-elettriku minn sorsi oħra ma jistabbilixxix b'mod pożittiv li dan il-fattur ta' produzzjoni ma huwiex affettwat mid-distorsjonijiet li jaffettwaw il-pajjiż kollu kemm hu. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

3.2.1.2. Distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ

- (66) Is-sistema ekonomika Ċiniża hija bbażata fuq il-kunċett ta' "ekonomija tas-suq soċjalista". Dak il-kunċett huwa minqux fil-Konstituzzjoni Ċiniża u jiddetermina l-governanza ekonomika tar-RPĊ. Il-prinċipju ewlieni huwa s-“sjieda pubblika soċjalista tal-meżżi ta' produzzjoni, jiġifieri s-sjieda min-nies kollha u s-sjieda kollettiva mill-persuni li jaħdmu”. L-ekonomija tal-Istat titqies bħala “l-forza mexxejja tal-ekonomija nazzjonali” u l-Istat għandu l-mandat “li jiżgura l-konsolidazzjoni u t-tkabbir tagħha”⁽¹³⁾. Konsegwentement, l-istruttura ġenerali tal-ekonomija Ċiniża mhux biss tippermetti interventi sostanzjali mill-gvern fl-ekonomija, iżda dawn l-interventi huma obligatorji b'mod espliċitu. Il-kunċett tas-supremazija tas-sjieda pubblika fuq dik privata huwa mifruq fis-sistema ġuridika kollha u huwa enfasizzat bħala prinċipju ġenerali fl-atti leġiżlattivi prinċipali kollha. Il-liġi Ċiniża fil-qasam tal-proprietà hija eżempju ewlieni: hija tirreferi għall-istadju primarju tas-soċjaliżmu u tafda lill-Istat bil-ħarsien tas-sistema ekonomika bażika li permezz tagħha s-sjieda pubblika għandha rwol dominanti. Forom oħrajn ta' sjieda huma tollerati, fejn il-liġi tippermettilhom jiżviluppaw spalla ma' spalla mas-sjieda tal-Istat⁽¹⁴⁾.

⁽¹³⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 2, p. 6-7.

⁽¹⁴⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 2, p. 10.

- (67) Barra minn hekk, skont id-dritt Ċiniż, l-ekonomija tas-suq soċjalista hija żviluppata taħt it-tmexxija tal-Partit Komunista Ċiniż ("CCP"). L-istrutturi tal-Istat Ċiniż u tas-CCP huma marbuta ma' xulxin f'kull livell (legali, istituzzjonali, personali), u jiffurmaw sovrastruttura fejn ma ssirx distinzjoni bejn ir-rwoli tas-CCP u tal-Istat. Wara emenda tal-Kostituzzjoni Ċiniża f'Marzu 2018, ir-rwol ewlieni tas-CCP ingħata prominenza saħansitra akbar billi ġie affermat mill-ġdid fit-test tal-Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni. Wara l-ewwel sentenza diġà eżistenti tad-dispożizzjoni: "[i]s-sistema soċjalista hija s-sistema bażika tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina" u ddaħħlet it-tieni sentenza ġdida li tgħid: "It-tmexxija tal-Partit Komunista taċ-Ċina hija l-karatteristika li tiddefinixxi s-soċjaliżmu b'karatteristiċi Ċiniżi" ⁽¹⁵⁾. Dan juri l-kontroll mhux iddubitat u dejjem jikber tas-CCP fuq is-sistema ekonomika tar-RPĊ. Din it-tmexxija u l-kontroll huma inerenti għas-sistema Ċiniża u jmorru ferm lil hinn mis-sitwazzjoni abitwali f'pajjiżi oħrajn fejn il-gvernijiet jeżerċitaw kontroll makroekonomiku ġenerali li fil-limitazzjonijiet tiegħu joperaw forzi tas-suq ħieles.
- (68) L-Istat Ċiniż iħaddem politika ekonomika intervenzjonista biex jilħaq għanijiet, li jikkoinċidu mal-aġenda politika stabbilita mis-CCP minflok ma jkunu jirriflettu l-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti f'suq ħieles ⁽¹⁶⁾. Huma bosta l-għodod ekonomiċi intervenzjonisti użati mill-awtoritajiet Ċiniżi, u fosthom hemm is-sistema tal-ippjanar industrijali, is-sistema finanzjarja, kif ukoll il-livell tal-ambjent regolatorju.
- (69) L-ewwel nett, fil-livell tal-kontroll amministrattiv ġenerali, id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniża hija regolata minn sistema kumplessa ta' ppjanar industrijali li taffettwa l-attivitajiet ekonomiċi kollha fil-pajjiż. Dawn il-pjanijiet kollha jkopru matriċi komprensiva u kumplessa ta' setturi u ta' politiki trażversali u huma preżenti fil-livelli kollha tal-gvern. Il-pjanijiet fil-livell provinċjali huma spjegati fid-dettall, filwaqt li l-pjanijiet nazzjonali jstabbilixxu miri usa'. Il-pjanijiet jispeċifikaw ukoll il-mezzi sabiex jiġu appoġġati l-industriji/is-setturi rilevanti, kif ukoll il-perjodi ta' żmien li fihom jeħtieġ li jintlaħqu l-oġettivi. Xi pjanijiet xorta waħda jinkludu miri espliċiti tal-output, li kienet karatteristika regolari fiċ-ċikli tal-ippjanar preċedenti. Skont il-pjanijiet, qegħdin jiġu identifikati setturi u/jew proġetti industrijali individwali bħala prijoritajiet (pożittivi jew negattivi) f'konformità mal-prijoritajiet tal-gvern, u qegħdin jiġu attribwiti lilhom għanijiet ta' żvilupp speċifiċi (titjib industrijali, espansjoni internazzjonali, eċċ.). L-operaturi ekonomiċi, privati u dawk tal-Istat kollha kemm huma jridu jaġġustaw b'mod effettiv l-attivitajiet kummerċjali tagħhom skont ir-realtajiet imposti mis-sistema tal-ippjanar. Dan ma huwiex biss minħabba n-natura vinkolanti tal-pjanijiet iżda anke minħabba l-fatt li l-awtoritajiet Ċiniżi rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern jaderixxu mas-sistema tal-pjanijiet u jużaw is-setgħat mogħtija lilhom skont kif ikun meħtieġ, u b'hekk jisfurzaw lill-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-prijoritajiet stabbiliti fil-pjanijiet (ara wkoll it-Taqsima 3.2.1.5 ta' hawn taħt) ⁽¹⁷⁾.
- (70) It-tieni, fil-livell tal-allokkazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, is-sistema finanzjarja tar-RPĊ hija ddominata mill-banek kummerċjali tal-Istat. Dawk il-banek, meta jkunu qed jistabbilixxu u jimplimentaw il-politika tas-self tagħhom iridu jallinjaw lilhom infushom mal-oġettivi tal-politika industrijali tal-gvern minflok ma jivvalutaw qabel kollox il-merti ekonomiċi ta' proġett partikolari (ara wkoll it-Taqsima 3.2.1.8 aktar 'il quddiem). L-istess japplika għall-komponenti l-oħrajn tas-sistema finanzjarja Ċiniża, bħas-swieq tal-istokks, is-swieq tal-bonds, is-swieq tal-ekwità privata, eċċ. Dawn il-partijiet l-oħra tas-settur finanzjarju huma istituzzjonalment u operazzjonalment stabbiliti wkoll b'mod li ma humiex xprunati biex itejbu l-funzjonament effiċjenti tas-swieq finanzjarji, iżda biex jiżguraw il-kontroll u jippermettu l-intervent mill-Istat u mis-CCP ⁽¹⁸⁾.
- (71) It-tielet, fil-livell tal-ambjent regolatorju, l-interventi mill-Istat fl-ekonomija jieħdu numru ta' forum. Pereżempju, ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku jintużaw regolarment sabiex jintlaħqu għanijiet ta' politika għajr l-effiċjenza ekonomika, u b'hekk jimminaw il-prinċipji bbażati fuq is-suq fil-qasam. Il-leġiżlazzjoni applikabbli tipprevedi b'mod speċifiku li l-akkwist pubbliku għandu jsir sabiex jiġi ffaċilitat l-ilħuq tal-għanijiet imfassla mill-politiki tal-Istat. Madankollu, in-natura ta' dawn l-għanijiet għadha ma hijiex definita, u għalhekk tħalli marġni ta'

⁽¹⁵⁾ Disponibbli fuq: <http://www.npc.gov.cn/englishnpc/constitution2019/201911/1f65146fb6104dd3a2793875d19b5b29.shtml> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023).

⁽¹⁶⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 2, p. 20-21.

⁽¹⁷⁾ Ir-Rapport – Kapitolu 3, p. 41, 73-74.

⁽¹⁸⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 6, p. 122 -135.

apprezzament wiesa' għall-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet ⁽¹⁹⁾. B'mod simili, fil-qasam tal-investment, il-GTĊ iżomm kontroll u influwenza sinifikanti fuq id-destinazzjoni u l-kobor kemm tal-investment tal-Istat kif ukoll ta' dak privat. L-iskrinjar tal-investment, kif ukoll diversi inċentivi, restrizzjonijiet, u projbizzjonijiet relatati mal-investment jintużaw mill-awtoritajiet bħala għodda importanti biex jiġu appoġġati għanijiet ta' politika industrijali, bħaż-żamma tal-kontroll tal-Istat fuq setturi ewlenin jew it-tisħiħ tal-industrija domestika ⁽²⁰⁾.

- (72) Fil-qosor, il-mudell ekonomiku Ċiniż huwa bbażat fuq ċerti assjoni bażiċi, li jipprevedu u jinkoraġġixxu bosta interventi mill-gvern. Tali interventi sostanzjali mill-gvern huma f'kunflitt mal-azzjoni libera tal-forzi tas-suq, li jirriżulta fid-distorsjoni tal-allokkazzjoni effettiva tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tas-suq ⁽²¹⁾.

3.2.1.3. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: is-suq inkwistjoni huwa servut f'miżura sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, il-kontroll jew is-superviżjoni politika jew il-gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur

- (73) Fir-RPĊ, l-intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, il-kontroll u/jew is-superviżjoni politika jew il-gwida tal-Istat jirrappreżentaw parti essenzjali mill-ekonomija.
- (74) Il-GTĊ u s-CCP għandhom strutturi li jiżguraw li jibqa' jkollhom influwenza fuq l-intrapriżi, u b'mod partikolari fuq l-intrapriżi tal-Istat (State-owned enterprises, SOEs). L-Istat (u f'haqna aspetti anki s-CCP) mhux biss jiffirma u jissorvelja b'mod attiv l-implimentazzjoni tal-politiki ekonomiċi ġenerali minn SOEs individwali, iżda jeżerċita wkoll id-drittijiet tiegħu li jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali fl-SOEs. Tipikament, dan isir permezz tar-rotazzjoni tal-maniġment bejn l-awtoritajiet tal-gvern u l-SOEs, permezz tal-preżenza ta' membri tal-partit fuq il-korpi eżekuttivi tal-SOEs u ta' ċelloli tal-partit fil-kumpaniji (ara wkoll it-Taqsima 3.2.1.4), kif ukoll permezz tat-tfassil tal-istruttura korporattiva tas-settur tal-SOEs ⁽²²⁾. Inkambju, l-SOEs igawdu minn status partikolari fl-ekonomija Ċiniża, li jinvolvi għadd ta' benefiċċji ekonomiċi, b'mod partikolari ħelsien mill-kompetizzjoni u aċċess preferenzjali għal inputs rilevanti, inklużi l-finanzi ⁽²³⁾. L-elementi li jindikaw l-eżistenza ta' kontroll mill-gvern fuq l-intrapriżi fis-settur tad-EMD huma żviluppatti aktar fit-Taqsima 3.2.1.4 hawn taħt.
- (75) Speċifikament fis-settur tal-EMD, għad hemm grad sostanzjali ta' sjieda mill-GTĊ. Barra minn hekk, analiżi tal-produtturi esportaturi tal-flus elettroniki Ċiniżi ewlenin lejn l-Unjoni turi interferenza konsiderevoli mill-Istat.
- (76) Fil-każ ta' Xiangtan Electrochemical Technology Co., Ltd., din hija kumpanija azzjonarja taħt il-Kummissjoni għas-Superviżjoni u l-Amministrazzjoni tal-Assi tal-Istat tal-Belt ta' Xiangtan ⁽²⁴⁾. L-akbar żewġ azzjonisti huma proprjetà tal-Istat u jammontaw għal total ta' 40 % tal-parteċipazzjoni azzjonarja tal-Istat. Il-President tal-kumpanija huwa membru tas-CCP u s-Segretarju tal-Kumitat tal-Partit tal-kumpanija ⁽²⁵⁾. Il-viċi maniġer ġenerali, is-segretarju tal-Bord tad-Diretturi, huwa membru tas-CCP u membru tal-Kumitat tal-Partit tal-kumpanija ⁽²⁶⁾.
- (77) Guangxi Guiliu Chemical Co., Ltd., hija kumpanija privata miżmuma minn persuni fiżiċi. Madankollu, il-President u l-maniġer ġenerali huwa wkoll membru tas-CCP u Segretarju tal-Kumitat tas-CCP ⁽²⁷⁾. U membru ieħor tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija huwa wkoll membru tas-CCP u Viċi segretarju tal-Kumitat tas-CCP.

⁽¹⁹⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 7, p. 167-168.

⁽²⁰⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 8, p. 169-170, 200-201.

⁽²¹⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 2, p. 15-16, Ir-Rapport – Il-Kapitolu 4, p. 50, p. 84, Ir-Rapport – Il-Kapitolu 5, p. 108-9.

⁽²²⁾ Ir-Rapport – Kapitolu 3, p. 22-24 u Kapitolu 5, p. 97-108.

⁽²³⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 5, p. 104-9.

⁽²⁴⁾ Ir-Rapport Annwali 2022, paġna 76-77. Informazzjoni dwar l-azzjonisti (ikkonsultata l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023).

⁽²⁵⁾ <http://www.chinaemd.com/about/1172116.html> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023).

⁽²⁶⁾ http://www.chinaemd.com/news_1/2.html (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023).

⁽²⁷⁾ <https://www.gongsi.com.cn/detail/753dfdb1-b132-3109-a33d-c17b877265651> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023).

- (78) South Manganese Group Ltd hija miżmuma 100 % minn South Manganese investment Group ⁽²⁸⁾. Il-Grupp kien jissejjaħ CITIC Dameng Holdings ⁽²⁹⁾. Fir-rigward tal-azzjonisti ta' South Manganese investment Group, 22 % jinżamm mill-Belt ta' Nanning u 4,9 % jinżamm mill-Grupp CITIC ⁽³⁰⁾, konglomerat finanzjarju tal-Istat. Il-President tal-bord ta' South Manganese Group, huwa Segretarju tal-Kumitat tal-Partit ⁽³¹⁾.
- (79) Guizhou Red Star Development Dalong Manganese Industry Co., Ltd., hija miżmuma fil-livell ta' 94 % minn Guizhou Red Star Development. Il-kontrollur attwali tal-iżvilupp ta' Guizhou Red Star huwa Qingdao SASAC, u għalhekk huwa SOE ⁽³²⁾. L-azzjonist ta' kontroll tal-kumpanija huwa Qingdao Hongxing Chemical Group Co., Ltd., u l-kontrollur attwali huwa l-Kummissjoni tas-Superviżjoni u l-Amministrazzjoni tal-Assi tal-Istat tal-Gvern tal-Poplu Muniċipali ta' Qingdao. Il-President tal-Grupp huwa wkoll is-Segretarju tal-Kumitat tal-Partit ⁽³³⁾.
- (80) Barra minn hekk, minħabba li l-interventi tas-CCP fit-teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali saru n-norma anke f'kumpaniji privati ⁽³⁴⁾, bis-CCP li jasserixxi t-tmexxija fuq kważi kull aspett tal-ekonomija tal-pajjiż, l-influenza tal-istat permezz ta' strutturi tas-CCP fi ħdan il-kumpaniji effettivament tirriżulta f'sitwazzjoni li fiha l-operaturi ekonomiċi jkunu taħt kontroll u taħt superviżjoni politika tal-gvern, fid-dawl ta' kemm l-istrutturi tal-istat u tal-Partit kibru flimkien fir-RPĊ.
- (81) Dan jidher ukoll fil-livell tal-Federazzjoni tal-Industrija Petrokimika u Kimika taċ-Ċina ("CPCIF"), l-assoċjazzjoni settorjali tal-industrija. Skont l-Artikolu 3 tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni tas-CPCIF, l-organizzazzjoni "taċċetta l-gwida, is-superviżjoni u l-ġestjoni professjonali mill-entitajiet responsabbli mir-reġistrazzjoni u l-ġestjoni, mill-entitajiet responsabbli mill-bini tal-Partit, kif ukoll mid-dipartimenti amministrattivi rilevanti responsabbli mill-ġestjoni tal-industrija" ⁽³⁵⁾.
- (82) Konsegwentement, anke l-produtturi privati fis-settur tal-prodott li qiegħed jiġi investigat ma jitħallewx joperaw skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Fil-fatt, kemm l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll dawk privati fis-settur huma soġġetti għal superviżjoni u għal gwida tal-politika kif stabbilit ukoll fit-Taqsima 3.2.1.5 ta' hawn taħt.

3.2.1.4. Distorsjonijiet sinifikanti skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: il-preżenza tal-Istat f'ditti li jippermettu lill-istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew tal-kostijiet

- (83) Minbarra li jeżerċita kontroll fuq l-ekonomija permezz tas-sjeda ta' SOEs u għodod oħrajn, il-GTĊ jinsab f'pożizzjoni li jinterferixxi mal-prezzijiet u mal-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti. Filwaqt li d-dritt għall-ħatra u t-tneħħija ta' membri kruċjali tal-maniġment fl-SOEs mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat, kif previst fil-leġiżlazzjoni Ċiniża, jista' jitqies li jirrifletti d-drittijiet ta' sjeda korrispondenti, ⁽³⁶⁾ iċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, kemm dawk tal-Istat kif ukoll dawk privati, jirrappreżentaw mezz importanti ieħor li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet tan-negozju. Skont il-liġi tal-kumpaniji tar-RPĊ, f'kull kumpanija għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP (li jkollha tal-inqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP ⁽³⁷⁾) u l-kumpanija għandha tipprovi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-partit. Fil-pasat,

⁽²⁸⁾ <http://www.southmn.com/en/subsidiaries.php> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023).

⁽²⁹⁾ <https://www.marketscreener.com/quote/stock/SOUTH-MANGANESE-INVESTMEN-6880445/company/> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023).

⁽³⁰⁾ <https://www.marketscreener.com/quote/stock/SOUTH-MANGANESE-INVESTMEN-6880445/company/> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023).

⁽³¹⁾ <http://dangxiao.southmn.com/content/?2166.html> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023).

⁽³²⁾ Ara r-rapport annwali tal-2022 ta' Guizhou Red Star. Paġna 108: http://static.sse.com.cn/disclosure/listedinfo/announcement/c/new/2023-04-21/600367_20230421_6QES.pdf (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023)

⁽³³⁾ <https://mp.weixin.qq.com/s/ySOAhaU-6KSkaOuHWRS9oA> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023)

⁽³⁴⁾ Ara pereżempju l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni tas-CCP, l-Artikolu 19 tal-Linji Gwida dwar il-Liġi Ċiniża tal-Kumpaniji jew il-Linji Gwida tal-Kumitat Ċentrali tal-Uffiċċju Ġenerali tas-CCP dwar it-tisħiħ tal-ħidma tal-Front Magħqud fis-settur privat għall-era l-ġdida (ara hawn taħt għal referenza sħiħa). (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023)

⁽³⁵⁾ Ara fuq: <http://www.cpcif.org.cn/detail/40288043661e27fb01661e386a3f0001?e=1> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023)

⁽³⁶⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 5, p. 100-1.

⁽³⁷⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 2, p. 26.

dan ir-reqwizit jidher li mhux dejjem ġie segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, sa minn tal-anqas l-2016, is-CCP saħħa l-prensjonijiet tiegħu ta' kontroll fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fl-SOEs bħala kwistjoni ta' prinċipju politiku. Huwa rrapportat ukoll li s-CCP jeżerċita pressjoni fuq kumpaniji privati biex jipprijoritizzaw il-"patrijottiżmu" u biex jikkonformaw mad-dixxiplina tal-partit ⁽³⁸⁾. Fl-2017, ġie rrapportat li kienu jeżistu ċelloli tal-partit f'madwar 70 % ta' madwar 1,86 miljun kumpanija bi sjieda privata, u dan irriżulta fi pressjoni dejjem akbar biex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji rispettivi tagħhom ⁽³⁹⁾. Dawn ir-regoli għandhom applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, fost is-setturi kollha, inkluż għall-produtturi tal-EMD u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

- (84) Barra minn hekk, fil-15 ta' Settembru 2020 inħareġ dokument bit-titolu General Office of CCP Central Committee's Guidelines on stepping up the United Front work in the private sector for the new era ("il-Linji Gwida") ⁽⁴⁰⁾, li kompli jespandi r-rwol tal-kumitat tal-partit f'intrapriżi privati. It-Taqsima II.4 tal-Linji Gwida tiddikjara: "[i]rridu nżidu l-kapaċità ġenerali tal-Parti li jmxxi l-ħidma tal-Front Magħqud fis-settur privat u jżid b'mod effettiv il-ħidma f'dan il-qasam"; u t-Taqsima III.6 tiddikjara: "[i]rridu nżidu ulterjorment il-bini tal-Partit f'intrapriżi privati u nippermettu li-ċelloli tal-Partit jaqdu r-rwol tagħhom b'mod effettiv bħala fortizza u nippermettu lill-membri tal-Partit iwettqu r-rwoli tagħhom bħala gwardji u pijunieri." Għalhekk, il-Linji Gwida jenfasizzaw u jfittxu li jżidu r-rwol tas-CCP fil-kumpaniji u f'entitajiet oħrajn tas-settur privat ⁽⁴¹⁾.
- (85) Il-preżenza u l-intervent tal-Istat fis-swieq finanzjarji (ara wkoll it-taqsima 3.2.1.8 ta' hawn taħt) kif ukoll fil-provvista ta' materja prima u ta' inputs għandhom effett ta' distorsjoni addizzjonali fuq is-suq ⁽⁴²⁾. Għalhekk, il-preżenza tal-Istat fid-ditti, inkluż fl-SOEs, fis-settur tas-sustanz kimiċi u f'setturi oħra (bħas-settur finanzjarji u dak tal-inputs) tippermetti lill-GTĊ jinterferixxi f'dak li għandu x'jaqşam mal-prezzijiet u mal-kostijiet.

3.2.1.5. Distorsjonijiet sinifikanti skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'xi mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles

- (86) Id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniża hija ddeterminata b'mod sinifikanti minn sistema elaborata ta' pjanar li tistabbilixxi l-prijoritajiet u tippreskrivi l-għanijiet li fuqhom iridu jiffukaw il-gvernijiet ċentrali u lokali. Jeżistu pjanijiet rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern u dawn ikopru virtwalment is-setturi ekonomiċi kollha. L-objettivi stabbiliti mill-istrumenti ta' pjanar huma ta' natura vinkolanti u l-awtoritajiet f'kull livell amministrattiv jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-pjanijiet mil-livell korrispondenti aktar baxx tal-gvern. B'mod ġenerali, is-sistema tal-ippjanar fir-RPĊ tirriżulta fis-sitwazzjoni fejn ir-riżorsi jintbagħtu lejn setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella politikament importanti mill-gvern, minflok ma jiġu allokati skont il-forzi tas-suq ⁽⁴³⁾.
- (87) L-industrija tal-EMD titqies bħala industrija essenzjali mill-GTĊ. Dan huwa kkonfermat fl-"14-il Pjan ta' 5 Snin ("FYP") pjan dwar l-iżvilupp tal-industrija tal-materja prima" ⁽⁴⁴⁾, peress li t-Taqsima V.3. semmiet b'mod speċifiku l-manganiż elettrolitiku: "It-titjib tal-livell ta' użu komprensiv tar-riżorsi, l-appoġġ tal-użu effiċjenti ħafna tar-riżorsi, it-titjib kontinwu tal-ġestjoni ta' tekniki u proċessi ewlenin, it-titjib tal-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi primarji, u t-tnaqqis tal-konsum tar-riżorsi u tal-enerġija matul il-proċess kollu. Il-promozzjoni b'mod komprensiv tal-utilizzazzjoni tal-materja prima u tal-iskart solidu industrijali, filwaqt li ssir enfasi fuq [...], **gagazza tal-manganiż elettrolitika** [...]. L-inkoraġġiment tal-implimentazzjoni fil-pajjiż kollu".

⁽³⁸⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 2, p. 31-2.

⁽³⁹⁾ Disponibbli fuq <https://www.reuters.com/article/us-china-congress-companies-idUSKCN1B40JU> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023).

⁽⁴⁰⁾ Disponibbli fuq www.gov.cn/zhengce/2020-09/15/content_5543685.htm (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023)

⁽⁴¹⁾ Financial Times (2020) "Chinese Communist Party asserts greater control over private enterprise", disponibbli fuq: <https://on.ft.com/3mYxP4j> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023).

⁽⁴²⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 14.1 sa 14.3.

⁽⁴³⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 4, p. 41-42, 83.

⁽⁴⁴⁾ "L-14-il Pjan ta' 5 Snin ("FYP") pjan dwar l-iżvilupp tal-industrija tal-materja prima" disponibbli fuq https://www.miit.gov.cn/zwgk/czwj/wjfb/tz/art/2021/art_2960538d19e34c66a5eb8d01b74cbb20.html (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023)

- (88) L-EMD jissemwew ukoll b'mod speċifiku fil-verżjoni tal-2019 tal-“Katalogu ta' Gwida għall-aġġustament strutturali tal-industrija”⁽⁴⁵⁾. Fil-katalogu, hemm tliet kategoriji ta' industriji: “imħeġġa”, “ristretta” u “li għandha tiġi eliminata”. L-EMD jissemwew fil-“kategorija ristretta.” Fl-istess ħin, fl-istess Katalogu ta' Gwida, tagħmir speċifiku tal-produzzjoni tal-EMD msejjaħ “forn reverbatorju” li jintuża biex jitnaqqas id-diossidu tal-manganiż, jissemma fil-kategorija “li għandha tiġi eliminata”.
- (89) Permezz ta' dawn l-istrumenti u strumenti oħra, il-GTĊ jidderiġi u jikkontrolla virtwalment kull aspekt mill-iżvilupp u l-funzjonament tas-settur. Il-GTĊ jiggwida wkoll l-iżvilupp tas-settur f'konformità ma' firxa wiesgħa ta' għodod politiki u ta' direttivi relatati, fost l-oħrajn: It-Taqsima VIII.1 Miżuri ta' implimentazzjoni tal-14-il FYP dwar l-iżvilupp tal-industrija tal-materja prima stabbiliet dan li ġej: “Il-lokalitajiet kollha jeħtieġ li jsaħħu l-konformità ma' dan il-Pjan u jintegraw il-kontenut ewleni u l-proġetti ewlenin tal-Pjan fil-kompiti lokali ewlenin tagħhom. Petrokimiċi u kimiċi, l-azzar u setturi ewlenin oħra għandhom ifasslu opinjonijiet speċifiċi ta' implimentazzjoni li jiffukaw fuq l-oġettivi u l-kompiti ta' dan il-Pjan filwaqt li jqisu l-kundizzjonijiet attwali prevalenti fis-setturi msemmija hawn fuq.”
- (90) Barra minn hekk, l-Opinjoni Gwida għall-promozzjoni tal-iżvilupp ta' kwalità għolja tal-industriji petrokimiċi u kimiċi matul l-14-il FYP⁽⁴⁶⁾ tikkwantifika parametri ulterjuri tal-iżvilupp ipplanat tas-settur: “Sal-2025, l-industrija petrokimika u kimika bażikament se tiffirma mudell ta' żvilupp ta' kwalità għolja b'kapaċitajiet indiġeni ta' innovazzjoni b'saħħithom, tqassim strutturali raġonevoli, żvilupp ekoloġiku, sikur u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Din se ttejjeb ukoll bil-kbir il-kapaċitajiet biex tiżgura prodott ta' livell għoli, ittejjeb b'mod sinifikanti l-kompetittività ewlenija, u tiegħu passi determinati lejn awtodipendenza u awtotitjib ta' livell għoli”⁽⁴⁷⁾ u diversi miri għas-settur kimiku: “[i]l-livell ta' konċentrazzjoni tal-produzzjoni tal-produzzjoni ta' sustanzi kimiċi fi kwantitajiet kbar se jiżjed aktar, u r-rata ta' użu tal-kapaċità se tilħaq aktar minn 80 % [...] se jiġu stabbiliti madwar 70 park tal-industrija kimika b'vantaġġi kompetittivi”⁽⁴⁸⁾. Hija tenfasizza wkoll il-hteġa li: “tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politiki fiskali, finanzjarji, reġjonali, tal-investment, tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni, tal-enerġija, tal-ambjent ekoloġiku, tal-prezzijiet u politiki oħra ma' politiki industrijali” kif ukoll li “jintuża bis-siħħ ir-rwol tal-pjattaforma ta' kooperazzjoni konġunta nazzjonali tal-industrija u l-finanzi, u jiġu promossi konnessjonijiet bejn il-banek u l-intrapriżi u kooperazzjoni fl-industrija u l-finanzi”⁽⁴⁹⁾.
- (91) Hemm ukoll politiki provinċjali li jappoġġaw l-industrija tal-manganiż. Guizhou, Guangxi, Hunan u postijiet oħra huma ż-żoni ta' produzzjoni ewlenin tad-diossidu tal-manganiż elettrolitiku fiċ-Ċina, li minnhom Guangxi tikkostitwixxi kważi 80 % tal-output totali tal-pajjiż⁽⁵⁰⁾.
- (92) Fl-2017, il-provinċja ta' Guangxi ppubblikat il-“Guangxi Metallurgical Industry Second Entrepreneurship Implementation Plan” (2017-2025)⁽⁵¹⁾. Fit-Taqsima I tal-pjan jissemma li “Sal-2025, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-ferroliga f'Guangxi se tiġi kkontrollata għal madwar 6 miljun tunnellata; il-kapaċità tal-produzzjoni tal-metall tal-manganiż elettrolitiku se tkun ikkontrollata b'madwar 600 000 tunnellata; il-kapaċità tal-produzzjoni tad-diossidu tal-manganiż elettrolitiku se tkun ta' 270 000 tunnellata; il-kapaċità tal-produzzjoni tas-sulfat tal-manganiż se tkun ta' madwar 100 000 tunnellata; Batterija tal-jon tal-litju bbażata fuq il-manganiż ta' 400 miljun Ampere-siegħa”. Taqsima II.4.2. issemmi li wieħed mill-oġettivi huwa li “Tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-ħadid u l-azzar, l-azzar inossidabbli u l-funderija, u li jsir sforz biex ittejjeb il-kapaċità lokali li jiġu proċessati l-metall tal-manganiż, id-diossidu tal-manganiż u s-sulfat tal-manganiż u prodotti oħra.”

⁽⁴⁵⁾ Il-Verżjoni tal-2019 tal-Katalogu ta' Gwida għall-aġġustament strutturali tal-industrija, paġna 83 u paġna 106, disponibbli fuq: <http://www.gov.cn> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023)

⁽⁴⁶⁾ Opinjoni Gwida għall-Promozzjoni tal-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industriji Petrokimiċi u Kimiċi matul l-14-il FYP. Disponibbli fuq: http://www.gov.cn/zhengce/zhengceku/2022-04/08/content_5683972.htm#msdyntrid=WRmyf07ph0z74SHm-XoOLKjRW109BdZ4lGdYp9fiI9xU (ikkonsultat l-aħħar fl-22 ta' Awwissu 2023).

⁽⁴⁷⁾ *Ibid.*, it-Taqsima I.3.

⁽⁴⁸⁾ *Ibid.*

⁽⁴⁹⁾ *Ibid.*, it-Taqsima VIII.

⁽⁵⁰⁾ Sors: Is-sit web tal-aħbarijiet ta' SOHU disponibbli fuq https://www.sohu.com/a/676687101_385826 (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023).

⁽⁵¹⁾ Guangxi Metallurgical Industry Second Entrepreneurship Implementation Plan (2017-2025) [2017] Nru 157 disponibbli fuq: <https://h5.drcnet.com.cn/docview.aspx?version=mineral&docid=4997334&leafid=23025&chnid=5819> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023).

- (93) Barra minn hekk, fl-2018, Guangxi ppubblikat “Development plan for manganese industry clusters and industry chain”⁽⁵²⁾ li ġie kkompatat u maħruġ bħala pjan direzzjonali biex jiggwida l-iżvilupp futur tal-industrija tal-manganiż fir-reġjun. Fl-istess sena ġiet ippubblikata “Policy Interpretation of the Guangxi Manganese Industry Cluster and Industrial Chain Development Plan”⁽⁵³⁾.
- (94) L-għanijiet ta’ żvilupp tal-pjan huma “li jiġu ottimizzati l-istruttura u t-tqassim tal-industrija tal-manganiż, jiġi realizzat l-iżvilupp ikkoordinat tal-minjieri, l-arrikkiment, tat-tidwib, u l-ipproċessar fil-fond, jiġu fformati raggruppamenti industrijali għall-estrazzjoni tal-minerali tal-manganiż u l-ipproċessar tal-minerali tal-manganiż, tiżdied il-protezzjoni tal-ambjent ekoloġiku, tingħata attenzjoni lill-produzzjoni sikura u r-riċiklaġġ tar-riżorsi, u jiġu promossi b’mod vigoruż il-konservazzjoni tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet. Isir sforz biex il-kapaċità tal-produzzjoni tal-metall tal-manganiż elettroliku fil-provinċja tagħna tiġi kkontrollata għal madwar 600 000 tunnellata sal-2020; il-kapaċità tal-produzzjoni tad-diossidu tal-manganiż elettrolitiku f’270 000 tunnellata, u l-kapaċità tal-produzzjoni tas-sulfat tal-manganiż f’madwar 100 000 tunnellata;”
- (95) Il-miżuri ta’ implimentazzjoni tal-pjan ressuq sitt aspetti inkluż “it-tisħiħ tal-organizzazzjoni u tal-koordinazzjoni, l-istabbiliment u t-titjib tas-sistema standard tal-industrija tal-manganiż, il-promozzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp, il-promozzjoni u l-applikazzjoni ta’ prodotti tal-manganiż u t-teknoloġija tal-ipproċessar, it-tisħiħ tal-kostruzzjoni ta’ intrapriżi vantaġġużi u t-timijiet ta’ talent, it-tisħiħ tal-appoġġ finanzjarju fiskali u tat-taxxa, u l-attirar vigoruż tal-investiment.”
- (96) Barra minn hekk, it-Taqsima III.4 tal-pjan imsemmi hawn fuq, hija favur “Li jiġu attirati b’mod attiv intrapriżi b’saħħithom u tinbena alleanza ta’ dawk b’saħħithom, li jiġu kkultivati intrapriżi ewlenin, u li jiġu mħeġġa intrapriżi ewlenin fir-reġjun lejn l-integrazzjoni u r-riorganizzazzjoni. Ma’ intrapriżi ewlenin bħal CITIC Dameng Mining Co., Ltd., Guangxi Ferroalloy Co., Ltd., u Baise Mining Group Co., Ltd, il-park industrijali taċ-ċiklu ekoloġiku ta’ materjali ġodda bbażati fuq il-manganiż ta’ 1,5 miljun tunnellata fis-sena ta’ Manganese Qinzhou, l-ipproċessar u t-tidwib tal-metall tal-minerali tal-manganiż u l-bażi tal-utilizzazzjoni komprensiva tal-gagazza tal-manganiż bi proċessar fil-fond tal-manganiż ta’ Baikuang Group Jingxi, u proġetti oħra fuq skala kbira jrawmu l-integrazzjoni ta’ riżorsi vantaġġużi, jikkombinaw bis-sħiħ il-vantaġġi tal-kapital tal-Istat u privat, sabiex itejbu l-effiċjenza operattiva ta’ intrapriżi ewlenin, jottimizzaw l-istruttura tal-industrija u tal-prodott, inaqqsu l-kompetizzjoni fl-istess industrija, u jibnu intrapriżi ewlenin f’intrapriżi ta’ kwalità għolja magħrufa internazzjonalment b’kompetittività fis-suq b’saħħitha.”
- (97) Barra minn hekk, skont it-Taqsima IV-miżuri ta’ implimentazzjoni, il-pjan jirreferi għal “It-tisħiħ tal-appoġġ fiskali, tat-taxxa u finanzjarju. It-tisħiħ tal-komunikazzjoni ta’ informazzjoni tal-gvern, tal-banek u tal-intrapriżi, effettivament għandu r-rwol ta’ iċċentiv u ta’ gwida tal-fondi finanzjarji, jattira b’mod attiv il-kapital soċjali, u jappoġġa l-iżvilupp tal-industrija tal-manganiż. L-għoti ta’ effett sħiħ lir-rwol ta’ gwida tal-fondi ta’ investiment fl-ekwità industrijali, il-koordinazzjoni u l-appoġġ għall-iżvilupp tal-industrija tal-manganiż. Id-dipartimenti kollha tal-amministrazzjoni għandhom jużaw il-fondi disponibbli biex jiggwidaw l-iżvilupp ta’ ċentri ta’ innovazzjoni tal-manifattura tal-manganiż, pjattaformi ta’ dimostrazzjoni tal-applikazzjonijiet, istituzzjonijiet ta’ riċerka u żvilupp, u proġetti ta’ dimostrazzjoni tal-applikazzjonijiet. L-implimentazzjoni ulterjuri ta’ serje ta’ politiki li appoġġaw l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-intrapriżi f’dawn l-aħħar snin, u li kienu ta’ benefiċċju b’mod effettiv lill-intrapriżi.”
- (98) Barra minn hekk, l-intervent tal-awtoritajiet pubbliċi fl-iżvilupp tal-industrija tal-EMD fil-Provinċja ta’ Guangxi, qed jintwera wkoll mir-“Rakkomandazzjonijiet ippubblikati mis-Segretarju tal-Grupp ta’ Tmexxija tal-Partit u mid-Direttur tal-Uffiċċju tal-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni ta’ Baise”⁽⁵⁴⁾. Ir-rakkomandazzjonijiet semmew li l-pajjiż niżżel il-mineral tal-manganiż bħala riżorsa minerali strateġika. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjonijiet semmew li “F’dawn l-aħħar snin, il-kumitat tal-partit u l-gvern tar-reġjun awtonomu taw importanza kbira lill-

⁽⁵²⁾ “Development plan for manganese industry clusters and industry chain” tal-provinċja ta’ Guangxi tal-2018 disponibbli fuq: <http://gxt.gxzf.gov.cn/xxgk/fgzc/gfxwj/t4240632.shtm> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta’ Awwissu 2023)

⁽⁵³⁾ Sors: “Policy Interpretation of Guangxi Manganese Industry Cluster and Industrial Chain Development Plan”. Id-Dipartiment tal-Industrija tal-Materja Prima, it-30 ta’ Ottubru 2018.

⁽⁵⁴⁾ Ir-rakkomandazzjonijiet tas-CCP tal-Provinċja ta’ Guangxi disponibbli fuq: <http://www.gxzx.gov.cn/html/wylz/weiyuanfengcai/492.html> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta’ Awwissu 2023).

ottimizzazzjoni u lill-aġġornament tal-katina industrijali, implimentaw b'mod vigoruż it-tieni impriża tal-industrija metallurġika, u l-kapaċità tal-produzzjoni tal-mineral tal-manganiż kompliet tikber. Fl-2020, l-output tad-diossidu tal-manganiż elettrolitiku fir-reġjun se jkun ta' 260 500 tunnellata, li jammonta għal madwar 75 % tal-output nazzjonali; l-output ta' metall tal-manganiż elettrolitiku se jkun ta' 270 100 tunnellata, li jammonta għal madwar 18 % tal-output nazzjonali, li huwa kklassifikat fost dawk fl-ogħla livell fil-pajjiż."

- (99) Il-Provinċja ta' Guangxi ma hijiex l-unika waħda bi promozzjoni attiva tal-industrija tal-manganiż. Il-provinċja ta' Guizhou introduċiet ukoll miżuri biex tiġi żviluppata l-industrija tal-manganiż u tal-ipproċessar tal-manganiż. L-14-il Pjan ta' 5 Snin tal-provinċja ta' Guizhou dwar l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ⁽⁵⁵⁾ jinkludi fost l-oġġettivi tiegħu kooperazzjoni ma' provinċji oħra fil-promozzjoni tal-industrija tal-manganiż: "It-tiżhij tal-iskambji u l-kooperazzjoni ma' Hunan, ma' Hubei, ma' Jiangxi u ma' provinċji oħra fil-parti tan-nofs tax-Xmara Yangtze fl-oqsma tal-enerġija, tat-turiżmu, tal-manifattura tat-tagħmir, ta' materjali ġodda, tal-edukazzjoni, eċċ., u l-bini b'mod konġunt ta' bażijiet industrijali bħall-ipproċessar profund ġdid tal-manganiż".
- (100) Fil-qosor, il-GTĊ għandu miżuri stabbiliti biex iħeġġeġ lill-operaturi jkkonformaw mal-oġġettivi tal-ordni pubbliku li jingħata appoġġ lill-industriji mħeġġa, inkluża l-produzzjoni tal-EMD. Dawn il-miżuri jimpedixxu l-forzi tas-suq milli joperaw b'mod ħieles.

3.2.1.6. Distorsjonijiet sinifikanti skont ir-raba' inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-fallimenti, il-kumpaniji jew il-proprjetà

- (101) Skont l-informazzjoni fil-fajl, is-sistema Ċiniża dwar il-falliment ma timplimentax b'mod adegwat l-oġġettivi ewlenin tagħha bħal pereżempju s-saldu ġust tal-pretensjonijiet u tad-dejn u s-salvagwardja tad-drittijiet u l-interessi legali tal-kredituri u tad-debituri. Dan jidher li huwa msejjes fil-fatt li filwaqt li l-liġi Ċiniża dwar il-falliment tibbaża formalment fuq prinċipji simili għal dawk li jiġu applikati fligijiet korrispondenti fpajjiżi oħrajn minbarra r-RPĊ, is-sistema Ċiniża hija kkaratterizzata minn nuqqas ta' infurzar sistematiku. In-numru ta' fallimenti għadu magħruf li huwa baxx meta mqabbel mad-daqs tal-ekonomija tal-pajjiż, mhux l-anqas minħabba li l-proċedimenti ta' insolvenza għandhom numru ta' nuqqasijiet, li effettivament jiffunzjonaw bħala diżinċentiv għall-infilzar ta' fallimenti. Barra minn hekk, ir-rwol tal-Istat fil-proċedimenti ta' insolvenza għadu b'saħħtu u attiv, fejn spiss ikollu influwenza diretta fuq l-eżitu tal-proċedimenti ⁽⁵⁶⁾.
- (102) Barra minn hekk, in-nuqqasijiet tas-sistema tad-drittijiet ta' proprjetà huma partikolarment evidenti fir-rigward tas-sjeda tal-art u d-drittijiet għall-użu tal-art fir-RPĊ ⁽⁵⁷⁾. L-art kollha hija proprjetà tal-Istat Ċiniż (art rurali bi proprjetà kollettiva u art urbana tal-Istat). L-allokazzjoni tagħha għadha tiddependi biss mill-Istat. Hemm dispożizzjonijiet legali li għandhom l-għan li jallokaw id-drittijiet għall-użu tal-art b'mod trasparenti u bi prezzijiet tas-suq, pereżempju bl-introduzzjoni ta' proċeduri ta' offerti. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet ma jiġux irrispettati b'mod regolari, u ċerti akkwirenti jiksibu l-art tagħhom mingħajr ħlas jew b'rati aktar baxxi mir-rati tas-suq ⁽⁵⁸⁾. Barra minn hekk, l-awtoritajiet spiss isegwu għanijiet politiċi speċifiċi, inkluż l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ekonomiċi, meta jkunu qed jallokaw l-art ⁽⁵⁹⁾.
- (103) L-istess bħas-setturi l-oħra fl-ekonomija Ċiniża, il-produtturi tal-EMD huma soġġetti għar-regoli ordinarji dwar il-liġijiet Ċiniżi dwar il-falliment, dwar il-liġi tal-kumpaniji u dwar il-proprjetà. L-effett ta' dan huwa li anke dawn il-kumpaniji huma soġġetti għad-distorsjonijiet minn fuq għal isfel li jirriżultaw mill-applikazzjoni diskriminatorja jew mill-infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà. Dawk il-kunsiderazzjonijiet jidhru li japplikaw bis-sħiħ ukoll fis-settur tal-EMD. Din l-investigazzjoni ma żvelat xejn li jqajjem dubji dwar dawn is-sejbiet.

⁽⁵⁵⁾ L-14-il FYP tal-Provinċja ta' Guizhou dwar l-iżvilupp ekonomiku u soċjali u l-perspettivi tal-2035, disponibbli fuq: https://www.ndrc.gov.cn/fggz/fzzlgh/dfzgh/202105/t20210508_1279407.html (ikkonsultat l-aħħar fl-22 ta' Awwissu 2023).

⁽⁵⁶⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 6, p. 138-149.

⁽⁵⁷⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 9, p. 216.

⁽⁵⁸⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 9, p. 213-215.

⁽⁵⁹⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 9, p. 209-211.

- (104) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm applikazzjoni diskriminatorja jew infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprietà fis-settur tal-EMD, inkluż fir-rigward tal-prodott ikkonċernat.

3.2.1.7. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż tar-Regolament bażiku: id-distorsjoni tal-kostijiet tal-pagi

- (105) Ma huwiex possibbli li fir-RPĊ tiżviluppa bis-sħiħ sistema ta' pagi bbażata fuq is-suq peress li d-drittijiet ta' organizzazzjoni kollettiva tal-ħaddiema u tal-impjegaturi huma mxejnkla. Ir-RPĊ ma rratifikatx għadd ta' konvenzjonijiet essenzjali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO"), b'mod partikolari dawk dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u dwar in-negozjar kollettiv (⁶⁰). Skont il-liġi nazzjonali, organizzazzjoni ta' trade union waħda biss hija attiva. Madankollu, din l-organizzazzjoni ma hijiex indipendenti mill-awtoritajiet tal-Istat u l-involvement tagħha fin-negozjar kollettiv u fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema għadu rudimentali (⁶¹). Barra minn hekk, il-mobilità tal-forza tax-xogħol Ċiniża hija ristretta mis-sistema ta' reġistrazzjoni tal-unitajiet domestiċi, li tillimita l-aċċess għall-firxa sħiħa tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u oħrajn għar-residenti lokali ta' żona amministrattiva partikolari. Dan tipikament jirriżulta f'ħaddiema li ma jkunux fil-pussess tar-reġistrazzjoni tar-residenza lokali, u jsibu ruħhom f'pożizzjoni ta' impjeg vulnerabbli u jirċievu introjtu aktar baxx mid-detenturi tar-reġistrazzjoni tar-residenza (⁶²). Dawk is-sejbiet iwasslu għad-distorsjoni tal-kostijiet tal-pagi fir-RPĊ.
- (106) Ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza li turi li s-settur tal-EMD ma huwiex soġġett għas-sistema Ċiniża dwar il-liġi tax-xogħol deskritta. Għalhekk is-settur tal-EMD huwa affettwat mid-distorsjonijiet tal-kostijiet lavorattivi kemm direttament (fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat jew tal-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tiegħu) kif ukoll indirettament (f'termini ta' aċċess għall-kapital jew għal inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema tax-xogħol fir-RPĊ).

3.2.1.8. Distorsjonijiet sinifikanti skont is-sitt inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: l-aċċess għall-finanzi mogħti minn istituzzjonijiet li jimplementaw objettivi ta' ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-Istat

- (107) L-aċċess għall-kapital għal atturi korporattivi fir-RPĊ huwa soġġett għal diversi distorsjonijiet.
- (108) L-ewwel nett, is-sistema finanzjarja Ċiniża hija kkaratterizzata mill-pożizzjoni b'saħħitha tal-banek tal-Istat (⁶³), li, meta jagħtu aċċess għal finanzjament, iqisu kriterji oħrajn għajr il-vijabbiltà ekonomika ta' proġett. B'mod simili għall-SOEs mhux finanzjarji, il-banek jibqgħu marbutin mal-Istat mhux biss permezz tas-sjeda iżda wkoll permezz ta' relazzjonijiet personali (l-ogħla eżekuttivi tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat fl-aħħar mill-aħħar jinħatru mis-CCP) (⁶⁴) u, għal darb'oħra eżatt bħal fil-każ tal-SOEs mhux finanzjarji, il-banek jimplementaw b'mod regolari ordnijiet pubbliċi mfassla mill-gvern. Meta jagħmlu dan, il-banek jikkonformaw ma' obbligu legali espliċitu li jmexxu n-negozju tagħhom f'konformità mal-ħtiġijiet tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali nazzjonali u skont il-gwida tal-politiki industrijali tal-Istat (⁶⁵). Dan huwa amplifikat permezz ta' regoli eżistenti addizzjonali, li jidderieġu l-finanzi lejn setturi magħżula mill-gvern bħala mħeġġa jew li b'xi mod ieħor huma importanti (⁶⁶).
- (109) Filwaqt li huwa rikonoxxut li diversi dispożizzjonijiet legali jirreferu għall-ħtieġa li jiġu rrispettati l-impjega bankarja normali u r-regoli prudenzjali bħall-ħtieġa li tiġi eżaminata l-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju, l-evidenza massiva, inklużi s-sejbiet li saru fl-investigazzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ, tissuġġerixxi li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom biss rwol sekondarju fl-applikazzjoni tad-diversi strumenti legali.

⁽⁶⁰⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 13, p. 332-337.

⁽⁶¹⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 13, p. 336.

⁽⁶²⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 13, p. 337-341.

⁽⁶³⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 6, p. 114-117.

⁽⁶⁴⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 6, p. 119.

⁽⁶⁵⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 6, p. 120.

⁽⁶⁶⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 6, p. 121-122, 126-128, 133-135.

- (110) Pereżempju, il-GTĊ dan l-aħħar iċċara li anki d-deċiżjonijiet bankarji kummerċjali privati jridu jiġu ssorveljati mis-CCP u jibqgħu konformi mal-politiki nazzjonali. Wieħed mit-tliet għanijiet ġenerali tal-Istat fir-rigward tal-governanza bankarja issa huwa li tissaħħaħ it-tmexxija tal-Partit fis-settur bankarju u tal-assigurazzjoni, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet operazzjonali u ta' ġestjoni fil-kumpaniji ⁽⁶⁷⁾. Barra minn hekk, il-kriterji tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-banek kummerċjali issa għandhom iqisu, b'mod partikolari, kif l-entitajiet "jaqdu l-oġettivi ta' żvilupp nazzjonali u l-ekonomija reali", u b'mod partikolari kif "jaqdu l-industriji strateġiċi u emerġenti" ⁽⁶⁸⁾.
- (111) Barra minn hekk, il-klassifikazzjonijiet tal-bonds u tal-kreditu ta' spiss ikunu soġġetti għal distorsjoni għal diversi raġunijiet, inkluż il-fatt li l-valutazzjoni tar-riskju tiġi influwenzata mill-importanza strateġika tad-ditta għall-GTĊ u mis-saħħa ta' kull garanzija impliċita mill-gvern. L-istimi jissuġġerixxu bil-qawwa li l-klassifikazzjonijiet ta' kreditu Ċiniżi jikkorrispondu b'mod sistematiku ma' klassifikazzjonijiet internazzjonali aktar baxxi ⁽⁶⁹⁾.
- (112) Dan huwa amplifikat permezz ta' regoli eżistenti addizzjonali, li jidderieġu l-finanzi lejn setturi magħżula mill-gvern bħala mħeġġa jew li b'xi mod ieħor huma importanti ⁽⁷⁰⁾. Dan jirriżulta f'tendenza favur li jingħata self lill-SOEs, lil ditti privati kbar u b'konnessjonijiet tajbin u lil ditti f'setturi industrijali ewlenin, u dan jimplika li d-disponibbiltà u l-kost tal-kapital ma humiex ugwali għall-atturi kollha fis-suq.
- (113) It-tieni, il-kostijiet tas-self inżammu baxxi b'mod artifiċjali sabiex jiġi stimolat it-tkabbir tal-investment. Dan wassal għall-użu eċċessiv ta' investment kapitali b'redditi dejjem aktar baxxi fuq l-investment. Dan huwa muri mit-tkabbir fl-ingranaġġ korporattiv fis-settur tal-Istat minkejja tnaqqis qawwi fil-profitabilità, li jissuġġerixxi li l-mekkaniżmi operati fis-sistema bankarja ma jsewewx risponsi kummerċjali normali.
- (114) It-tielet, għalkemm f'Ottubru 2015 inkisbet liberalizzazzjoni nominali tar-rata tal-imgħax, is-sinjali tal-prezzijiet għadhom ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles, iżda huma influwenzati minn distorsjonijiet ikkawżati mill-gvern. Is-sehem ta' self fir-rata ta' referenza jew taħtha kien għadu jirrappreżenta mill-inqas terz tas-self kollu sa mill-aħħar tal-2018 ⁽⁷¹⁾. Il-media uffiċjali fir-RPĊ dan l-aħħar irrapportat li s-CCP talab "li r-rata tal-imgħax tas-suq tas-self titmexxa 'l isfel." ⁽⁷²⁾ Rati tal-imgħax baxxi b'mod artifiċjali jirriżultaw fi twaqqiġ tal-prezzijiet, u konsegwentement, fl-użu eċċessiv tal-kapital.
- (115) It-tkabbir ġenerali tal-kreditu fir-RPĊ jindika deterjorament fl-effiċjenza tal-allokkazzjoni tal-kapital mingħajr l-ebda sinjal ta' restrizzjoni kreditizja li tkun mistennija f'ambjent tas-suq mingħajr distorsjoni. Bħala riżultat, is-self improduttiv żdied b'mod rapidu fis-snin reċenti. Quddiem sitwazzjoni ta' żieda tad-dejn f'riskju, il-GTĊ għażel li jevita l-inadempjenzi. B'konsegwenza ta' dan, il-problemi ta' dejn mitluf ġew indirizzati permezz ta' riportament tad-dejn, sabiex b'hekk inħolqu l-hekk imsejħa kumpaniji "zombi", jew permezz tat-trasferiment tas-sjeda tad-dejn (eż. permezz ta' fużjonijiet jew ta' skambju ta' dejn ma' ekwità), mingħajr ma neċessarjament titneħħa l-problema ġenerali tad-dejn jew jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħha.

⁽⁶⁷⁾ Ara d-dokument ta' politika uffiċjali tal-Kummissjoni Regolatorja taċ-Ċina dwar l-Attività Bankarja u l-Assigurazzjoni (CBIRC) tat-28 ta' Awwissu 2020: "Three-year action plan for improving corporate governance of the banking and insurance sectors (2020-2022)". <http://www.cbirc.gov.cn/cn/view/pages/ItemDetail.html?docId=925393&itemId=928> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023). Il-Pjan jagħti struzzjonijiet biex "jiġi implimentat ulterjorment l-ispirtu inkorporat fid-diskors ewlieni tas-Segretarju Ġenerali Xi Jinping dwar l-avvanz fir-riforma tal-governanza korporattiva tas-settur finanzjarju". Barra minn hekk, it-Taqsima II tal-Pjan għandha l-għan li tippromwovi l-integrazzjoni organika tat-tmexxija tal-Partit fil-governanza korporattiva: "għandna nagħmlu l-integrazzjoni tat-tmexxija tal-Partit fil-governanza korporattiva aktar sistematika, standardizzata u bbażata fuq il-proċeduri [...] Il-Kumitat tal-Partit irid ikun iddiskuta kwistjonijiet operazzjonali u maniġerjali ewlenin qabel ma jiġu deċiżi mill-Bord tad-Diretturi jew mill-maniġment superjuri."

⁽⁶⁸⁾ Ara Notice on the Commercial banks performance evaluation method tas-CBIRC, maħruġa fil-15 ta' Diċembru 2020. http://jrs.mof.gov.cn/gongzuotongzhi/202101/t20210104_3638904.htm (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2023).

⁽⁶⁹⁾ Id-Dokument ta' Ħidma tal-FMI "Resolving China's Corporate Debt Problem", minn Wojciech Maliszewski, Serkan Arslanalp, John Caparusso, José Garrido, Si Guo, Joong Shik Kang, W. Raphael Lam, T. Daniel Law, Wei Liao, Nadia Rendak, Philippe Wingender, Jiangyan, Ottubru 2016, WP/16/203

⁽⁷⁰⁾ Ir-Rapport – Il-Kapitolu 6, p. 121-122, 126-128, 133-135.

⁽⁷¹⁾ Ara OECD (2019), *OECD Economic Surveys: China 2019*, OECD Publishing, Pariġi. p. 29. Disponibbli fuq: *OECD Economic Surveys: China 2019* | OECD Economic Surveys: China | OECD iLibrary (oecd-ilibrary.org)

⁽⁷²⁾ Ara: <https://m.jiemian.com/article/4179811.html> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Awwissu 2022).

- (116) Essenzjalment, minkejja l-passi li ttiēhdu biex is-suq jiġi liberalizzat, is-sistema tal-kreditu korporattiv fir-RPĊ hija affettwata minn distorsjonijiet sinifikanti bħala riżultat tar-rwol pervażiv kontinwu tal-istat fis-swieq kapitali.
- (117) Ma ġiet sottomessa l-ebda evidenza li tgħid li s-settur tal-EMD se jkun eżentat mill-intervent tal-gvern deskritt hawn fuq fis-sistema finanzjarja. Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal sabiex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b'mod serju fil-livelli kollha.

3.2.1.9. In-natura sistemika tad-distorsjonijiet deskritti.

- (118) Il-Kummissjoni nnotat li d-distorsjonijiet deskritti fir-Rapport huma karatteristika tal-ekonomija Ċiniża. L-evidenza disponibbli turi li l-fatti u l-karatteristiċi tas-sistema Ċiniża kif deskritti hawn fuq fit-Taqsimiet 3.2.1.2-3.2.1.8, kif ukoll fil-Parti A tar-Rapport japplikaw fil-pajjiż kollu u fis-setturi kollha tal-ekonomija. L-istess japplika għad-deskrizzjoni tal-fatturi tal-produzzjoni kif stabbilit hawn fuq fit-Taqsimiet 3.2.1.6-3.2.1.8 hawn fuq u fil-Parti B tar-Rapport.
- (119) Il-Kummissjoni tfakkar li sabiex jiġu prodotti l-EMD, hemm bżonn firxa wiesgħa ta' inputs. Meta l-produtturi tat-EMD jixtru/jikkuntrattaw dawn l-inputs, il-prezzijiet li jħallsu (u li jiġu rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) huma esposti b'mod ċar għall-istess distorsjonijiet sistemiki msemmija qabel. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs iħaddmu manodopera li tkun soġġetta għad-distorsjonijiet. Huma jistgħu jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settur finanzjarju/l-allokkazzjoni tal-kapital. Barra minn hekk, huma soġġetti għas-sistema ta' ppjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-setturi.
- (120) B'konsegwenza ta' dan, mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-EMD ma humiex xierqa għall-użu fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-kostijiet tal-inputs kollha (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, eċċ.) huma wkoll affettwati minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern, kif deskritt fil-Partijiet A u B tar-Rapport. Fil-fatt, l-interventi tal-gvern deskritti fir-rigward tal-allokkazzjoni tal-kapital, tal-art, tal-manodopera, tal-enerġija u tal-materja prima huma preżenti fir-RPĊ kollha. Dan ifisser, pereżempju, li input li, ġie prodott fir-RPĊ bil-kombinazzjoni ta' firxa ta' fatturi tal-produzzjoni, huwa espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input, lejn l-input u l-bqija. F'din l-investigazzjoni, la l-GTĊ u lanqas il-produtturi esportaturi ma preżentaw xi evidenza jew argument li juru l-kuntrarju.

3.2.1.10. Konklużjoni

- (121) L-analiżi stabbilita fit-Taqsimiet 3.2.1.2. sa 3.2.1.9., li tinkludi eżami tal-evidenza kollha disponibbli relatata mal-intervent tar-RPĊ fl-ekonomija tagħha b'mod ġenerali kif ukoll fis-settur tal-EMD b'mod partikolari, uriet li l-prezzijiet jew il-kostijiet tal-prodott ikkonċernat, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tal-manodopera, ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għaliex huma affettwati minn intervent sostanzjali mill-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku kif muri mill-impatt reali jew potenzjali ta' wieħed jew aktar mill-elementi rilevanti elenkati fih. Abbażi ta' dan, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kooperazzjoni mill-GTĊ, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi biex jiġi stabbilit il-valur normali f'dan il-każ.
- (122) Konsegwentement, il-Kummissjoni proċediet biex tikkalkola l-valur normali esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u l-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, abbażi tal-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u l-bejgħ fpajjiż rappreżentattiv xieraq, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, kif diskuss fit-Taqsima li ġejja.

3.2.2. Pajjiż rappreżentattiv

3.2.2.1. Rimarki ġenerali

(123) L-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin, skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku:

- Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni użat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross *per capita* simili għar-RPĊ abbażi tal-bażi tad-*data* tal-Bank Dinji ⁽⁷³⁾;
- Il-produzzjoni tal-prodott li qiegħed jiġi investigat f'dak il-pajjiż;
- Id-disponibbiltà ta' *data* pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv.

Fejn kien hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, inġhatat preferenza, meta kien xieraq, lill-pajjiż b'livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

(124) L-Ewwel u t-Tieni Nota diskussi hawn fuq iddeskrivew il-fatti u l-evidenza li fuqhom huma bbażati l-kriterji rilevanti, u indirizzaw ukoll il-kummenti li rċevew il-partijiet dwar dawk l-elementi u dwar is-sorsi rilevanti. Il-Kummissjoni infurmat ukoll lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tagħha li tqis lill-Kolombja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq f'dan il-każ jekk tiġi kkonfermata l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

3.2.2.2. Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għal dak taċ-Ċina u l-produzzjoni tal-prodott li qiegħed jiġi investigat

(125) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni spjegat li l-Kolombja kien l-uniku pajjiż b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħaċ-Ċina skont il-Bank Dinji, (jiġifieri huwa kklassifikat mill-Bank Dinji bħala pajjiżi "b'introjtu medju superjuri" fuq bażi tal-introjtu nazzjonali gross) fejn kien magħruf li jiġi manifatturat l-prodott li qiegħed jiġi investigat.

(126) Wara l-Ewwel Nota, Guliu afferma li l-Messiku jenħtieġ li jintuża bħala pajjiż rappreżentattiv peress li jipproduċi minerali tal-manganiż (il-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-EMD) u, minbarra *d-data* dwar l-importazzjoni tal-minerali tal-manganiż, għandu biżżejjed kwantitajiet ta' importazzjoni ta' materja prima oħra. Guliu ssuġġeriet li l-Kolombja tintuża għall-prezzijiet tal-importazzjoni tal-minerali tal-manganiż u Autlan EMD għas-SG&A u l-profit.

(127) Il-produzzjoni tal-prodott li qiegħed jiġi investigat hija wieħed mill-kriterji li tuża l-Kummissjoni meta tibni l-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Għall-kuntrarju tal-Kolombja, li għandha l-produzzjoni tal-prodott li qiegħed jiġi investigat, il-Messiku ma għandu l-ebda u għalhekk ma jistax jitqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(128) Varta qieset li l-għażla tal-Kolombja bħala pajjiż rappreżentattiv hija dubjuża, minħabba t-tqabbil allegatament żbaljat mal-kostijiet tal-elettriku fiċ-Ċina u ssuġġeriet li t-tip ta' ġenerazzjoni tal-elettriku u l-kostijiet tad-distribuzzjonijiet tal-elettriku jeħtieġ li jiġu kkunsidrati.

(129) Varta ma wrietx sa liema punt il-prezz referenzjarju tal-elettriku tal-Kolombja ma jkunx rappreżentattiv tal-prezz mingħajr distorsjoni fiċ-Ċina, u lanqas ma pprovdiet alternattivi konkreti. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

⁽⁷³⁾ World Bank Open Data – Upper Middle Income, <https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income>.

- (130) Sa fejn taf il-Kummissjoni, ma hemm l-ebda pajjiż ieħor fil-livell ta' żvilupp ekonomiku simili għal dak taċ-Ċina fejn jiġu prodotti l-EMD, u l-ebda parti interessata ma ressqet kwalunkwe informazzjoni għda dwar din il-kwistjoni, u għalhekk fit-Tieni Nota, il-Kolombja ġiet ikkonfermata bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.2.2.3. Disponibbiltà ta' data pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv

- (131) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni indikat li għall-pajjiż identifikat bħala l-pajjiż fejn qed jiġi prodott il-prodott li qiegħed jiġi investigat, jiġifieri l-Kolombja, id-disponibbiltà tad-*data* pubblika kellha tiġi vverifikata aktar b'mod partikolari fir-rigward tad-*data* finanzjarja pubblika għall-perjodu tal-investigazzjoni mill-produtturi tal-prodott li qiegħed jiġi investigat jew f'segment tal-produzzjoni simili.
- (132) Guiliu, fil-kummenti tagħha għall-Ewwel Nota, affermat li l-kwantitajiet ta' importazzjoni għal ċerti fatturi ta' produzzjoni ("FOPs") fil-Kolombja ma humiex biżżejjed u li l-prezzijiet ta' dawk l-FOPs jenħtieġ li minflok ikunu bbażati fuq importazzjonijiet madwar id-dinja.
- (133) Il-Kummissjoni vvalutat l-importazzjonijiet totali fil-Kolombja tal-fatturi ta' produzzjoni li ġejjin, li l-produtturi esportaturi rrapportaw li kienu qed jintużaw fil-proċessi ta' produzzjoni tagħhom: l-aċidu sulfuriku, il-linjite, it-tipi ta' faħam bituminuż u antraċit u pirite. Il-Kummissjoni nnotat li l-kwantitajiet tal-importazzjoni għal kull wieħed minn dawk l-FOPs kienu tabilħaq baxxi ħafna (inqas minn 0,02 % tal-importazzjonijiet lejn il-pajjiżi kollha fil-livell ta' żvilupp ekonomiku simili għaċ-Ċina) u li l-prezzijiet korrispondenti tal-importazzjoni kienu anormali jekk imqabbla mal-prezzijiet medji tal-importazzjoni fl-istess grupp ta' pajjiżi (id-differenzi mal-istess grupp ta' pajjiżi kienu ta' 102 %, 1 115 %, 1 233 % u 2 608 % għall-erbgħa mill-ħames prodotti msemmija hawn fuq). Għall-ħames prodott, il-faħam bituminuż, id-differenza fil-prezz kienet aktar baxxa (29 %) iżda l-kwantitajiet tal-importazzjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni kienu estremament baxxi bi 3,8 elf tunnellata, li jirrappreżentaw inqas minn 0,00006 % tal-importazzjonijiet lejn il-pajjiżi kollha fil-livell ta' żvilupp ekonomiku simili għaċ-Ċina.
- (134) Peress li l-kwantitajiet tal-importazzjonijiet tal-ħames inputs imsemmija hawn fuq kienu baxxi u l-prezzijiet li jirriżultaw ma kinux raġonevoli, li jindika li d-*data* dwar l-importazzjoni kienet influwenzata minn importazzjonijiet ta' tipi ta' prodotti speċjalizzati jew mhux konvenzjonali ddiġarati taħt il-kodiċi doganali rilevanti, li ma jintużawx fil-proċess tal-produzzjoni tal-EMD.
- (135) Ma wasal l-ebda kumment dwar dan l-approċċ mill-partijiet interessati.
- (136) Għal dawk l-inputs, il-Kummissjoni fittxet pajjiż alternattiv fil-lista ta' pajjiżi b'livell ta' żvilupp ekonomiku simili għaċ-Ċina u fejn l-importazzjonijiet għal dawn il-ħames fatturi kollha ta' produzzjoni kienu rappreżentattivi. Fost il-pajjiżi kollha, instab li t-Turkija għandha l-ogħla volumi aggregati ta' importazzjonijiet ta' kwantitajiet u prezzijiet rappreżentattivi għall-ħames FOPs kollha meta mqabbla mal-pajjiżi l-oħra fejn kienu preżenti l-importazzjonijiet ta' dawn il-fatturi ta' produzzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-Turkija kienet sors alternattiv xieraq tal-prezzijiet tal-importazzjoni għall-ħames fatturi ta' produzzjoni ta' hawn fuq.
- (137) Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni nnotat ukoll li ma kellhiex għad-dispożizzjoni tagħha *data* li turi ammont raġonevoli ta' profitti u SG&A għall-perjodu ta' investigazzjoni, skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku għall-produttur tal-EMD Kolombjan Quintal. Dan ippreżenta sfida fil-proċess ta' tiftix għal sors ta' *data* dwar SG&A u profitt raġonevoli u mingħajr distorsjoni. L-industrija tal-EMD hija partikolari ħafna b'għadd notevolment limitat ta' produtturi u utenti barra miċ-Ċina jew mill-Unjoni. La l-Kummissjoni u lanqas xi parti interessata ma setgħu jidentifikaw produttur ieħor tal-EMD fil-pajjiżi b'livell ta' żvilupp ekonomiku simili għaċ-Ċina. Barra minn hekk, l-EMD tintuża b'mod predominanti fil-produzzjoni ta' batteriji b'ċelloli xotti u konsegwentement l-isforzi biex produttur ta' prodott jiġi lokalizzat fl-istess kategorija ġenerali ta' prodott li kapaċi jipprovdu numru raġonevoli għall-SG&A ma taw l-ebda riżultat vijabbli.

- (138) F'din is-sitwazzjoni speċifika, il-Kummissjoni kienet imġiegħla ssib alternattiva vijabbli u bil-proċess tal-produzzjoni bħala determinant ewlieni tad-*data* tal-prestazzjoni finanzjarja ġenerali, sabet kumpanija, Quimpac de Colombia S.A., li tuża l-istess proċess ta' elettroliżi fil-produzzjoni tagħha. Ir-raġunament huwa li l-istruttura tal-kostijiet ta' impjant tal-elettroliżi bl-assi fissi speċjalizzati u konsum relattivament għoli tal-elettriku toffri sors raġonevoli tad-*data* meħtieġa. Barra minn hekk, il-klijentela ta' Quimpac, li hija wkoll utenti industrijali fuq skala kbira tirrifletti b'mod raġonevoli l-SG&A tal-produttur tal-EMD, minħabba li ż-żewġ entitajiet ibigħu lil numru limitat ta' klijenti b'volumi kbar.
- (139) Għalhekk, fid-dawl tad-disponibbiltà pubblika tar-rapport annwali sħiħ u komprensiv ta' Quimpac de Colombia għall-2022, il-Kummissjoni rrikorriet għall-użu tal-informazzjoni inkluża fih.
- (140) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, bit-Tieni Nota l-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati li hija kellha l-ħsieb li tuża lill-Kolombja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq u l-kumpanija the Quimpac de Colombia S.A., f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku sabiex tikseb prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni għall-kalkolu tal-valur normali.
- (141) Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkumentaw dwar l-adeqwatezza tal-Kolombja bħala pajjiż rappreżentattiv u ta' Quimpac de Colombia bħala produttur f'segment ta' produzzjoni simili fil-pajjiż rappreżentattiv.

3.2.2.4. Kummenti mill-partijiet

- (142) Wara t-Tieni Nota, Autlan argumentat li t-Turkija ma kinix sors alternattiv validu tal-prezzijiet tal-importazzjoni għall-ħames FOPs identifikati fil-premessa (133) minħabba li l-prezzijiet tal-importazzjoni tal-prodotti tal-faħam fit-Turkija kienu anormali matul il-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbla mal-prezzijiet medji ta' pajjiżi oħra b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku. Skont Autlan, id-*data* tal-GTA żvelata mill-Kummissjoni fit-Tieni Nota wriet li r-Russja kienet l-akbar esportatur lejn it-Turkija taż-żewġ tipi ewlenin ta' faħam li jintużaw fil-produzzjoni tal-EMD u l-prezzijiet tiegħu kienu konsiderevolment aktar baxxi mill-prezzijiet medji tal-importazzjoni tal-prodotti korrispondenti minn pajjiżi terzi oħra.
- (143) Il-Kummissjoni analizzat din l-affermazzjoni fid-dettall u qabblat il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-faħam fit-Turkija mir-Russja mal-prezzijiet tal-importazzjoni minn pajjiżi oħra u sabet li l-prezzijiet tal-importazzjoni mir-Russja kienu anormali meta mqabbla mal-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra. Peress li l-importazzjonijiet mir-Russja kienu jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-importazzjonijiet kollha ta' faħam antraċit u bituminuż fit-Turkija u seta' jkollhom impatt fuq il-prezzijiet tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra, il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża lill-Brażil, li jirrappreżenta t-tieni l-akbar volumi aggregati ta' importazzjonijiet ta' kwantitajiet u prezzijiet rappreżentattivi, netti mill-importazzjonijiet Russi, biex jiġu stabbiliti l-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-faħam bituminuż u antraċit.
- (144) Xiangtan sostniet li l-Kummissjoni injorat b'mod żbaljat il-pajjiżi possibbli oħra prinċipalment abbażi tal-argument li l-pajjiżi proposti l-oħra ma għandhom l-ebda produzzjoni tal-EMD. Fil-fehma tiegħu, l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku ma fih kundizzjoni prerekwiżit li jrid ikun hemm produzzjoni tal-prodott li qiegħed jiġi investigat fil-pajjiż rappreżentattiv.
- (145) Barra minn hekk, hija affermat li l-metodoloġija applikata mill-Kummissjoni fl-għażla ta' pajjiż rappreżentattiv xieraq hija manifestament kontradittorja. Hija rrifjutat pajjiżi possibbli oħra minħabba n-nuqqas ta' produzzjoni tal-EMD f'dawn il-pajjiżi filwaqt li, wara li sabet li d-*data* finanzjarja tal-uniku produttur tal-EMD identifikat fil-pajjiż ma hijiex xierqa, iddeċidiet li tuża minflok dik ta' kumpanija Kolombjana oħra f'settur tan-negozju kompletament differenti mhux relatat mal-operazzjoni tal-EMD u ddeċidiet li tuża pajjiż ieħor u valur referenzjarju internazzjonali bħala sors alternattiv ta' prezzijiet tal-importazzjoni għal xi fatturi ta' produzzjoni.
- (146) Barra minn hekk, Xiangtan sostniet li l-SG&A u l-profitt ta' Quimpac ma humiex rappreżentattivi ta' produttur tal-EMD u ssuġġeriet li tintuża d-*data* ta' produttur tal-EMD Ġappuniż, Tosoh Corporation Japan.

- (147) Fir-rigward tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 2(6a)(a), tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tinnota li l-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat fil-pajjiż rappreżentattiv hija rekwiżit essenzjali biex jintgħażel pajjiż rappreżentattiv. Tabilħaqq, l-eżistenza ta' tali produzzjoni tiżgura li l-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv ikunu jikkorrispondu għall-kostijiet u l-bejgħ mingħajr distorsjoni tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat f'konformità mal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a).
- (148) Fir-rigward ta' Quimpac, il-Kummissjoni nnotat li meta ma tkun disponibbli faċilment l-ebda informazzjoni finanzjarja speċifikament u fir-rigward tal-prodott ikkonċernat mill-investigazzjoni biss (f'dan il-każ EMD), il-Kummissjoni tfittex li tidentifika l-eqreb indikatur disponibbli faċilment. Il-proċess huwa deskritt fid-dettall fil-premessa (138).
- (149) Fir-rigward tas-suġġeriment li tintuża, b'aġġustamenti xierqa, id-*data* minn Tosoh Corporation Japan, il-Kummissjoni enfasizzat li l-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv jenħtieġ li tkun ibbażata fuq it-tliet kriterji li, l-ewwel wieħed minnhom, huwa l-livell ta' żvilupp ekonomiku. Tosoh Corporation Japan tinsab f'pajjiż b'livell oġhla ta' żvilupp ekonomiku u għalhekk ma setgħetx titqies bħala rappreżentattiva. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.
- (150) CCCMC u GMIA u Daxin affermaw li l-prezz tal-enerġija fil-Kolombja u l-kost lavorattiv huma influwenzati minn diversi fatturi u huma differenti b'mod sinifikanti anki bejn pajjiżi differenti b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħaċ-Ċina. Bħala alternattiva, CCCMC u GMIA u Daxin affermaw li l-Kummissjoni jenħtieġ li tuża d-*data* proprja tal-esportaturi Ċiniżi dwar il-kost lavorattiv u l-enerġija.
- (151) Din l-affermazzjoni kellha tiġi miċħuda. Il-Kummissjoni osservat li l-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq it-tliet kriterji: il-livell ta' żvilupp ekonomiku, il-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat u d-disponibbiltà ta' *data* pubblika rilevanti. Dawn il-kriterji kollha tqiesu mill-Kummissjoni bħala rappreżentattivi biżżejjed biex jaslu għall-kost tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni fiċ-Ċina u la CCCMC u GMIA u lanqas Daxin ma pprovdew evidenza li l-parametri referenzjarji magħżula għall-manodopera u għall-enerġija kienu distorti jew ma kinux jikkorrispondu.
- (152) Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li ladarba tiġi stabbilita l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw il-prodott li qiegħed jiġi investigat fil-pajjiż esportatur f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, hija ma tistax tuża l-kostijiet reali tal-produtturi esportaturi individwali, sakemm ma jkunux ġew stabbiliti b'mod pożittiv li ma humiex distorti abbażi ta' evidenza akkurata u xierqa. Dan ma kienx il-każ u, b'riżultat ta' dan, instab li l-kostijiet rilevanti kienu distorti.

3.2.2.5. Livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali

- (153) Wara li ġie stabbilit li l-Kolombja kienet l-uniku pajjiż rappreżentattiv xieraq disponibbli, abbażi tal-elementi kollha ta' hawn fuq, ma kienx hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali f'konformità mal-aħħar sentenza tal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku.

3.2.2.6. Konklużjoni

- (154) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Kolombja ssodisfat il-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(6a) (a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku sabiex jitqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

3.2.3. *Is-sorsi li ntużaw sabiex jiġu stabbiliti l-kostijiet mingħajr distorsjoni*

- (155) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni elenkat il-fatturi ta' produzzjoni, bħall-materjali, l-enerġija, l-ilma u l-manodopera użati fil-produzzjoni tal-prodott li qiegħed jiġi investigat mill-produttur esportatur u stiednet lill-partijiet interessati jikkumentaw u jipproponu informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-valuri mingħajr distorsjoni għal kull wieħed mill-fatturi ta' produzzjoni msemmija f'dik in-nota.

- (156) Sussegwentement, fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni ddikjarat li, sabiex taħdem il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, hija se tuża:
- (a) *Data* disponibbli għall-pubbliku dwar il-prezzijiet tal-minerali tal-manganiż għall-2022, ipprovduta minn Fastmarkets, waħda mill-aġenziji internazzjonali ewlenin tar-rapportar tal-prezzijiet ta' komoditajiet differenti, biex jiġi stabbilit il-kost mingħajr distorsjoni tal-fattur ewlieni tal-produzzjoni tal-EMD;
- (b) Global Trade Atlas ("GTA") biex jiġi stabbilit il-kost mingħajr distorsjoni tal-materja prima l-oħra.
- (157) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ddikjarat li se tuża l-istatistika tal-ILO għall-kost lavorattiv fil-Kolombja ⁽⁷⁴⁾, il-prezz tal-elettriku industrijali mitlub mill-kumpanija ENEL S.A. għall-enerġija ⁽⁷⁵⁾ u t-tariffa tal-ilma imposta minn Acueducto de Bogota ⁽⁷⁶⁾ għall-ilma.
- (158) Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni infurmat ukoll lill-partijiet interessati li minħabba l-għadd kbir ta' fatturi tal-produzzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li pprovdew informazzjoni kompluta u l-piż negliġibbli ta' xi materja prima fil-kost totali tal-produzzjoni, dawn il-partiti negliġibbli, li jirrappreżentaw inqas minn 5 % tal-kost totali tal-produzzjoni rrapportat mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, kienu raggruppati taħt "oġġetti tal-konsum". Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat li hija se tikkalkula l-perċentwal tal-oġġetti tal-konsum fuq il-kost totali tal-materja prima u tapplika dan il-perċentwal għall-kost ikkalkulat mill-ġdid tal-materja prima meta tuża l-valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni stabbiliti fil-pajjiż rappreżentattiv xieraq.

3.2.4. Kostijiet u valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni

- (159) Meta titqies l-informazzjoni kollha ppreżentata mill-partijiet interessati u miġbura matul iż-żjarat ta' verifika, il-fatturi tal-produzzjoni li ġejjin u s-sorsi tagħhom ġew identifikati sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2 (6a)(a) tar-Regolament bażiku:

Tabella 2

Fatturi tal-produzzjoni

Fattur tal-Produzzjoni	Kodiċi tal-Komodità	Valur mingħajr distorsjoni	Sors tad- <i>data</i>
Materja prima			
Mineral tal-manganiż ⁽¹⁾	2602 00	36,63 RMB/DMTU (unità ta' tunnellata metrika xotta, Espresso bħala valur % tal-kontenut ta' manganiż)	Fastmarkets.com
Piriti	2601 11	802 RMB/tunnellata	Importazzjonijiet tal-GTA għat-Turkija
Faħam antraċit	2701 11	1 923 RMB/tunnellata	Importazzjonijiet tal-GTA għall-Brażil
Faħam bituminuż	2701 12	2 225 RMB/tunnellata	Importazzjonijiet tal-GTA għall-Brażil
Faħam tal-linjite Faħam kannella	2702 10	1 005 RMB/tunnellata	Importazzjonijiet tal-GTA għat-Turkija
Aċidu sulfuriku ⁽²⁾	2807 00 00 00 19	812 RMB/tunnellata	Importazzjonijiet tal-GTA għat-Turkija

⁽⁷⁴⁾ <https://ilostat.ilo.org/resources/concepts-and-definitions/description-wages-and-working-time-statistics/> (ikkonsultat l-aħħar fil-5 ta' Awwissu 2023).

⁽⁷⁵⁾ <https://www.enel.com/en/people/energy-rates.html> (ikkonsultat l-aħħar fil-5 ta' Awwissu 2023).

⁽⁷⁶⁾ Tarifas 2022 (acueducto.com.co).

Oġġetti tal-konsum			
Manodopera			
Pagi tal-ħaddiema fis-settur tal-manifattura	Mhux applikabbli	29,51 RMB/h	Uffiċċju tal-Istatistika Kolombjan/ILO
Enerġija			
Elettriku	Mhux applikabbli	0,92 RMB/kWh	EMPRESAS MUNICIPALES DE CALI EICE E.S.P
Ilma	Mhux applikabbli	6,05 RMB/tunnellata	Acueducto de Bogota

(¹) Japplika kemm għad-diossidi tal-manganiż kif ukoll għall-karbonat tal-manganiż.

(²) Mill-istatistika dwar l-importazzjoni tat-Turkija pprovduta bħala anness tat-Tieni Nota, l-aċidu l-ieħor importat taħt il-kodiċi 2807 00 00 00 11 Saf Sulfirik Asit (Kodeks Evsafinda Veya Daha Saf) tqies bħala aċidu tal-grad alimentari u għalhekk ġie eskluż mill-kalkolu tal-prezz.

3.2.4.1. Mineral tal-manganiż

- (160) Wara l-Ewwel Nota, Xiangtan affermat li l-prezzijiet tal-importazzjoni tal-minerali tal-manganiż fil-Kolombja jenħtieġ li ma jintużawx bħala prezz rappreżentattiv għall-input tal-produtturi esportaturi Ċiniżi. Il-minerali tal-manganiż li jintużaw fiċ-Ċina għandhom konċentrazzjoni ħafna aktar baxxa ta' manganiż fil-mineral (bejn 11 %–20 %) u ma setgħux jiġu ssostitwiti b'mineral b'kontenut ta' manganiż ħafna ogħla importat fil-Kolombja mill-Brażil, b'kontenut medju ta' manganiż ta' 37 %.
- (161) Il-Kummissjoni qieset kif xieraq dan l-argument u fittxet valur referenzjarju internazzjonali alternattiv li jirrifletti aktar mill-qrib il-grad u l-kwalità tal-mineral tal-manganiż użat fil-produzzjoni tal-prodott li qiegħed jiġi investigat. Fuq din il-bażi, fin-nuqqas ta' pajjiż rappreżentattiv alternattiv u ta' valur referenzjarju internazzjonali għall-minerali tal-manganiż b'konċentrazzjoni aktar baxxa ta' manganiż, il-Kummissjoni qieset li l-aktar valur referenzjarju internazzjonali xieraq disponibbli huwa d-*data* tal-2022 ipprovduta minn **Fastmarkets.com** għall-minerali tal-manganiż b'kontenut ta' manganiż ta' 37 %. Sabiex titqies id-differenza fil-kontenut tal-manganiż, il-prezz għall-minerali użati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi ġie kkalkolat billi l-prezz referenzjarju ġie mmultiplikat bil-konċentrazzjoni ta' minerali tal-manganiż użati mill-produtturi Ċiniżi. Dan ġie applikat kemm għad-diossidi tal-manganiż kif ukoll għall-karbonat tal-manganiż.
- (162) Għalhekk, għall-mineral tal-manganiż, il-Kummissjoni użat id-*data* disponibbli għall-pubbliku għall-2022 ipprovduta minn Fastmarkets.com għall-indiċi MB-MNO-0004 ikkonsenjat lill-port ta' Tianjin.

3.2.4.2. Materja prima u oġġetti tal-konsum oħrajn

- (163) Sabiex jiġi stabbilit il-prezz mingħajr distorsjoni tal-materja prima kif ikkonsenjata fil-bieb ta' produttur ta' pajjiż rappreżentattiv, għall-aċidu sulfuriku, il-linjite, u l-piriti, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezz medju ponderat tal-importazzjoni lejn it-Turkija kif irrapportat fil-GTA filwaqt li għall-faħam bituminuż u għall-faħam antraċit, il-Kummissjoni użat il-prezz medju ponderat tal-importazzjoni lejn il-Brażil kif irrapportat fil-GTA. Ma' dawn il-prezzijiet żdiedu d-dazji tal-importazzjoni u l-kostijiet tat-trasport, kif spjegat fil-premessa (174). Prezz tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv ġie ddeterminat bħala medja ponderata tal-prezzijiet tal-unità tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha, minbarra ċ-Ċina u l-pajjiżi li ma humiex membri tad-WTO, elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁷⁷). Il-Kummissjoni ddeċidiet li

(⁷⁷) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33). L-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jqis li l-prezzijiet domestiċi f'dawk il-pajjiżi ma jistgħux jintużaw għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur normali.

teskludi l-importazzjonijiet miċ-Ċina lejn il-Brażil u t-Turkija peress li fil-premessa (122) ikkonkludiet li ma huwiex xieraq li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fiċ-Ċina minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Minħabba li ma hemm l-ebda evidenza li turi li l-istess distorsjonijiet ma jaffettwawx bl-istess mod il-prodotti maħsuba għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-istess distorsjonijiet affettwaw il-prezzijiet tal-esportazzjoni. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (143), l-importazzjonijiet mir-Russja ta' faħam bituminuż u ta' faħam antraċit kienu esklużi wkoll.

- (164) Għal għadd ta' fatturi ta' produzzjoni, il-kostijiet effettivi mġarrba mill-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jirrappreżentaw sehem neglijabbli tal-kostijiet totali tal-materja prima fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Billi l-valur użat għal dawn ma kellu l-ebda impatt apprezzabbli fuq il-kalkoli tal-marġni tad-dumping, irrispettivament mis-sors użat, il-Kummissjoni ddeċidiet li tinkludi dawk il-kostijiet f'oġġetti tal-konsum kif spjegat fil-premessa (158) u żidithom mal-kost mingħajr distorsjoni tal-manifattura.
- (165) Il-Kummissjoni esprimiet il-kost tat-trasport imġarrab mill-produttur esportatur li kkoopera għall-provvista ta' materja prima bħala perċentwal tal-kost attwali ta' materja prima bħal din u mbagħad applikat l-istess perċentwal għall-kost mingħajr distorsjoni tal-istess materja prima sabiex jinkiseb il-kost mingħajr distorsjoni tat-trasport. Il-Kummissjoni qieset li, fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni, il-proporzjon bejn il-materja prima tal-produttur esportatur u l-kostijiet tat-trasport irrapportati jista' jintuża b'mod raġonevoli bħala indikazzjoni biex jiġu stmati l-kostijiet mingħajr distorsjoni tat-trasport tal-materja prima meta tiġi kkonsenjata lill-fabbrika tal-kumpanija.
- (166) CCCMC u GMIA ppreżentaw, bi tweġiba għat-Tieni Nota, li l-Kummissjoni ma ċċaratx il-kriterji għall-identifikazzjoni tal-FOPs ewlenin imsemmija fil-premessa (133) u l-FOPs ittrattati bħala oġġetti konsumabbli, u li produtturi esportaturi Ċiniżi differenti jużaw materjali differenti u għalhekk dawn l-FOPs jenħtieġ li jifasslu apposta b'mod separat għal kwalunkwe esportatur Ċiniż.
- (167) Din l-affermazzjoni ma għandhiex bażi. Il-Kummissjoni identifikat l-FOPs ewlenin imsemmija fil-premessa (133) u dawk li għandhom jiġu ttrattati bħala oġġetti konsumabbli abbażi tal-lista attwali tal-FOPs u d-data dwar il-kwantitajiet tal-konsum irrapportata minn kull wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.
- (168) CCCMC u GMIA u Daxin argumentaw li l-parametru referenzjarju magħżul mill-Kummissjoni għall-mineral tal-manganiż għad għandu konċentrazzjoni ferm ogħla ta' manganiż meta mqabbel mal-mineral tal-manganiż miksub lokalment mill-produtturi esportaturi Ċiniżi. Fil-fehma tagħhom, din il-konċentrazzjoni differenti tirriżulta fi prezz ta' unità differenti u għalhekk, il-parametru referenzjarju magħżul mill-Kummissjoni ma jistax jintuża biex jissostitwixxi l-prezz tal-mineral tal-manganiż Ċiniż.
- (169) Xiangtan sostniet ukoll li l-Kummissjoni injorat il-korrelazzjoni bejn il-prezz rifless mill-indiċi tal-prezz għall-minerali tal-manganiż u l-konċentrazzjoni tal-manganiż fil-mineral li jirrappreżenta l-indiċi tal-prezz. Fil-fehma ta' Xiangtan l-indiċi tal-prezzijiet ivarja skont il-konċentrazzjoni tal-manganiż fil-minerali. Għalhekk, ikun żbaljat li jiġi stabbilit il-prezz referenzjarju tal-minerali tal-manganiż b'kontenut ta' manganiż għajr 37 % billi l-indiċi referenzjarju jiġi mmultiplikati direttament bil-konċentrazzjoni ta' minerali tal-manganiż, kif spjegat fil-premessa (161).
- (170) Xiangtan issuġġeriet ukoll żewġ metodoloġiji alternattivi biex jiġi stabbilit il-parametru referenzjarju tal-minerali tal-manganiż li, fil-fehma tagħha, iqisu aħjar il-kontenut differenti tal-manganiż. Fl-ewwel metodoloġija Xiangtan ipproponiet li l-indiċi referenzjarju stabbilit mill-Kummissjoni jinqasam b'fattur ta' konverżjoni bbażat fuq il-konċentrazzjoni tal-minerali tal-manganiż tal-kumpanija u l-kontenut tal-manganiż tal-mineral tal-parametru referenzjarju (37 %). Fit-tieni metodoloġija, Xiangtan ipproponiet li jintuża koeffiċjent li jirrifletti l-valur tas-suq preċiż tal-kontenut korrispondenti tal-manganiż tal-minerali użati mill-produtturi Ċiniżi. Dan il-koeffiċjent jesprimi l-valur għal kull unità ta' manganiż għat-tipi ta' minerali tal-manganiż (abbażi tal-konċentrazzjoni tal-manganiż) ippubblikati mill-aġenzija tal-intelligence industrijali Asian Metal. Il-parametru referenzjarju jenħtieġ li jinkiseb billi jiġu mmultiplikati l-koeffiċjent medju u l-kontenut reali tal-mineral tal-manganiż użat mill-kumpanija.

- (171) Il-Kummissjoni qieset l-argument tal-kontenut tal-manganiż fil-minerali u żviluppat il-metodoloġija spjegata fil-premessa (161) biex tfassal apposta l-prezz referenzjarju għall-kontenut attwali tal-manganiż tal-minerali użati minn kull wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe prezz jew parametru referenzjarju internazzjonali mingħajr distorsjoni disponibbli ieħor għall-minerali tal-manganiż b'konċentrazzjoni aktar baxxa minn 37 %, il-Kummissjoni qieset li l-metodoloġija proposta tirrifletti b'mod ġust il-kostijiet mingħajr distorsjoni għall-konċentrazzjoni differenti ta' minerali tal-manganiż. Din il-metodoloġija meta tiġi applikata hija wkoll konformi mal-ewwel metodoloġija proposta minn Xiangtan. Il-Kummissjoni ma eżaminatx fid-dettall it-tieni metodoloġija proposta minn Xiangtan, peress li Xiangtan ma spjegatx għaliex it-tieni metodoloġija tkun aktar raġonevoli mill-ewwel metodoloġija li ġiet divulgata kif xieraq lill-partijiet interessati.
- (172) Għalhekk, l-affermazzjonijiet dwar l-għażla tal-parametru referenzjarju xieraq għall-mineral tal-manganiż ġew miċħuda.
- (173) CCCMC u GMIA u Daxin affermaw li, għall-FOPs stabbiliti kif spjegat fil-premessa (136), il-prezz tal-importazzjoni mill-GTA huwa fil-livell CIF. Għalhekk, dan jinkludi l-kostijiet tal-merkanzija fuq il-baħar u t-tariffi tal-assigurazzjoni filwaqt li l-produtturi Ċiniżi jixtru materja prima u inputs oħra mis-suq lokali bi prezzijiet li ma jinkludu l-ebda kost tal-merkanzija fuq il-baħar u tariffi tal-assigurazzjoni. Għalhekk, fil-fehma tagħhom, il-kostijiet tal-merkanzija fuq il-baħar u t-tariffi tal-assigurazzjoni jenħtieġ li jitnaqqsu mill-prezzijiet tal-GTA għat-Turkija biex it-tqabbil ikun ġust.
- (174) Fl-investigazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni tistinka biex tistabilixxi prezz tax-xiri tal-inputs disponibbli fis-suq domestiku tal-pajjiż rappreżentattiv. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni tuża b'mod konsistenti l-prezz CIF disponibbli fl-istatistika kummerċjali. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (163), il-Kummissjoni żżid id-dazji tal-importazzjoni u l-kostijiet tat-trasport applikabbli, sabiex tiżgura li tuża bħala parametru referenzjarju kif ikkonsenjat f'bieb il-fabbrika ta' produttur rappreżentattiv ta' pajjiż. Dan il-prezz huwa f'kompetizzjoni diretta mal-prezzijiet domestiċi fil-pajjiż rappreżentattiv u għalhekk jista' jintuża bħala parametru referenzjarju għall-finijiet tal-investigazzjonijiet. Fuq din il-bażi, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

3.2.5. *Manodopera*

- (175) Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni indikat li se tuża l-istatistika tal-ILO ⁽⁷⁸⁾ dwar il-pagi medji fix-xahar u s-sigħat medji fil-ġimgħa maħduma fl-2022 fis-settur tal-manifattura biex tiddetermina l-pagi fil-Kolombja. Hija ħabbret li kellha l-ħsieb li tikkunsidra tlettax-il xahar ta' salarju u mbagħad iżżid il-kontribuzzjonijiet mal-iskemi tas-sigurtà soċjali u tal-pensjoni. Imbagħad tikkalkula s-sigħat annwali effettivament maħduma billi timmultiplika s-sigħat ta' kull ġimgħa maħduma attwalment bin-numru ta' ġimgħat f'sena, u mbagħad tnaqqas il-jiem mhux maħduma.
- (176) Wara t-Tieni Nota, il-Kummissjoni rċeviet il-kummenti li ġejjin:
- (a) Xiangtan argumentat li s-salarju tat-13-il xahar u xi kategoriji ta' kontribuzzjonijiet għall-iskemi tas-sigurtà soċjali u tal-pensjoni ma japplikawx għall-forza tax-xogħol kollha. Barra minn hekk, is-sigħat maħduma pprovduti mill-ILO diġà kienu jeskludu l-vaganzi pubbliċi annwali u l-jiem mhux tax-xogħol.
- (b) Autlan EMD argumentat li l-Kummissjoni jenħtieġ li tiddistingwi bejn "persunal impjegat fil-manifattura tal-prodott li qiegħed jiġi investigat" u "persunal impjegat fil-bejgħ u fl-amministrazzjoni" u tikkalkula parametru referenzjarju separatt għall-kost lavorattiv għal kull kategorija ta' impjegati.
- (177) Il-Kummissjoni rriċerkat sors alternattiv li jista' jipprovdi *data* aktar preċiża biex jiġi stabbilit il-parametru referenzjarju għall-kost lavorattiv fil-Kolombja. L-Uffiċċju tal-Istatistika Kolombjan ("DANE") ⁽⁷⁹⁾ ippubblika s'tħarriġ dwar l-industrija tal-manifattura, li pprova informazzjoni dettaljata dwar il-pagi annwali totali u l-imposti relatati u n-numru ta' impjegati għas-sena 2021. Il-Kummissjoni qieset dan is-sors bħala l-aktar sors xieraq biex tiddetermina l-kost lavorattiv medju għall-impjegati, peress li kien sors primarju ta' *data* mill-uffiċċju nazzjonali tal-istatistika Kolombjan. Il-valuri ġew indicijati għall-2022 permezz tal-indiċi tal-pagi reali tal-industrija tal-manifattura ⁽⁸⁰⁾.

⁽⁷⁸⁾ <https://ilostat ilo.org/topics/wages/>

⁽⁷⁹⁾ DANE - Encuesta Anual Manufacturera -EAM-

⁽⁸⁰⁾ <https://www.banrep.gov.co/en/wage-index>

- (178) Peress li l-informazzjoni dwar is-sigħat maħduma ma kinitx disponibbli fl-istħarriġ, il-Kummissjoni użat id-*data* dwar is-sigħat maħduma ta' kull ġimgħa kif ipprovduta mill-ILO. Wara l-kumment ta' Xiangtan, il-Kummissjoni rrieżaminat id-definizzjoni tas-sigħat maħduma pprovduta mill-ILO u kkonkludiet li l-vaganzi pubbliċi u l-jiem mhux tax-xogħol kienu diġà tnaqqsu fuq bażi annwali; għalhekk, ma kienx hemm bżonn li jkomplu jitnaqqsu l-jiem mhux tax-xogħol.
- (179) Fir-rigward tal-affermazzjoni ta' Autlan, il-Kummissjoni ċċarat li l-kostijiet lavorattivi għall-persunal impjegat fil-bejgħ u fl-amministrazzjoni kienu inklużi fil-kost mingħajr distorsjoni għall-SG&A, ikkalkulat kif spjegat hawn taħt fit-Taqsima 3.2.8. Għalhekk, id-distinzjoni ssuġġerita ma jkollha l-ebda effett tanġibbli fuq il-parametru referenzjarju. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

3.2.6. Elettriku

- (180) Fl-Ewwel u fit-Tieni Noti, il-Kummissjoni indikat li kellha l-ħsieb li tuża d-*data* tal-prezzijiet tal-elettriku industrijali applikabbli fil-Kolombja kif mitluba minn wieħed mill-akbar fornituri tal-elettriku fil-Kolombja, il-kumpanija ENEL S.A. Il-partijiet interessati ikkummentaw li:
- (a) il-kumpanija ENEL S.A. ma kinitx taqdi ż-żona ta' Cali, fejn ġiet stabbilita l-kumpanija "Quimpac"; il-fornitur EMPRESAS MUNICIPALES DE CALI EICE E.S.P. (EMCALI) ġie ssuġġerit bħala sors aktar xieraq.
- (b) Il-Kummissjoni użat it-tariffa sempliċi biex tistabbilixxi l-parametru referenzjarju għall-elettriku minflok it-tariffi tal-għażla tal-ħin, filwaqt li għamlet distinzjoni bejn it-tariffi massimi u dawk minimi. Ikun aktar xieraq li jintuża dan tal-aħħar peress li dan normalment jintuża minn kumpaniji li joperaw fsetturi ta' konsum għoli tal-enerġija bħall-EMD.
- (c) il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li l-prezz referenzjarju għall-elettriku kien nett mill-VAT.
- (181) Wara li analizzat il-kummenti, il-Kummissjoni kkonkludiet li se tuża d-*data* dwar il-prezzijiet tal-elettriku industrijali applikabbli fil-belt ta' Cali, fejn ġiet stabbilita "Quimpac", kif ippubblikata minn EMCALI ⁽⁸¹⁾. EMCALI toffri diversi tariffi tal-enerġija: tariffa unika, tariffa massima/minima u tariffa trippla. Id-differenzi bejn it-tariffi huma baxxi ħafna (differenza fil-prezz ta' madwar 1 % kemm bejn it-tariffi massimi kif ukoll dawk minimi u l-medja massima/minima meta mqabbla mat-tariffa unika. Għalhekk, il-Kummissjoni użat approċċ konservattiv u għażlet it-tariffa unika għall-elettriku, li kienet l-aktar waħda baxxa. Il-Kummissjoni aċċertat ukoll li t-tariffa tal-elettriku kienet eżentata mill-VAT skont l-Artikolu 476(4) tal-istatut tat-taxxa Kolombjan ⁽⁸²⁾.
- (182) Fis-sottomissjoni tagħha, Varta affermat li t-tip ta' ġenerazzjoni tal-elettriku fil-pajjiż rispettiv, u l-kost tad-distribuzzjoni tal-elettriku jenħtieġ li jitqiesu biex jinkisbu konklużjonijiet raġonevoli.
- (183) Il-Kummissjoni tinnota li l-kostijiet tad-distribuzzjoni huma inklużi fil-prezz tal-elettriku u għalhekk se jitqiesu. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

3.2.7. Ilma

- (184) Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni indikat li se tuża t-tariffa tal-ilma għall-użu industrijali kif ippubblikata minn "Acueducto de Bogota", responsabbli għall-provvista tal-ilma, għall-ġbir u għat-trattament tad-drenaġġ fil-kapital peress li ma kienet disponibbli l-ebda *data* disponibbli għall-pubbliku għall-belt ta' Cali. Fir-rigward tal-elettriku, il-provvista tal-ilma hija eżentata mill-VAT skont l-Artikolu 476(4) tal-istatut tat-taxxa tal-Kolombja.

⁽⁸¹⁾ Publi-tariffas - Enero 2022 Formato Web(95).xls [Solo lectura] [Modo de compatibilidad] (emcali.com.co) (ikkonsultat l-aħħar fil-5 ta' Awwissu 2023).

⁽⁸²⁾ Impuesto a las Ventas (dian.gov.co) (ikkonsultat l-aħħar fil-5 ta' Awwissu 2023).

3.2.8. L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, SG&A u profitti

- (185) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, “il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti”. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura sabiex ikopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni msemmija hawn fuq.
- (186) L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura mġarrba mill-produtturi esportaturi li kkooperaw ġew espressi bħala sehem mill-kostijiet tal-manifattura effettivament imġarrba mill-produtturi esportaturi. Dan il-perċentwal ġie applikat għall-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni.
- (187) Sabiex jiġi stabbilit ammont mingħajr distorsjoni u raġonevoli għall-SG&A, għall-profitt, il-Kummissjoni qagħdet fuq id-*data* finanzjarja għall-2022 għal Quimpac kif estratta mill-bażi tad-*data* uffiċjali disponibbli pubblikament tal-gvern Kolombjan, Sistema Integrado de Informacion Societaria (“SIIS”) ⁽⁸³⁾.

3.2.9. Kalkolu tal-valur normali

- (188) Abbażi ta’ dan ta’ hawn fuq, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta’ prodott fuq bażi ta’ kif joħroġ mill-fabbrika, f’konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.
- (189) L-ewwel nett, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura. Il-Kummissjoni applikat il-kostijiet unitarji mingħajr distorsjoni għall-konsum effettiv tal-fatturi individwali tal-produzzjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw. Dawn ir-rati ta’ konsum ipprovduti mill-produtturi esportaturi fil-kampjun ġew ivverifikati matul iż-żjarat ta’ verifika. Il-Kummissjoni mmultiplikata il-fatturi tal-użu bil-kostijiet mhux distorti għal kull unità li ġew osservati fil-pajjiż rappreżentattiv.
- (190) Ladarba ġie stabbilit il-kost tal-manifattura mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni applikat l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, kif innotat fil-premessa (186).
- (191) Għall-kostijiet tal-produzzjoni stabbiliti kif deskritt fil-premessa preċedenti, il-Kummissjoni applikat l-SG&A ta’ 20,33 % u profit ta’ 24,72 % ta’ Quimpac de Colombia S.A. kif spjegat fil-premessa (187), it-tnejn espressi bħala perċentwal tal-Kostijiet tal-Oġġetti Mibjugħa (“COGS”).
- (192) Abbażi ta’ dan, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta’ prodott fuq bażi ta’ kif joħroġ mill-fabbrika f’konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.3. Prezz tal-esportazzjoni

- (193) L-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ma biegħ permezz ta’ importaturi relatati fl-Unjoni.
- (194) Konsegwentement, għall-produtturi esportaturi kollha inklużi fil-kampjun, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-prodott ikkonċernat meta jinbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f’konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

3.4. Tqabbil

- (195) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fuq bażi ta’ kif joħroġ mill-fabbrika.
- (196) Fejn iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f’konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għat-trasport, għall-assigurazzjoni, għall-immaniġġar, għall-kostijiet tat-tagħbija, għad-dazju doganali, għall-kostijiet tal-kreditu u t-tariffi bankarji.

⁽⁸³⁾ SIIS - / (supersociedades.gov.co) (ikkonsultat l-aħħar fl-1 ta’ Settembru 2023).

3.5. Marġnijiet tad-dumping

- (197) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip tal-prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.
- (198) Abbażi ta' dan, il-marġnijiet tad-dumping medji ponderati proviżorji espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping proviżorju
Xiangtan	46,1 %
Guiliu	54,2 %
Daxin	18,3 %

- (199) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw li ma humiex inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni kkalkolat il-marġni tad-dumping medju ponderat, f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, dak il-marġni ġie stabbilit abbażi tal-marġnijiet tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.
- (200) Fuq din il-bażi, il-marġni tad-dumping proviżorju tal-produtturi esportaturi li kkooperaw u li ma humiex inklużi fil-kampjun huwa ta' 44,5 %.
- (201) Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fil-pajjiż ikkonċernat, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping abbażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-volum ta' esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw lejn l-Unjoni espress bħala proporzjon tal-importazzjonijiet totali mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, li ġew stabbiliti abbażi tal-Eurostat.
- (202) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ huwa baxx minħabba li l-importazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jikkostitwixxu madwar 65 % tal-esportazzjonijiet totali lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping għall-kumpaniji l-oħra kollha fil-livell tal-għaxar tranżazzjonijiet bl-ogħla marġni tal-produtturi esportaturi fil-kampjun fid-dawl tal-fatt li dawk kienu jirrappreżentaw madwar 14 % tal-volum totali esportat lejn l-Unjoni mill-kumpanija inkwistjoni, li tqies rappreżentattiv biżżejjed. Għalhekk, il-marġni tad-dumping għall-pajjiż kollu applikabbli għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha li ma kkooperawx ġie stabbilit fil-livell ta' 101,7 %
- (203) Il-marġnijiet tad-dumping proviżorji, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping proviżorju
Xiangtan	46,1 %
Guiliu	54,2 %
Daxin	18,3 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	44,5 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	102,2 %

4. DANNU

4.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

- (204) Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, il-prodott simili kien manifatturat minn żewġ produttori fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dawn jikkostitwixxu l-“industrija tal-Unjoni” skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.
- (205) Minħabba l-għadd limitat tal-partijiet li joperaw fis-suq tal-Unjoni, il-Kummissjoni ma setgħetx tiddivulga d-*data* dwar iż-żewġ produttori tal-Unjoni u l-ishma mis-suq peress li hija sensitiva għas-suq u kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku. Id-divulgazzjoni ta' din l-informazzjoni tista' tippermetti lill-partijiet jikkalkulaw lura d-*data* kunfidenzjali speċifika għall-kumpanija. Il-Kummissjoni għalhekk ipprovdiet din l-informazzjoni f'firxiet u indiċijiet, li taw biżżejjed informazzjoni sinifikanti lill-partijiet interessati kollha biex jifhmu l-analiżi u l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni u jipprovdut kummenti f'dan ir-rigward. Id-*data* ġiet ipprovduta wkoll fil-forma ta' xejriet sinifikanti sabiex il-partijiet interessati kollha jkunu jistgħu jiddefendu l-interessi tagħhom. Il-Kummissjoni ma setgħetx tiddivulga l-metodu għall-ħolqien tal-firxiet peress li dan jippermetti lill-partijiet jiddeterminaw in-numri eżatti mill-firxiet.
- (206) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienet stabbilita għal madwar [25,0-27,0] miljun kilogramma. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju taż-żewġ produttori tal-Unjoni. Kif indikat fil-premessa (204), iż-żewġ produttori tal-Unjoni kienu jirrappreżentaw 100 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

4.2. Konsum tal-Unjoni

- (207) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi tal-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni li nkiseb mit-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju taż-żewġ produttori tal-Unjoni u l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodott ikkonċernat minn pajjiżi terzi abbażi tal-istatistika tal-Eurostat.
- (208) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 3

Il-konsum tal-Unjoni (kg)

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Konsum totali tal-Unjoni	[38 000 000–40 000 000]	[37 000 000–39 000 000]	[39 000 000–41 000 000]	[36 000 000–38 000 000]
<i>Indiċi</i>	100	96	102	94

Sors: it-tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju taż-żewġ produttori tal-Unjoni, Eurostat.

- (209) Fuq din il-bażi, il-konsum tal-Unjoni varja billi naqas fl-2020 (– 4 % meta mqabbel mal-2019), u mbagħad żdied fl-2021 (+ 2 % meta mqabbel mal-2019) u fl-aħħar naqas mill-ġdid fil-perjodu ta' investigazzjoni (– 6 % meta mqabbel mal-2019). Iż-żieda fl-2021 kienet prinċipalment dovuta għall-pandemija tal-COVID-19 u għall-konsum intensifikat tal-batteriji b'ċelloli xotti.

4.3. Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat

4.3.1. Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat

- (210) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tal-istatistika tal-Eurostat. Madankollu, minħabba li l-kodiċi NM ⁽⁸⁴⁾ kien magħmul minn firxa usa' ta' prodotti apparti l-EMD, il-Kummissjoni kellha tistma l-volumi ta' importazzjonijiet li kienu jikkostitwixxu l-EMD. Dan sar billi ġew inklużi biss l-importazzjonijiet minn pajjiżi fejn kien hemm produzzjoni tal-EMD, peress li l-EMD ġew importati l-aktar minn dawn il-pajjiżi storikament ⁽⁸⁵⁾:
- ġew inklużi importazzjonijiet taħt il-kodiċi NM sħiħ miċ-Ċina, mill-Ġappun u mill-Kolombja, peress li dawn l-importazzjonijiet kienu jikkorrispondu għal flussi storiċi rrapportati taħt il-kodiċi TARIC b'10 ċifri;
 - l-importazzjonijiet taħt il-kodiċi NM għall-Istati Uniti u għall-Indja ġew ikkoreġuti 'l isfel abbażi tal-proporzjon ta' flussi storiċi ta' importazzjoni rrapportati taħt il-kodiċi TARIC fil-kodiċi NM fil-perjodu 2015-2018 ⁽⁸⁶⁾.
- (211) Il-volumi stmati tal-importazzjoni ġew kontroverifikati, fejn possibbli, mal-bejgħ irrapportat minn produttori esportaturi li kkooperaw, ix-xiri rrapportat minn utenti li kkooperaw, produttori tal-Unjoni, statistika oħra tal-esportazzjoni pprovduta mill-applikant u kienu konformi.
- (212) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit fuq il-bażi tal-volum tal-importazzjonijiet u tal-konsum totali tal-Unjoni.
- (213) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

Tabella 4

Il-volum tal-importazzjoni (kg) u s-sehem mis-suq

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat (kg)	6 640 500	5 437 300	10 260 000	12 582 700
Indiċi	100	82	155	189
Sehem mis-suq	[12–19] %	[10–17] %	[20–30] %	[30–40] %
Indiċi	100	85	152	201

Sors: Eurostat.

- (214) Il-volumi tal-importazzjoni tal-EMD miċ-Ċina naqsu bi 18 % mill-2019 sal-2020 minħabba miżuri restrittivi tal-COVID-19, madankollu bdew jiżiedu b'mod sinifikanti fl-2021 (+ 55 % meta mqabbla mal-2019) u l-perjodu ta' investigazzjoni (+ 89 % meta mqabbla mal-2019). F'valur assolut, l-importazzjonijiet tal-EMD miċ-Ċina kienu sostanzjali fil-perjodu ta' investigazzjoni (12,6 miljun kg). L-importazzjonijiet Ċiniżi espandew is-sehem mis-suq tagħhom b'mod ġenerali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni b'[15–19]-il punt perċentwali, u għaddeu minn [12–19] % fl-2019 għal [30–40] % matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

4.3.2. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, it-twaqqiġ tal-prezz u s-soppressjoni tal-prezzijiet

- (215) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tal-Eurostat billi ddividiet il-valuri totali tal-importazzjonijiet Ċiniżi bil-volum totali ta' daww l-importazzjonijiet. It-twaqqiġ tal-prezz tal-importazzjonijiet ġie stabbilit abbażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju vverifikati tal-produttori esportaturi inklużi fil-kampjun fiċ-Ċina.

⁽⁸⁴⁾ Kodiċi NM ex 2820 10 00.

⁽⁸⁵⁾ Kif irrapportat taħt il-kodiċi TARIC 2820 10 00 10 disponibbli sal-2018, l-aħħar sena kalendarja sħiħa.

⁽⁸⁶⁾ Il-Kummissjoni qieset biss il-perjodu 2015–2018, minħabba li dawn kienu l-aħħar 4 snin kalendarji sħaħ li għalihom kienet disponibbli d-data TARIC. Il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tqisx snin preċedenti minħabba li dan joħloq riskju li jiżgwi l-proporzjon minħabba bidliet fil-flussi kummerċjali.

(216) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 5

Il-prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/kg)

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	1,61	1,54	1,53	2,37
Indiċi	100	96	95	147

Sors: Eurostat

(217) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-prezzijiet medji Ċiniżi tal-importazzjoni żdiedu b'47 %, l-aktar minħabba ż-żieda fil-kost tal-merkanzija.

(218) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqiġ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

- (a) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott taż-żewġ produtturi tal-Unjoni miġbura imposti fuq il-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell ex-works; u
- (b) l-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi Ċiniżi li kkooperaw inklużi fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' Kost, assigurazzjoni u merkanzija (CIF), b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(219) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip tip għal tranżazzjonijiet fl-istess livell tan-negozju. Ir-riżultat tat-tqabbil ġie espress bħala perċentwal tal-fatturat teoretiku taż-żewġ produtturi tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Tnejn mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun instabu li ma waqqgħux il-prezzijiet, u l-prezzijiet medji tagħhom fis-suq tal-Unjoni kienu oġhla mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, filwaqt li għat-tielet produttur esportatur instab twaqqiġ tal-prezz, għalkemm taħt *de minimis*.

(220) Madankollu, minkejja li ma nstab l-ebda twaqqiġ tal-prezz fuq bażi ta' tranżazzjoni bi tranżazzjoni għal tnejn mit-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, il-prezz medju tal-importazzjonijiet Ċiniżi totali fis-suq tal-Unjoni kien madwar [5 %-9 %] aktar baxx mill-prezz medju tal-industrija tal-Unjoni, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Din id-differenza kienet ta' madwar [8 %-12 %] fl-2019, imbagħad [2 %-6 %] fl-2021 u mbagħad aktar prominenti fit-tieni parti ta' dan il-perjodu (2021 u l-perjodu ta' investigazzjoni), ta' madwar [5 %-7 %], li kkoinċida maż-żieda enormi fil-volumi tal-importazzjonijiet Ċiniżi (żieda ta' aktar minn 50 %) u l-kisba tagħhom tal-ishma mis-suq tal-Unjoni ([15-19]-il punt perċentwali fil-perjodu ta' investigazzjoni).

(221) Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbiliet l-eżistenza ta' soppresjoni tal-prezzijiet. Il-prezz medju tal-importazzjoni tal-importazzjonijiet Ċiniżi totali kien ukoll aktar baxx mill-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni. Il-prezzijiet fuq il-kost tal-industrija tal-Unjoni kienet ukoll l-aktar prominenti fit-tieni parti tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, fejn il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi kienu madwar [10 %-15 %] anqas mis-COP medju tal-industrija tal-Unjoni. Kif muri fit-Tabella 8, l-industrija tal-Unjoni kienet qed tbigħ taħt il-kost tal-produzzjoni fit-tieni parti tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Minħabba l-prezzijiet sinifikanti fuq il-prezzijiet ikkawżata mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping bi prezz baxx, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha biex tikseb livell ta' profitt sostenibbli u sitwazzjoni finanzjarja pożittiva, u b'hekk irriżultat fi profitti baxxi ħafna fl-2021 u fil-perjodu ta' investigazzjoni, flimkien ma' tnaqqis qawwi fil-fluss tal-flus fl-2021, li qaleb għal negattiv fil-perjodu ta' investigazzjoni. Dan huwa rifless fil-bejgħ taħt il-prezz stabbilit għal tnejn mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kif ukoll għall-kumpaniji l-oħra kollha mhux inklużi fil-kampjun kif deskritt fil-premessi (296) u (297) hawn taħt.

4.4. Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

4.4.1. Rimarki ġenerali

- (222) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li kellhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.
- (223) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi u mikroekonomiċi abbażi tad-*data* inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju vverifikati taż-żewġ produtturi tal-Unjoni. Is-sett ta' *data* nstab li kien rappreżentattiv tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.
- (224) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-*tkabbir*, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.
- (225) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji ta' unità, il-kost ta' unità, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profitabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

4.4.2. Indikaturi makroekonomiċi

4.4.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

- (226) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 6

Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Il-volum ta' produzzjoni (kg)	[29 000 000– 31 000 000]	[29 000 000– 31 000 000]	[30 000 000– 32 000 000]	[25 000 000– 27 000 000]
<i>Indiċi</i>	100	101	103	87
Il-kapaċità tal-produzzjoni (kg)	[34 000 000– 36 000 000]	[34 000 000– 36 000 000]	[34 000 000– 36 000 000]	[34 000 000– 36 000 000]
<i>Indiċi</i>	100	100	100	100
Użu tal-kapaċità	[85–90] %	[86–91] %	[90–95] %	[75–80] %
<i>Indiċi</i>	100	101	103	87

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju taż-żewġ produtturi tal-Unjoni.

- (227) Il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni bdiet tiżdied fl-2020 u żdiedet f'daqqa fl-2021. Madankollu, din naqset fil-perjodu ta' investigazzjoni b'madwar [3–6] miljun kg f'sena minħabba t-telf fil-bejgħ (li beda fl-2021). Kumplessivament, il-produzzjoni naqset bi - 13 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.
- (228) Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienet stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u għalhekk l-użu tal-kapaċità tal-produzzjoni naqas għal [75–80] % fil-perjodu ta' investigazzjoni, f'konformità ma' tnaqqis fil-produzzjoni.

4.4.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(229) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 7

Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum ta' bejgħ fis-suq tal-Unjoni (kg)	[29 000 000–31 000 000]	[29 000 000–31 000 000]	[27 000 000–29 000 000]	[22 000 000–24 000 000]
<i>Indiċi</i>	100	100	91	73
Sehem mis-suq	[75–82] %	[77–85] %	[65–75] %	[55–65] %
<i>Indiċi</i>	100	104	89	78

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju taż-żewġ produtturi tal-Unjoni.

(230) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni baqa' stabbli mill-2019 sal-2020. Madankollu, dan beda jonqos fl-2021 (- 9 % mill-2020 sal-2021), minkejja l-ogħla konsum f'dik is-sena. It-tnaqqis kompli fil-perjodu ta' investigazzjoni. Kumplessivament, il-bejgħ naqas b' 27 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(231) It-tnaqqis fil-bejgħ kien rifless fit-telf tal-ishma mis-suq, tnaqqis minn [75–82] % fl-2019 għal [55–65] % fil-perjodu ta' investigazzjoni. B'mod ġenerali, telf ta' [15–19]-il punt perċentwali tas-sehem mis-suq favur l-importazzjonijiet Ċinzi matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.4.2.3. Tkabbir

(232) Minkejja ż-żieda fil-konsum fl-2021, l-industrija tal-Unjoni mhux biss tilfet il-volumi tal-bejgħ fl-Unjoni iżda anki s-sehem mis-suq.

4.4.2.4. Impjiegi u produttività

(233) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 8

L-impjiegi u l-produttività

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Għadd ta' impjegati	[120–135]	[120–135]	[130–140]	[130–142]
<i>Indiċi</i>	100	100	104	108
Il-produttività (kg/impjega)	[225 000–250 000]	[225 000–250 000]	[225 000–250 000]	[175 000–200 000]
<i>Indiċi</i>	100	101	99	80

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju taż-żewġ produtturi tal-Unjoni.

(234) L-impjiegi żdiedu bi +8 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Iż-żieda kienet dovta għar-reklutaġġ temporanju wara l-assenteiżmu, rekluti ġodda għall-appoġġ għall-funzjonijiet ta' manutenzjoni, ta' riċerka u żvilupp u għal operazzjonijiet ambjentali.

(235) Il-produttività żviluppat f'konformità mal-bidliet fil-produzzjoni u fl-impjegi, jiġifieri naqset b'20 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.4.2.5. Kobor tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

(236) Il-marġnijiet kollha tad-dumping kienu ferm ogħla mil-livell *de minimis*. L-impatt tal-kobor tal-marġnijiet reali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, meta jitqiesu l-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.

(237) Din hija l-ewwel investigazzjoni anti-dumping dwar il-prodott ikkonċernat. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda *data* disponibbli biex jiġu vvalutati l-effetti ta' dumping possibbli fil-passat.

4.4.3. Indikaturi mikroekonomiċi

4.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(238) Il-prezzijiet medji ponderati ta' bejgħ ta' unità taż-żewġ produtturi tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 9

Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/kg)	[1,70–1,90]	[1,50–1,70]	[1,50–1,70]	[2,40–2,60]
<i>Indiċi</i>	100	90	92	142
Kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/kg)	[1,50–1,70]	[1,40–1,60]	[1,70–1,80]	[2,50–2,70]
<i>Indiċi</i>	100	96	109	164

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju taż-żewġ produtturi tal-Unjoni.

(239) Il-prezz medju tal-produtturi tal-Unjoni naqas fl-2020 (għal [1,50–1,70] EUR/kg) u baqa' [1,50–1,70] EUR/kg fl-2021. Imbagħad żdied għal [2,40–2,60] EUR/kg fil-perjodu ta' investigazzjoni, wara ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni. B'mod ġenerali, il-prezz medju żdied b'+42 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(240) Il-kost medju tal-produzzjoni beda jiżdied fl-2021 (b'+9 % meta mqabbel mal-2019) u laħaq l-ogħla livell fil-perjodu ta' investigazzjoni, minħabba ż-żieda qawwija fl-enerġija ⁽⁸⁷⁾ u ċertu pprezzar tal-materja prima ⁽⁸⁸⁾. B'mod ġenerali, il-kost medju tal-produzzjoni żdied b'+64 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(241) Iż-żieda fil-prezz medju kienet anqas evidenti miż-żieda fil-kost tal-produzzjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-inabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni li jżidu l-prezzijiet tagħhom f'konformità mal-kost dejjem jiżdied hija r-riżultat tas-soppressjoni tal-prezzijiet mill-esportaturi Ċiniżi, li kienu l-aktar għoljin fl-aħħar sentejn ta' dan il-perjodu. Kif imsemmi fil-premessa (220), u b'differenza mill-2019 sal-2020, fejn il-prezzjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping kienet inqas akuta, mill-2021, l-industrija tal-Unjoni

⁽⁸⁷⁾ Il-kost tal-enerġija li jirrappreżenta bħala medja [25–30] % tal-kost tal-produzzjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

⁽⁸⁸⁾ Il-kost tal-materja prima li jirrappreżenta bħala medja [30–38] % tal-kost tal-produzzjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

ma setgħetx iżżid il-prezzijiet b'mod parallel mal-kost tal-produzzjoni li kien qed jiżdied minħabba l-pressjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-volumi dejjem akbar ta' importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping fis-suq tal-Unjoni. Konsegwentement, minħabba l-eżistenza ta' soppressjoni tal-prezzijiet, l-industrija tal-Unjoni kienet ilha tbigħ taħt il-kost tal-produzzjoni mill-2021. Minħabba l-pressjoni sinifikanti fuq il-prezzijiet ikkawżata mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping bi prezz baxx, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha biex tikseb il-profitt fil-mira tagħha, li rriżulta fi tnaqqis fil-profittabilità. Din is-sitwazzjoni kellha impatt serju fuq il-prestazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni, kif analizzat aktar tard, fil-parti 4.4.3.4

4.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

(242) Il-kostijiet lavorattivi medji taż-żewġ produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 10

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	[45 000–50 000]	[45 000–50 000]	[45 000–50 000]	[50 000–55 000]
<i>Indiċi</i>	100	101	98	107

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju taż-żewġ produtturi tal-Unjoni.

(243) Il-kostijiet medji lavorattivi għal kull impjegat żdieđu b'+7 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.4.3.3. Inventarji

(244) Il-livelli tal-inventarji taż-żewġ produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 11

Inventarji

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Stokkijiet tal-għeluq (kg)	[7 000 000–7 500 000]	[6 500 000–7 000 000]	[6 000 000–6 500 000]	[8 500 000–9 000 000]
<i>Indiċi</i>	100	93	82	119
Stokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni	[25–30] %	[20–25] %	[15–20] %	[30–35] %
<i>Indiċi</i>	100	92	79	137

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju taż-żewġ produtturi tal-Unjoni.

(245) Il-livell tal-inventarju naqas għal [6,5–7,0] miljun kg fl-2020 u għal [6,0–6,5] miljun kg fl-2021 wara ż-żieda fil-konsum fis-suq tal-Unjoni, madankollu, dawn żdieđu għal [8,5–9,0] miljun kg fil-perjodu ta' investigazzjoni, wara t-telf tal-bejgħ u rrapreżentaw madwar [30–35] % tal-volum tal-produzzjoni f'dak il-perjodu.

4.4.3.4. Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital

(246) Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti taż-żewġ produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 12

Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Il-profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	[7–8] %	[6–7] %	[1–2] %	[2–3] %
<i>Indiċi</i>	100	84	18	34
Fluss tal-flus (EUR)	[- 2 000 000– (- 2 500 000)]	[5 000 000– 5 500 000]	[1 500 000– 2 000 000]	[- 6 000 000– (- 6 500 000)]
<i>Indiċi</i>	- 100	223	82	- 278
Investimenti (EUR)	[4 000 000– 4 500 000]	[2 000 000– 2 500 000]	[1 500 000– 2 000 000]	[2 000 000– 2 500 000]
<i>Indiċi</i>	100	58	44	55
Redditi fuq l-investimenti	[6–7] %	[7–8] %	[0–1] %	[3–4] %
<i>Indiċi</i>	100	118	1	47

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju taż-żewġ produtturi tal-Unjoni.

- (247) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabilità taż-żewġ produtturi tal-Unjoni billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. L-iżbilanċ tal-kost dejjem jiżdied u l-prezzijiet taħt pressjoni ssarraff fl-erożjoni fil-profittabilità matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, li għadda minn [7–8] % fl-2019 għal [1–2] % fl-2021 u [2–3] % fil-perjodu ta' investigazzjoni, jiġifieri taħt il-profitt fil-mira ta' [7–10] %.
- (248) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. It-tendenza fil-fluss tal-flus nett żviluppat kif ġej: dan żdied minn negattiv għal madwar [5,0–5,5] miljun flus pożittiv ta' flus fl-2020, madankollu mbagħad naqas għal madwar [1,5–2,0] miljuni fl-2021, u reġa' naqas għal negattiv fil-perjodu ta' investigazzjoni, l-aktar minħabba l-profitt deterjorat.
- (249) Minħabba s-sitwazzjoni tal-fluss tal-flus nett dgħajef, matul l-istess perjodu, l-industrija tal-Unjoni kważi naqqset bin-nofs il-livell tal-investimenti tagħha li rriżultaw fi tnaqqis ta' 45 %.
- (250) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Ir-redditu tal-industrija tal-Unjoni fuq l-investimenti għadda minn [6–7] % fl-2019 għal [3–4] % fil-perjodu ta' investigazzjoni.
- (251) Il-ħila tal-industrija tal-Unjoni li tiġġenera l-kapital kienet affettwata b'mod sever mill-erożjoni tal-profittabilità kif ukoll tal-fluss tal-flus imġarrba matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.4.4. Konklużjoni dwar id-dannu

- (252) L-importazzjonijiet miċ-Ċina żdiedu b'mod konsiderevoli, kemm f'termini assoluti kif ukoll f'termini ta' sehem mis-suq. Tabilħaqq, matul il-perjodu kkonċernat, l-importazzjonijiet żdiedu b'89 % f'termini assoluti u rduppjaw fir-rigward tal-konsum tal-Unjoni, u laħqu sehem mis-suq ta' [30–40] % fil-perjodu ta' investigazzjoni.

- (253) Barra minn hekk, fil-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezzijiet tal-bejgħ mill-industrija Komunitarja trażżnu minn dawk tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat. Minħabba l-pessjoni sinifikanti fuq il-prezzijiet ikkawżata mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping bi prezz baxx, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha biex tikseb il-profitt fil-mira tagħha, li rriżulta fi tnaqqis fil-profittabbiltà matul it-tieni nofs tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni.
- (254) B'mod aktar speċifiku, filwaqt li matul il-perjodu kkunsidrat il-konsum tal-Unjoni laħaq l-ogħla livell fl-2021, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika miż-żieda fid-domanda: il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 8 % u s-sehem mis-suq naqas bi 11 % matul dik is-sena mill-2019. Deterjorament saħansitra aktar drammatiku ta' dawn l-indikaturi seħħ fil-perjodu ta' investigazzjoni (tnaqqis ta' 27 % fil-volum tal-bejgħ u tnaqqis ta' 22 % fl-ishma mis-suq). Żvilupp bħal dan kien riżultat taż-żieda massiva fl-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezzijiet saħansitra aktar imrażżna milli matul l-ewwel nofs tal-perjodu kkunsidrat (jekk jogħġbok ara l-premessa (241)). Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni kienet saħansitra inqas kapaċi żżomm il-volumi tal-bejgħ tagħha bi prezzijiet saħansitra aktar imrażżna peress li, dak iż-żmien, esperjenzat żieda sinifikanti fil-kost tal-produzzjoni tagħha (li żdied b'9 % fl-2021 u b'64 % fil-perjodu ta' investigazzjoni mill-2019).
- (255) B'riżultat ta' dan, il-volumi tal-bejgħ diġà naqsu bil-prezzijiet imrażżna rriżultaw ferożjoni tal-profittabbiltà, ir-redditu fuq l-investimenti u l-fluss tal-flus. Għalhekk, l-indikaturi tal-prestazzjoni finanzjarja ddeterjoraw, flimkien ma' tnaqqis fil-produzzjoni, żieda fl-istokkijiet tal-ġheluq (għal madwar [30–40] % tal-produzzjoni tal-Unjoni) u investimenti li għadhom lura biex tinżamm din il-produzzjoni, għamli l-industrija tal-Unjoni mhux vijabbli.
- (256) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

5. KAWŻALITÀ

- (257) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħra setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kull dannu possibbli ikkawżat minn fatturi għajr l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma: l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni u fatturi oħra, bħall-produttività, il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna.

5.1. Effetti tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping

- (258) Kif stabbilit fil-premessa (214), l-importazzjonijiet żdiedu b'mod sinifikanti matul it-tieni nofs tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, b'89 % f'termini ta' volum u rduppjaw fis-sehem mis-suq tagħhom. Il-prezz tal-bejgħ ta' unità tal-importazzjonijiet miċ-Ċina kien taħt il-prezz tal-bejgħ ta' unità tal-industrija tal-Unjoni b'madwar [5 %-9 %] matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.
- (259) L-effetti tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping huma murija b'mod ċar bid-deċizzjoni ta' diversi utenti ewlenin li jirrappreżentaw [67 %-73 %] tal-konsum totali tal-Unjoni, biex jaqilbu x-xiri tagħhom mill-industrija tal-Unjoni għall-prodott Ċiniż. Is-sehem tal-EMD miksuba mill-produtturi tal-Unjoni naqas minn madwar [65–75] % għal madwar [55–65] %, għall-benefiċċju tal-EMD akkwistati miċ-Ċina mill-2021 sal-perjodu ta' investigazzjoni.
- (260) Bħala konsegwenza taż-żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina u s-soppressjoni tal-prezzijiet eżerċitata mill-importazzjonijiet Ċiniżi matul it-tieni nofs tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha biżżejjed biex tkopri bis-sħiħ iż-żieda qawwija fil-kostijiet tal-produzzjoni. Għalhekk, l-importazzjonijiet bi prezz baxx miċ-Ċina b'hekk ikkawżaw soppressjoni tal-prezzijiet.

- (261) B'riżultat ta' dan, l-indikaturi tal-prestazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni marru għall-agħar. Il-qligħ fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi kien għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni, li tilfet il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq fit-tieni nofs tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni.
- (262) Għalhekk huwa konkluż b'mod proviżorju li l-pessjoni eżerċitata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, li żiedet b'mod drammatiku l-volum u s-sehem mis-suq tagħhom matul it-tieni nofs tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, li saru bi prezzijiet oġġett ta' dumping u li kienu kontinwament taħt il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni, kellhom rwol determinanti fit-tnaqqis tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, fiż-żieda fl-istokks u, konsegwentement, fid-deterjorament tal-profittabbiltà, tal-fluss tal-flus u tar-redditu fuq l-investment tagħha.
- (263) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet b'mod proviżorju li d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina skont it-tifsira tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku. Tali dannu kellu effetti kemm fuq il-volum kif ukoll fuq il-prezz.

5.2. Effetti ta' fatturi oħrajn

5.2.1. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

- (264) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra żviluppa kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 13

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Il-Kolombja	Volum (kg)	1 901 200	1 625 000	1 750 000	1 550 000
	Indiċi	100	85	92	82
	Sehem mis-suq	[3–7] %	[3–6] %	[3–6] %	[3–5] %
	Prezz medju	2,00	1,89	1,83	2,26
	Indiċi	100	94	91	113
Pajjiżi terzi oħra (l-Istati Uniti, il-Ġappun u l-Indja)	Volum (kg)	34 993	33 320	39 310	416 768
	Indiċi	100	95	113	1 193
	Sehem mis-suq	[0–0,5] %	[0–0,5] %	[0–0,5] %	[1–1,5] %
	Prezz medju	2,41	2,42	2,26	2,57
	Indiċi	100	100	94	106
Total tal-pajjiżi terzi kollha minbarra l-pajjiż ikkonċernat	Volum (kg)	1 936 133	1 658 320	1 789 310	1 966 768
	Indiċi	100	86	93	102

	Sehem mis-suq	[4–8] %	[4–8] %	[4–8] %	[4–8] %
	Prezz medju	2,01	1,90	1,84	2,33
	Indiċi	100	94	91	116

Sors: Eurostat.

(265) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-volumi tal-importazzjoni tal-EMD mill-pajjiżi terzi l-oħra (il-Kolombja, l-Istati Uniti, il-Ġappun u l-Indja) baqgħu fl-istess livell bħal fil-bidu tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, ta' [1,5–2,5] miljun kg, li jirrappreżentaw [4–8] % tas-sehem mis-suq tal-Unjoni.

(266) Ta' min jinnota li, mill-erba' pajjiżi msemmija hawn fuq, il-Kolombja kienet l-uniku pajjiż importatur ewlieni ieħor ⁽⁸⁹⁾. Il-Kolombja naqqset il-volumi tal-importazzjoni u s-sehem mis-suq tagħha b'[0,3–0,9] punti perċentwali fil-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, anke jekk importat b'livell ta' prezz aktar baxx mil-livelli tal-prezzijiet tal-industrija Ċiniża u tal-Unjoni, il-volumi tal-importazzjoni tagħhom li qed jonqsu u s-sehem baxx mis-suq kellhom effett li qed jonqos fuq il-prezzijiet tal-atturi l-oħra fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, kien biċ-ċar li l-produtturi esportaturi Ċiniżi biss ibbenefikaw mit-telf tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni.

5.2.2. Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

(267) Il-volum tal-esportazzjonijiet taż-żewġ produtturi tal-Unjoni żviluppa kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 14

Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-esportazzjoni (kg)	0	[500 000–1 000 000]	[4 000 000–4 500 000]	[1 000 000–1 500 000]
Indiċi	—	100	720	192
Il-prezz medju (EUR/Kg)	—	[1,70–1,90]	[1,50–1,70]	[2,20–2,40]
Indiċi	—	100	89	123

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju taż-żewġ produtturi tal-Unjoni.

(268) L-industrija tal-Unjoni ppruvat tassorbi xi wħud mill-volumi ta' bejgħ mitlufa fis-suq tal-Unjoni permezz ta' żieda fl-esportazzjonijiet. Fl-2021, il-bejgħ għall-esportazzjoni żdied għal [4,0–4,5] miljun kg (li jirrappreżenta [10–15] % tal-produzzjoni tal-Unjoni), imbagħad naqas għal [1,0–1,5] miljun kg fil-perjodu ta' investigazzjoni (li jirrappreżenta [2,5–7,5] % tal-produzzjoni tal-Unjoni). Madankollu, il-prezzijiet tal-bejgħ għall-esportazzjoni fl-2021 u l-perjodu ta' investigazzjoni kienu aktar baxxi mill-prezzijiet fl-Unjoni.

⁽⁸⁹⁾ L-Istati Uniti, il-Ġappun u l-Indja flimkien jinkludu inqas minn 0,5 % tal-importazzjonijiet totali matul il-perjodu 2019–2020, u żdiedu biss għal ftit aktar minn 1 % tal-importazzjonijiet totali fil-perjodu ta' investigazzjoni, minħabba vjeġġ wieħed ta' kwantitajiet ta' testjar li ġejjin mill-Ġappun (dan il-vjeġġ kien jammonta għal matul iż-żjarat ta' verifika għand il-produtturi tal-Unjoni).

(269) Il-partijiet interessati affermaw li l-prezz aktar baxx tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni kien parzjalment qed jikkawża d-dannu allegat. Madankollu, il-profitabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni biss tqieset bħala l-indikatur tad-dannu u mhux il-profitabbiltà tal-bejgħ għall-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-bejgħ għall-esportazzjoni kien jirrappreżenta biss parti żgħira mill-produzzjoni tal-Unjoni ([2,5–7,5] % fil-perjodu ta' investigazzjoni). Għalhekk, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni ma setgħetx ikkawżat id-dannu materjali mġarrab.

5.2.3. Fatturi oħrajn

(270) Id-deterjorament tal-produttività tal-produtturi tal-Unjoni kkoinċida wkoll maż-żieda f'daqqa fl-importazzjonijiet Ċiniżi fl-2021 u l-perjodu ta' investigazzjoni, filwaqt li bil-livelli ta' produttività tal-2019–2020 il-produtturi tal-Unjoni setgħu jiksbu profitti sodisfaċenti.

(271) Il-partijiet interessati argumentaw li fatturi għajr l-importazzjonijiet tal-EMD Ċiniżi kellhom effetti dannużi fuq l-industrija tal-Unjoni, bħar-restrizzjonijiet tal-COVID-19 (2020 sa nofs l-2022) li jaffettwaw il-ktajjen tal-provvista tal-materja prima u l-livelli tal-produzzjoni, żidiet kbar fil-prezzijiet tal-enerġija li affettwaw il-kost tal-produzzjoni u li rriżultaw mill-kriżi tal-enerġija madwar l-Unjoni (2021 sa 2022). Huma affermaw ukoll li l-produtturi tal-Unjoni ma setgħux jissodisfaw id-domanda akbar minħabba n-nuqqas ta' kapaċità u/jew kwalità tal-prodott mhux adegwata. Għalhekk, id-domanda għall-EMD kellha tiġi pprovduta minn sorsi esterni.

(272) Il-kwantitajiet tal-bejgħ stabbli tal-industrija tal-Unjoni fl-2020 kienu qed juru li dawn il-fatturi msemmija ma kinux qed jaffettwaw il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li żżomm il-bejgħ tagħha u żżid is-sehem mis-suq tagħha f'dik is-sena (filwaqt li l-affermazzjonijiet dwar il-kwalità tal-prodott huma diskussi taħt il-parti tal-interess tal-Unjoni 7.3). Barra minn hekk, il-kwantitajiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqsu fil-perjodu ta' investigazzjoni, minkejja t-tmiem tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19, minħabba ż-żieda fil-volumi tal-importazzjoni bi prezzijiet dannużi miċ-Ċina. Fir-rigward tal-kostijiet, il-produtturi tal-Unjoni setgħu jbigħu bi prezzijiet profitabbli fl-2019, qabel ma seħħet iż-żieda fl-importazzjonijiet miċ-Ċina. Madankollu, kif stabbilit fil-premessi (241), (247)–(251) hawn fuq, minħabba s-soppresjoni tal-prezzijiet eżerċitata mill-importazzjonijiet miċ-Ċina fit-tieni nofs tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tkompli żżid biżżejjed il-prezzijiet tagħha sabiex tagħmel tajjeb għaż-żieda fil-kost tal-produzzjoni. L-industrija tal-EMD intensiva fil-kapital, li għandha kostijiet fissi għoljin, ma setgħetx issostni l-vijabbiltà tagħha fiż-żmien meta kienet qed tiflew il-bejgħ tagħha b'mod massiv fl-2021–2022 għall-benefiċċju tal-importazzjonijiet Ċiniżi. L-affermazzjonijiet tal-partijiet ma ntaqgħux.

(273) Fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' kapaċità, kif jidher mit-Tabella 5 hawn fuq, l-industrija tal-Unjoni xorta kellha [5–10] % kapaċitajiet ta' riżerva fl-2021, u anki [20–25] % fl-2022, il-koll waqt li tiflet l-volumi tal-bejgħ f'dawk is-sentejn (ara t-Tabella 6 hawn fuq), filwaqt li l-importazzjonijiet miċ-Ċina kienu, fl-istess ħin, qed jiksbu sehem mis-suq (ara t-Tabella 3 hawn fuq). Għalhekk, il-Kummissjoni ħadhet daww l-affermazzjonijiet bħala bla bażi.

(274) Il-partijiet affermaw ukoll li t-tnaqqis fil-bejgħ tal-produttur tal-Unjoni fi Spanja kien ikkawżat mill-akkwiżizzjoni ta' utent wieħed tal-Unjoni, fejn is-sid il-ġdid ma kienx lest li juża l-fornituri oriġinali, iżda pjuttost il-provvista miċ-Ċina. Madankollu, l-investigazzjoni kkonfermat li l-utent imsemmi baqa' klijent tal-produttur tal-Unjoni fi Spanja matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni. L-akkwiżizzjoni tal-utent mis-sid il-ġdid ma fixklitx ir-rabtiet mal-fornitur oriġinali tagħha. Għalhekk, l-affermazzjoni tal-partijiet ġiet miċħuda.

(275) Utent wieħed afferma li l-perjodu ta' investigazzjoni, li jkopri s-sena sħiħa tal-2022, kien sena mhux regolari, meta d-domanda għal batteriji b'ċelloli xotti alkalini żdiedet b'mod drammatiku minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra tar-Russja fuq l-Ukrajna. Għalhekk, id-domanda għall-EMD kellha tiġi pprovduta minn sorsi esterni. Id-domanda jenħtieġ li tmur lura għal-livell normali tagħha fl-2023 u s-sehem tal-provvisti mill-industrija tal-Unjoni jenħtieġ li jirkupra.

(276) Kif spjegat fil-premessa (209), kien hemm żieda fid-domanda fl-2021 u tnaqqis fil-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'mod sinifikanti fl-2021 minkejja d-domanda massima, fejn l-industrija tal-Unjoni tilfet [2,5–3,5] miljun kg f'volum f'sena mill-2020, filwaqt li l-importazzjonijiet Ċiniżi kisbu 4,8 miljun kg matul l-istess perjodu. L-utenti setgħu żammew is-sehem tagħhom tal-provvisti mill-industrija tal-Unjoni, hekk kif il-livell tal-produzzjoni tagħha żdied matul l-istess perjodu. Madankollu, l-utenti qalbu għall-importazzjonijiet Ċiniżi, minħabba l-prezz aktar baxx, li naqas matul l-istess perjodu. L-importazzjonijiet Ċiniżi setgħu jespandu s-sehem mis-suq tagħhom matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni bi [15–19]-il punt perċentwali, u b'hekk jieħdu dan is-sehem mis-sehem tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, l-affermazzjoni tal-parti ġiet miċħuda.

5.3. Konklużjoni dwar il-kawżalità

- (277) L-analiżi ta' hawn fuq turi li kien hemm żieda drammatika fil-volum u fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet li joriġinaw miċ-Ċina matul it-tieni nofs tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni. F'termini ta' prezzijiet, l-importazzjonijiet Ċiniżi rażżnu kontinwament dawk tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u waqqfu lill-industrija tal-Unjoni milli żżid il-prezzijiet tagħha għal livelli sostenibbli neċessarji sabiex jinkisbu marġnijiet ta' profitt raġonevoli.
- (278) Ġew eżaminati wkoll fatturi oħra possibbli, iżda l-ebda wieħed minnhom ma seta' jnaqqas ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.
- (279) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li l-fatturi l-oħrajn, meqjusa b'mod individwali jew b'mod kollettiv, ma naqqas ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali. Id-dannu huwa ċar b'mod partikolari fl-evoluzzjoni tal-produzzjoni, fl-użu tal-kapaċità, fil-volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni, fis-sehem mis-suq, fil-livelli tal-istokk, fil-produttività, fil-profittabbiltà, fil-fluss tal-flus, fl-investimenti u fir-redditu fuq l-investimenti.

6. LIVELL TAL-MIŻURI

- (280) Kif imsemmi fil-premessa (5), il-Kummissjoni emendat l-Avviż ta' bidu tas-16 ta' Frar 2023 biex teżamina l-allegati distorsjonijiet tal-materja prima. Il-Kummissjoni se tikkonkludi l-analiżi tagħha dwar id-distorsjonijiet fil-materja prima skont it-tifsira tal-Artikoli 7(2a) u 7(2b) tar-Regolament bażiku fl-istadju definittiv ta' dawn il-proċedimenti.
- (281) Għalhekk, biex tiddetermina l-livell tal-miżuri proviżorji, f'dan l-istadju l-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx biżżejjed sabiex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping lill-industrija tal-Unjoni. Din l-analiżi u l-konklużjonijiet proviżorji huma mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni u s-sejbiet dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet fil-materja prima u l-impatt konsegwenti fuq il-livell ta' miżuri li se jitwettqu għall-istadju definittiv tal-investigazzjoni.

6.1. Marġni tad-dannu

- (282) Id-dannu jitneħħa jekk l-industrija tal-Unjoni tkun tista' tikseb profitt fil-mira billi tbigħ bi prezz fil-mira fis-sens tal-Artikoli 7(2c) u 7(2d) tar-Regolament bażiku.
- (283) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, sabiex tistabbilixxi l-profitt fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-fatturi li ġejjin: il-livell ta' profittabbiltà qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, il-livell ta' profittabbiltà meħtieġ sabiex ikopri l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u żvilupp (R&Ż) u l-innovazzjoni, u l-livell ta' profittabbiltà li wieħed għandu jistenna f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Jenħtieġ li tali marġni ta' profitt ma jkunx anqas minn 6 %.
- (284) Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni stabbiliet profitt bażiku li jkopri l-kostijiet sħaħ f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Il-Kummissjoni ħadet il-profitti miksuba miż-żewġ produtturi tal-Unjoni qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet miċ-Ċina matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, jiġifieri l-profitt attwali miksub fl-2020, meta l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kellhom l-inqas impatt. Fl-2020, l-importazzjonijiet Ċiniżi rrappreżentaw l-iżgħar sehem mis-suq ([10–20] %) matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, filwaqt li l-indikaturi finanzjarji l-oħra tal-industrija tal-Unjoni kienu l-aktar pożittivi f'dik is-sena (l-ogħla fluss ta' flus u l-ogħla redditu fuq l-investimenti miksuba). Dan il-marġni ta' profitt ġie stabbilit għal [6–8] %.

- (285) Wieħed mill-produtturi tal-Unjoni indika profitt ta' 15 % li jista' jinkiseb fin-nuqqas ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Din l-istima kienet ibbażata fuq il-profittabbiltà tal-kumpanija miksuba fl-1997–2001 (qabel l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-EDM mill-Afrika t'Isfel ⁽⁹⁰⁾) u l-profittabbiltà medja tal-industrija kimika fl-2017–2022 ipprovduta mid-*data* tas-suq tas-CSI ⁽⁹¹⁾.
- (286) Il-Kummissjoni qieset li l-profittabbiltà medja tal-industrija kimika ma hijiex xierqa peress li d-*data* tas-suq tas-CSI fiha ċifri tal-industrija flivell aggregat, jiġifieri settur tal-industrija li kien ferm usa' mill-prodott li qiegħed jiġi investigat, filwaqt li għadd limitat biss ta' produtturi tas-sustanzi kimiċi fid-dinja kienu involuti fil-proċess tal-produzzjoni tal-EMD. Hija qieset ukoll f'dan l-istadju li l-profitti miksuba mill-produttur tal-EMD fl-Unjoni fl-1997–2001 ma kinux xierqa, peress li l-kumpanija ma wrietx li dawn il-profitti għadhom rappreżentattivi għall-industrija, aktar minn 20 snin wara. Fi kwalunkwe każ, il-profitti inkwistjoni ma kinux jirrappreżentaw profitt medju tal-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi.
- (287) Il-produttur l-ieħor tal-Unjoni pprova l-profitt tiegħu miksub fl-2016–2018, qabel il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, madankollu, meta ġew ikkombinati l-profitti taż-żewġ produtturi tal-Unjoni, il-livelli miksuba fl-2016–2018 kienu aktar baxxi minn dawk matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.
- (288) Għalhekk, il-Kummissjoni baqgħet bl-istima inizjali tagħha ta' profitt bażiku ta' [6–8] %.
- (289) Kull wieħed miż-żewġ produtturi tal-Unjoni pprova evidenza li l-livell tiegħu ta' investimenti, riċerka u żvilupp ("R&Z") u innovazzjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kien ikun ogħla f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Il-Kummissjoni vverifikat din l-informazzjoni, skont il-pjanijiet ta' investiment, proġetti miċħuda u posposti, ordnijiet ta' xiri li eventwalment ma kinux twettqu, li juri li dawn l-investimenti kienu pplanati b'mod ġenwin. Tabilħaqq, l-affermazzjonijiet taż-żewġ produtturi tal-Unjoni nstabu li kienu ġġustifikati. Sabiex tirrifletti dan fil-profitt fil-mira, il-Kummissjoni kkalkolat id-differenza bejn l-ispejjeż tal-investimenti, tar-R&Z u tal-innovazzjoni ("IRI") f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni kif ipprovduti mill-industrija tal-Unjoni u vverifikati mill-Kummissjoni u l-ispejjeż reali tal-IRI matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Tali differenza, espressa bħala perċentwal tal-fatturat, kienet ta' [1–2] %.
- (290) Tali perċentwal żdied mal-profitt bażiku ta' [6–8] % imsemmi fil-premessa (284), li wassal għal profitt fil-mira ta' [7–10] %.
- (291) Fuq din il-bażi, il-prezz mhux dannuż kien ta' [2,60–2,80] EUR/kg, li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-marġni ta' profitt imsemmi hawn fuq ta' [7–10] % għall-kost tal-produzzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni taż-żewġ produtturi tal-Unjoni.
- (292) F'konformità mal-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku, bħala pass finali, il-Kummissjoni vvalutat il-kostijiet futuri li jirriżultaw mill-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u l-protokollu tagħhom, li l-Unjoni hija parti minnhom, u tal-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia li l-industrija tal-Unjoni se ġġarrab matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 11(2). Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni stabbiliet kost addizzjonali ta' [0,02–0,09] EUR/kg. Dan il-kost żdied mal-prezz mhux dannuż imsemmi fil-premessa (291).
- (293) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkalkolat prezz mhux dannuż ta' [2,70–2,90] EUR/kg għall-prodott simili tal-industrija tal-Unjoni billi applikat il-marġni ta' profitt fil-mira msemmi hawn fuq (ara l-premessa (290)) għall-kost tal-produzzjoni taż-żewġ produtturi tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni u mbaġħad żiedet l-aġġustamenti skont l-Artikolu 7(2d) fuq bażi ta' tip b'tip.

⁽⁹⁰⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 221/2008 tal-10 ta' Marzu 2008 li jimponi dazju definittiv antidumping u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' ċerti dijossidi tal-manganiż li joriġinaw mill-Afrika t'Isfel (ĠU L 69, 13.3.2008, p. 1).

⁽⁹¹⁾ https://csimarket.com/Industry/industry_Profitability_Ratios.php?ind=101

- (294) Il-Kummissjoni mbagħad iddeterminat il-livell tal-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz ibbażat fuq tqabbil ta':
- (a) il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw li kienu inklużi fil-kampjun fil-pajjiż ikkonċernat lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' Kost, assigurazzjoni u merkanzija (CIF), b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni,
 - (b) bil-prezz medju ponderat mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ miż-żewġ produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (295) Ir-riżultat tat-tqabbil ġie espress bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjonijiet. Dan wera marġni medju ponderat ta' bejgħ taħt il-prezz ta' bejn 0 % u 15,8 %.
- (296) Il-volum tal-importazzjonijiet bil-prezz mhux imwaqqa' mill-grupp ta' Guiliu ammonta għal madwar [10–15] % tal-importazzjonijiet miċ-Ċina, madwar [17–25] % tal-importazzjonijiet inklużi fil-kampjun u madwar [3–7] % tas-sehem mis-suq tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni. Sabiex tistabbilixxi jekk is-sejbiet fir-rigward ta' dan il-grupp jistgħux jiġu estiżi għall-importazzjonijiet kollha mhux inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni qabblet il-prezzijiet ta' Guiliu Group mal-prezzijiet miż-żewġ produtturi esportaturi l-oħrajn inklużi fil-kampjun, mill-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun u l-prezz medju tal-importazzjonijiet kollha miċ-Ċina (minbarra tal-grupp Guiliu) mill-Eurostat. Il-prezz medju tal-esportazzjoni tal-grupp ta' Guiliu kien [19–25] % ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjoni tal-esportaturi Ċiniżi l-oħra li ppreżentaw tweġibiet għall-kampjunar. Il-volum totali tal-esportazzjonijiet ta' dawk il-kumpaniji kien jammonta għal 51 % tal-importazzjonijiet kollha miċ-Ċina lejn l-Unjoni. Il-prezz CIF tal-esportazzjoni tal-grupp kien [11–17] % ogħla mill-prezz CIF medju tal-importazzjonijiet kollha miċ-Ċina u [6–10] % ogħla minn dawk taż-żewġ produtturi esportaturi l-oħrajn inklużi fil-kampjun. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li ma setgħetx testendi s-sejbiet tan-nuqqas ta' bejgħ taħt il-prezz fir-rigward tal-Grupp Guiliu għall-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun.
- (297) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għal “kumpaniji oħrajn li kkooperaw” u għall-“kumpaniji l-oħrajn kollha” huwa ddefinit bl-istess mod bħall-marġni tad-dumping għal dawn il-kumpaniji.

Pajjiż	Kumpanija	Marġni tad-dumping	Il-marġni tad-dannu
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Xiangtan	46,1 %	8,8 %
	Guiliu	54,2 %	0 %
	Daxin	18,3 %	15,8 %
	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	44,5 %	10,0 %
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	102,2 %	34,6 %

6.2. Konklużjoni dwar il-livell tal-miżuri proviżorji

- (298) Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, id-dazji anti-dumping proviżorji jenħtieġ li jiġu stabbiliti kif ġej f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping proviżorju
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Xiangtan	8,8 %
	Guiliu	0 %
	Daxin	15,8 %
	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	10,0 %
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	34,6 %

7. INTERESS TAL-UNJONI

- (299) Wara li ddeċidiet li tapplika f'dan l-istadju l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri proviżorji f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping dannuż, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija, tal-importaturi u tal-utenti tal-Unjoni.
- (300) Kif spjegat fil-premessa (5) hawn fuq u kif imħabbar fin-Notifika ta' Bidu emendata, l-investigazzjoni teżamina wkoll l-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, is-sejbiet proviżorji li jinsabu f'dan ir-Regolament inklużi dawk dwar l-interess tal-Unjoni, huma mingħajr preġudizzju għall-konklużjonijiet tal-investigazzjoni dwar id-distorsjonijiet tal-materja prima kif ukoll dwar l-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku, li se jiġi rifless fl-istadju definittiv tal-proċediment.

7.1. Interess tal-industrija tal-Unjoni

- (301) Huwa mfakkar li l-industrija tal-Unjoni tikkonsisti f'żewġ produtturi tal-EMD, li l-bejgħ u l-profittabbiltà tagħhom iddeterjoraw b'mod sinifikanti matul it-tieni nofs tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, b'impatt negattiv konsegwenti fuq is-sehem mis-suq tagħha, il-livell tal-inventarju, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investment u l-fluss tal-flus.
- (302) Jekk il-miżuri ma jiġux imposti, huwa probabbli li, bħala riżultat tal-pressjoni fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, il-profittabbiltà dgħajfa u indikaturi finanzjarji oħra se jġiegħlu lill-industrija tal-Unjoni twaqqaf il-produzzjoni tal-EMD. Madankollu, wara l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping, huwa mistenni li l-volumi tal-bejgħ u l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni se jżiedu, u b'hekk se jtejbju l-profittabbiltà u indikaturi finanzjarji oħra ta' din l-industrija u jipprevjenu l-għeluq.
- (303) Hija għalhekk ħaġa ċara li miżuri anti-dumping ikunu fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

7.2. Interess ta' importaturi/nezozjanti mhux relatati

- (304) Kif innotat fil-premessa (11), l-ebda importatur mhux relatat ma pprova l-informazzjoni mitluba. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma huwiex probabbli li l-importaturi jiġu affettwati mill-miżuri.
- (305) Fuq din il-bażi, ġie konkluż b'mod proviżorju li l-impożizzjoni ta' miżuri ta' anti-dumping x'aktarx ma jkollhiex effett negattiv fuq is-sitwazzjoni tal-importaturi fl-Unjoni.

7.3. Interess tal-utenti

- (306) L-użu ewlieni tal-EMD huwa għall-produzzjoni ta' batteriji b'ċellola xotta tal-karbonju-żingu u alkalini, li jirrappreżentaw aktar minn 90 % tal-użu tagħhom u maqsuma fost it-tliet produtturi ewlenin (iżda mhux l-uniċi) tal-batteriji fl-Unjoni. Kif imsemmi hawn fuq, intbagħtu kwestjonarji lill-utenti magħrufa kollha fl-Unjoni. Waslu tweġibiet mingħand żewġ produtturi tal-batteriji b'ċelloli xotti alkalini-Varta u Duracell, li jirrappreżentaw [67–73] % tal-konsum tal-Unjoni tal-EMD. Iż-żewġ tweġibiet ġew iwwerifikati fil-bini tal-utenti.
- (307) Iż-żewġ utenti li kkooperaw affermaw li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet miċ-Ċina żżid il-kostijiet tagħhom, li jistgħu ma jiġux mgħoddija lill-klijenti tagħhom, peress li l-kompetizzjoni għall-batteriji b'ċelloli xotti alkalini hija xprunata ħafna mill-prezzijiet. Anke jekk il-prodotti tad-ditta tagħhom ikunu marbuta ma' rikonossiment qawwi tad-ditti, il-prezzijiet miżjuda għall-prodotti tagħhom spiss iġorru r-riskju li l-klijenti jaqilbu għal prodotti orħos. Huma żiedu li l-utenti tal-Unjoni diġà qed jesperjenzaw kompetizzjoni akbar fis-suq tal-Unjoni kkawżata minn importazzjonijiet dejjem akbar ta' prodotti tal-batteriji lesti ta' kwalità komparabbli mill-kompetituri barra mill-Unjoni (l-aktar iċ-Ċina) u ż-żieda fil-kostijiet tal-materja prima u tal-enerġija. Għalhekk, il-miżuri jkomplu jnaqqsu l-profittabbiltà tal-utenti tal-Unjoni li diġà qed tonqos.

- (308) Il-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet miċ-Ċina jnaqqsu wkoll il-kompetizzjoni għall-EMD fis-suq tal-Unjoni (kif ukoll fis-swieq tal-esportazzjoni tal-pajjiżi terzi), peress li d-disponibbiltà tal-EMD se tkun limitata għaż-żewġ produttori tal-Unjoni (il-miżuri jissolidifikaw id-duwopolju bir-riskju sussegwenti ta' żidiet fil-prezzijiet), filwaqt li l-produtturi tal-Unjoni tal-EMD ma jistgħux jissodisfaw id-domanda ta' dawn l-utenti f'volumi suffiċjenti, speċjalment għall-EMD ta' kwalità għolja ⁽⁹²⁾. Barra minn hekk, f'dawn l-aħħar snin, l-industrija tal-Unjoni ma ħadet l-ebda investiment suffiċjenti biex iżżid il-kapaċità tagħha. Huma żiedu li l-provvisti tal-EMD mill-pajjiżi terzi l-oħra huma limitati, iservu s-swieq tagħhom stess jew fil-qrib u ma setgħux jissostitwixxu t-telf jew it-tnaqqis potenzjali tal-provvisti miċ-Ċina.
- (309) L-investigazzjoni sabet li ż-żewġ utenti għamlu profitt fil-perjodu ta' investigazzjoni, kienu żammew l-istess livell tal-volum tal-bejgħ ġenerali tagħhom ta' batteriji tal-konsumaturi b'ċelloli xotti mill-2021 sal-perjodu ta' investigazzjoni u saħansitra żiduh b'[1–4] % fl-Unjoni, possibbilment bis-saħħa tal-immaġni pubblika b'saħħitha tad-ditti tagħhom. Madankollu, is-sehem tal-EMD li jinkisbu mill-produtturi tal-Unjoni naqas minn madwar [65–75] % għal [55–65] % mill-2021 għall-perjodu ta' investigazzjoni, għall-benefiċċju tal-EMD li jinkisbu miċ-Ċina.
- (310) Abbażi tal-informazzjoni li waslet, il-kost tal-EMD għall-produzzjoni tal-batteriji tal-konsumaturi b'ċelloli xotti kien jirrappreżenta madwar [15–19] % tal-kost tal-manifattura fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-kost tal-EMD żdied b'[45–55] % għal dawn l-utenti mill-2021 għall-perjodu ta' investigazzjoni u dawn jistgħu jittrasferixxu parti minn din iż-żieda lill-konsumaturi, billi l-prezzijiet tal-bejgħ tal-batteriji fl-Unjoni żdiedu b'aktar minn 3 % u barra mill-Unjoni b'aktar minn 10 % mill-2021 għall-perjodu ta' investigazzjoni.
- (311) Ġie smat li l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji fil-livell propost iżżid il-kost tal-manifattura tal-batterija għal dawn l-utenti b'massimu ta' 1 %. Meta wieħed iqis il-livell ta' żieda fil-kostijiet tal-manifattura fis-snin preċedenti u l-possibbiltà li parti minn din iż-żieda fil-kostijiet tiġi ttrasferita lill-konsumaturi, l-effett tad-dazju anti-dumping propost ikun limitat għal dawn l-utenti, peress li xorta jibqgħu profittabbli anki meta jitqiesu d-dazji anti-dumping proviżorji.
- (312) F'termini tal-provvista tal-EMD ta' kwalità għolja mill-produtturi tal-Unjoni, huwa nnotat li r-rekwiżiti ta' kwalità tal-EMD għall-produzzjoni tal-batteriji b'ċelloli xotti huma stabbiliti mill-produtturi tal-batteriji. B'mod ġenerali, iż-żewġ utenti li kkooperaw għandhom biss għadd limitat ta' fornituri tal-EMD (fl-Unjoni u fiċ-Ċina) li jikkorrispondu għar-rekwiżiti tal-kwalità tagħhom għal kwalunkwe grad tal-EMD. L-investigazzjoni kkonfermat li l-EMD ta' kwalità għolja ġew ipprovduti minn wieħed mill-produtturi tal-Unjoni lil wieħed mill-utenti li kkooperaw u l-proċess tal-ittestjar tal-kwalità kien għadu għaddej mat-tieni utent li kkoopera mill-2022. It-tieni produttur tal-Unjoni reġa' beda l-proċess tal-ittestjar tal-kwalità maż-żewġ utenti li kkooperaw fl-2022-2023. Abbażi ta' dawn il-fatti, jista' jiġi konkluż li l-industrija tal-Unjoni hija lesta u kapaċi tforni l-EMD ta' kwalità għolja għas-suq tal-Unjoni, skont id-domanda u r-rekwiżiti tal-utenti.
- (313) Barra minn hekk, meta jitqies l-għadd limitat tal-fornituri tal-EMD b'mod ġenerali, ta' min jinnota li l-għajbien tal-industrija tal-Unjoni tal-EMD probabbilment ikollu effett negattiv fuq is-sitwazzjoni u l-kompetizzjoni taż-żewġ utenti li kkooperaw fis-suq tal-Unjoni, peress li l-utenti tal-Unjoni jkunu kompletament dipendenti mill-manifatturi ta' pajjiżi terzi, filwaqt li s-sehem tal-EMD miksuba mill-produtturi tal-Unjoni kien għadu jirrappreżenta parti sinifikanti, jiġifieri b'kolloxx madwar [55–65] % fil-perjodu ta' investigazzjoni (u li jinkludi l-EMD ta' kwalità għolja ta' madwar [25–35] %).
- (314) Barra minn hekk, biex jiġu restawrati l-kundizzjonijiet ekwi fis-suq tal-Unjoni tal-EMD, l-industrija hija konformi mal-objettivi tal-inizjattiva dwar il-Materja Prima Kritika tal-Unjoni ⁽⁹³⁾, bil-għan li tiġi żgurata provvista sostenibbli ta' materja prima kritika. Il-manganiż huwa elenkat fost dawn il-materjali kritiċi, filwaqt li kemm l-EMD u l-produtturi tal-batteriji b'ċelloli xotti għandhom is-sehem tagħhom fil-katina tal-valur downstream tal-manganiż.

⁽⁹²⁾ Il-produzzjoni ta' batteriji ta' prestazzjoni għolja (madwar nofs in-negozju tagħhom) teħtieġ grad ta' EMD ta' prestazzjoni għolja ta' skariku.

⁽⁹³⁾ https://single-market-economy.ec.europa.eu/sectors/raw-materials/areas-specific-interest/critical-raw-materials_en (l-aħħar żjara saret fit-8 ta' Settembru 2023)

- (315) L-ebda tip ieħor ta' utent ma kkoopera mal-investigazzjoni u esprima t-tħassib tiegħu. Madankollu, Guizhou Manganese Mineral Group affermat ukoll li l-produtturi tal-Unjoni ma jistgħux ifornu għall-użu tat-teknoloġiji l-ġodda tal-batteriji (eż. batteriji għall-vetturi elettriċi), fejn jintużaw l-EMD ⁽⁹⁴⁾. Madankollu, dawn it-teknoloġiji għadhom ma humiex żviluppatti sa punt fejn l-EMD jintużaw fi produzzjoni fuq skala kbira. Dawn lanqas ma jintużaw mill-industrija tal-batteriji fl-Unjoni li tforni vetturi elettriċi. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.
- (316) Barra minn hekk, Guizhou Manganese Mineral Group affermat ukoll li ż-żewġ produtturi tal-Unjoni jfornu prinċipalment EMD bi grad tal-karbonju-żingu u alkalini, u li huwa diffiċli għalihom li jikkompetu u jaqblu mal-provvista ta' rekwiżiti differenti ta' kwalità u kwantità tal-utent fl-industrija għajr il-produzzjoni tal-batteriji b'ċelloli xotti. L-investigazzjoni kkonfermat li l-grad kollha tal-EMD għandhom l-istess proċess ta' produzzjoni ⁽⁹⁵⁾. Din ikkonfermat ukoll li kien hemm produzzjoni ⁽⁹⁶⁾ tal-grad differenti tal-EMD (minbarra l-karbonju-żingu u l-alkalina) għall-industrija l-oħra minbarra l-produzzjoni tal-batteriji b'ċelloli xotti alkalini fl-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dawn l-industrija l-oħra ma kellhomx speċifikazzjonijiet ta' kwalità għall-EMD, li jfisser li kellhom firxa wiesgħa ta' kwalità aċċettabbli, li l-industrija tal-Unjoni setgħet tforni, meta mitluba.
- (317) Autlan affermat li l-produzzjoni, il-bejgħ u l-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni, fost fatturi oħra, jiddependu mhux biss mill-pressjoni eżerċitata mill-importazzjonijiet tal-EMD miċ-Ċina, iżda wkoll mis-sitwazzjoni tal-utenti fl-Unjoni affettwati mill-importazzjonijiet ta' batteriji b'ċelloli xotti alkalini u mhux alkalini tad-diossidu tal-manganiż miċ-Ċina.
- (318) Il-Kummissjoni nnotat li l-parti ma pprovdietx informazzjoni dwar l-effett taż-żieda fl-importazzjonijiet ta' batteriji bħal dawn lill-utenti downstream matul il-perjodu kkunsidrat, bħat-telf effettiv tal-bejgħ, il-produzzjoni tagħhom, il-profittabbiltà u indikaturi oħra li jstgħu jkunu marbuta maż-żieda ta' dawn l-importazzjonijiet Ċiniżi ta' batteriji b'ċelloli xotti alkalini u mhux alkalini tad-diossidu tal-manganiż, għajr is-suppożizzjoni ta' bejgħ mitluf mill-utenti downstream lill-importazzjonijiet Ċiniżi u t-tnaqqis f'dawn il-prezzijiet tal-batteriji minn Ottubru 2022 sa April 2023 (perjodu mhux relatat mal-perjodu ta' investigazzjoni). Għall-kuntrarju, kif spjegat fil-premessa (309), il-produtturi tal-batteriji b'ċelloli xotti li kkooperaw fl-Unjoni kienu żammew l-istess livell tal-volum tal-bejgħ ġenerali tagħhom mill-2021 sal-perjodu ta' investigazzjoni u saħansitra żiedu b'[1-4] % fl-Unjoni. Iż-żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi ta' batteriji b'ċelloli xotti alkalini u mhux alkalini tad-diossidu tal-manganiż ma tidhirx li kellha effett fuq il-produtturi downstream tal-batteriji tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni u għalhekk il-produtturi tal-EMD tal-Unjoni ma setgħux jiġu affettwati mis-sitwazzjoni tal-utenti f'dan il-perjodu. Għaldaqstant, il-pretensjoni tal-parti ġiet miċħuda.
- (319) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa konkluż b'mod proviżorju li l-impożizzjoni ta' kwalunkwe miżura anti-dumping x'aktarx li ma taffettwax serjament is-sitwazzjoni tal-industrija tal-utenti.

7.4. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (320) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li f'dan l-istadju tal-investigazzjoni ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti li juru b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri fuq l-importazzjonijiet ta' EMD li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.
- (321) Kif spjegat fil-premessa (300) hawn fuq, din il-konklużjoni proviżorja hija mingħajr preġudizzju għall-konklużjonijiet tal-investigazzjoni dwar id-distorsjonijiet fil-materja prima, b'mod partikolari l-investigazzjoni dwar l-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku.

⁽⁹⁴⁾ Bħala materjal katodiku fil-fosfat tal-ħadid tal-manganiż tal-litju, fil-manganat tal-litju, fil-prekursur tal-bażi tal-manganiż tal-kobalt tan-nikil, eċċ.

⁽⁹⁵⁾ Il-proċess tal-produzzjoni jinkludi tliet fażijiet ewlenin: il-fażi **tat-tidwib** (it-tneħħija ta' impuritàjiet bħal Cr, Ni, Co, Mo u oħrajn), **l-elettroliżi** (fejn jistgħu jiġu prodotti gradi differenti ta' EMD tal-karbonju-żingu jew alkalini) u l-fażi **ta' wara t-trattament** (fejn jitneħħew l-impuritàjiet mill-elettroliżi u jiġu ddefiniti l-karatteristiċi tat-trab ottimali tal-EMD).

⁽⁹⁶⁾ Inqas minn 1 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

8. MIŻURI PROVIŻORJI ANTI-DUMPING

- (322) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità, tal-livell tal-miżuri u tal-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri proviżorji sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.
- (323) Miżuri anti-dumping proviżorji jenħtieġ li jiġu imposti fuq importazzjonijiet ta' diossidi tal-manganiż elettrolitiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, f'konformità mar-regola tad-dazju inferjuri fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni qabblet il-marġnijiet tad-dannu u l-marġnijiet tad-dumping. L-ammont tad-dazji għe stabbilit fil-livell l-aktar baxx tal-marġni tad-dumping u l-marġni tad-dannu.
- (324) Il-Kummissjoni se tikkonkludi l-analiżijiet tagħha dwar id-distorsjoni fil-materja prima f'konformità mal-Artikolu 7(2a) u 7(2b) tar-Regolament bażiku fl-istadju definittiv kif imsemmi fil-premessa (280).
- (325) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rati tad-dazju anti-dumping proviżorji, espressi skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping proviżorju
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Xiangtan	8,8 %
	Guiliu	0 %
	Daxin	15,8 %
	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	10,0 %
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	34,6 %

- (326) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabat matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju huma esklużivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat u mmanifatturat mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Dawn jenħtieġ li ma jkunu soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju anti-dumping individwali.
- (327) Sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' ċirkonvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji anti-dumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".
- (328) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, ma hijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Fil-fatt, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport bil-baħar, eċċ.) biex ikunu jistgħu jivverifikaw il-preċiżjoni tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata aktar baxxa tad-dazju tkun iġġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(329) Jekk l-espportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, din iż-żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni kontra ċ-ċirkonvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

9. INFORMAZZJONI FL-ISTADJU PROVIŻORJU

(330) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati dwar l-impożizzjoni ppjanata ta' dazji proviżorji. Din l-informazzjoni ġiet magħmula disponibbli wkoll għall-pubbliku ġenerali fuq is-sit web tad-DG TRADE. Il-partijiet interessati ngħataw tlett ijiem ta' xogħol sabiex jipprovdnu kummenti dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli ddivulgati b'mod speċifiku lilhom.

(331) Daxin issottomettiet kumment dwar it-trattament tal-VAT għall-espportazzjoni Ċiniża. Tosoh qajmet punt dwar il-kalkolu tal-profitt fil-mira. Autlan talbet li tiġi rrieżaminata u kkonfermata l-preċiżjoni tal-kalkolu tal-marġni tad-dumping ta' Daxin u talbet id-divulgazzjoni tad-*data* tal-espportatur immarkata bħala sensitiva fid-divulgazzjoni. Peress li l-ebda wieħed mill-kummenti ma qajjem xi tħassib dwar l-preċiżjoni tal-kalkoli divulgati, il-Kummissjoni se tindirizza dawn il-kummenti fl-istadju definittiv.

10. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

(332) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati jressqu kummenti bil-miktub u/jew jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċeduri kummerċjali fi żmien skadenza fissa.

(333) Is-sejbiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji proviżorji huma proviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazjuanti-dumping proviżorju huwa impost fuq l-importazzjonijiet tad-diossidi tal-manganiż elettrolitiċi (jiġifieri diossidi tal-manganiż prodotti permezz ta' proċess elettrolitiku) mhux trattati bis-sħana wara l-proċess elettrolitiku, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM ex 2820 10 00 (kodiċi TARIC 2820 10 00 10) u li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu ta' Ċina.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping proviżorju applikabbli għall-prezz nett, liberu fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandhom ikunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping proviżorju	Kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Repubblika tal-Poplu ta' Ċina	Xiangtan Electrochemical Scientific Ltd Jingxi Xiangtan electrochemical scientific ltd.	8,8 %	899N
	Guangxi Guilu New Material Co., Ltd Guangxi Xiatian Manganese Mine Co. LTD	0 %	899O
	Guangxi Daxin Huiyuan New Energy Technology Co., Ltd	15,8 %	899P

	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	10,0 %	
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	34,6 %	C999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi preżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ din il-fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: "Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-għoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju proviżorju.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

1. Il-partijiet interessati għandhom jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar dan ir-Regolament bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smiġ mal-Kummissjoni għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-partijiet interessati li jkunu jixtiequ jitolbu seduta ta' smiġ mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jeżamina t-talbiet li jiġu ppreżentati barra dan il-limitu ta' żmien u jista' jiddeċiedi jekk jaċċetta tali talbiet jekk ikun xieraq.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1 għandu japplika għal perjodu ta' 6 xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-12 ta' Ottubru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun

Pajjiż	Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Repubblika tal-Poplu ta' Ċina	Guizhou Redstar Developing Dalong Manganese Industry Co., Ltd.	899Q
	Guizhou Manganese Mineral Group Co., Ltd.	899R
	Prince Minerals China Ltd	899S
	Hunan Qingchong New Materials Co., Ltd.	899T